II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/1224

**tas-16 ta' Ottubru 2019**

**li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/2402 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw l-informazzjoni u d-dettalji ta' titolizzazzjoni li għandhom jitqiegħdu għad-dispożizzjoni mill-oriġinatur, mill-isponsor u mill-SSPE**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2017/2402 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 li jistabbilixxi qafas ġenerali għat-titolizzazzjoni u li joħloq qafas speċifiku għal titolizzazzjoni sempliċi, trasparenti u standardizzata, u li jemenda d-Direttivi 2009/65/KE, 2009/138/KE u 2011/61/UE u r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009 u (UE) Nru 648/2012 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 7(3) u 17(2)(a) tiegħu,

Billi:

(1) Il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 7(3) tar-Regolament (UE) 2017/2402 jirreferi għat-titolizzazzjonijiet kollha, li jinkludu titolizzazzjonijiet li għalihom irid jitfassal prospett skont ir-Regolament (UE) 2017/1129 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) (komunement imsejħa titolizzazzjonijiet "pubbliċi") u titolizzazzjonijiet li għalihom m'hemmx bżonn li jitfassal prospett ((komunement imsejħa titolizzazzjonijiet "privati"). L-Artikolu 17(2)(a) tar-Regolament (UE) 2017/2402 jirreferi għal titolizzazzjonijiet li jagħmlu l-informazzjoni disponibbli permezz ta' repożitorju tat-titolizzazzjoni, li ma jinkludux titolizzazzjonijiet privati. Sabiex jirrifletti din id-distinzjoni, dan ir-Regolament ġie organizzat f'taqsimiet separati li jispeċifikaw l-informazzjoni rigward it-titolizzazzjonijiet kollha u l-informazzjoni li tikkonċerna titolizzazzjonijiet pubbliċi biss.

(2) Id-divulgazzjoni ta' ċerta informazzjoni relatata ma' titolizzazzjoni hija neċessarja għall-investituri u għall-investituri potenzjali sabiex dawn ikunu jistgħu jagħmlu diliġenza dovuta b'mod effettiv u valutazzjoni tar-riskju xierqa tar-riskji ta' kreditu tal-iskoperturi sottostanti, ir-riskju tal-mudell, ir-riskju legali, ir-riskju operazzjonali, ir-riskju tal-kontroparti, ir-riskju tal-immaniġġjar, ir-riskju tal-likwidità, u r-riskju tal-konċentrazzjoni. L-informazzjoni li trid tiġi ddivulgata għandha tkun dettaljata biżżejjed ukoll sabiex tippermetti lill-entitajiet elenkati fl-Artikolu 17(1) tar-Regolament (UE) 2017/2402 sabiex jissorveljaw b'mod effettiv il-funzjonament ġenerali tas-swieq tat-titolizzazzjoni, ix-xejriet fil-gruppi ta' assi sottostanti, l-istrutturi tat-titolizzazzjoni, l-interkonnessjoni bejn il-kontropartijiet u l-effetti tat-titolizzazzjoni fuq ix-xenarju makrofinanzjarju usa' tal-Unjoni.

(3) It-titolizzazzjonijiet jakkomodaw ħafna tipi ta' skoperturi sottostanti, bħal self, lokazzjonijiet, djun, krediti jew riċevibbli oħrajn li jiġġeneraw fluss tal-flus. Għaldaqstant, xieraq li jiġu stabbiliti obbligi ta' rapportar imfassla apposta għat-tipi ta' skoperturi sottostanti li huma l-aktar prominenti fl-Unjoni, b'kunsiderazzjoni kemm tal-ammonti pendenti kif ukoll tal-preżenza fost il-lokalitajiet. Obbligi ta' rapportar speċifiċi għal skoperturi sottostanti "esoteriċi" li ma jikkonformawx mal-aktar tipi prominenti għandhom ikunu stabbiliti wkoll sabiex jiżguraw li jiġu ddivulgati t-tipi kollha ta' skoperturi sottostanti.

([1]) ĠU L 347, 28.12.2017, p. 35.

([2]) Ir-Regolament (UE) 2017/1129 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar il-prospett li għandu jiġi ppubblikat meta titoli jiġu offruti lill-pubbliku jew jiġu ammessi għall-kummerċ f'suq regolat, u li jħassar id-Direttiva 2003/71/KE (ĠU L 168, 30.6.2017, p. 12).

(4) Tip ta' skopertura sottostanti jista' jaqa' fi ħdan diversi settijiet possibbli ta' obbligi ta' rapportar skont dan ir-Regolament. F'konformità mal-prattika kurrenti tas-suq, l-informazzjoni dwar grupp ta' skoperturi sottostanti li huwa msawwar kollu kemm huwa minn skoperturi sottostanti awtomobilistiċi għandha tiġi rrapportata billi jintuża l-mudell korrispondenti fuq skoperturi sottostanti awtomobilistiċi pprovdut fl-Annessi għal dan ir-Regolament, indipendentement minn jekk l-iskoperturi sottostanti awtomobilistiċi humiex self jew lokazzjonijiet. Bl-istess mod, f'konformità mal-prattika kurrenti tas-suq, l-informazzjoni dwar grupp ta' skoperturi sottostanti li fih l-iskoperturi sottostanti huma lokazzjonijiet kollha kemm huma għandha tiġi rrapportata billi jintuża l-mudell korrispondenti dwar skoperturi sottostanti għal-lokazzjonijiet ipprovdut fl-Annessi għal dan ir-Regolament, sakemm il-grupp ta' skoperturi sottostanti ma jkunx imsawwar kollu kemm huwa minn lokazzjonijiet awtomobilistiċi, f'liema każ għandu jintuża l-mudell dwar l-iskoperturi sottostanti awtomobilistiċi pprovdut fl-Annessi għal dan ir-Regolament sabiex tiġi rrapportata l-informazzjoni.

(5) Għal raġunijiet ta' konsistenza, għandhom jiġu applikati termini relatati mas-self lil proprjetà immobbli residenzjali u kummerċjali li jidderivaw mir-Rakkomandazzjoni BERS/2016/14 tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku ([3]). F'konformità ma' dik ir-Rakkomandazzjoni, proprjetà li għandha użu kummerċjali u residenzjali mħallat għandha titqies li hija proprjetajiet differenti, fejn ikun fattibbli li jsir qsim bħal dan. Meta ma jkunx possibbli li jsir qsim bħal dan, il-proprjetà għandha tiġi kklassifikata skont l-użu dominanti tagħha.

(6) Sabiex tiġi pprovduta kontinwità mal-mudelli eżistenti għad-divulgazzjonijiet ta' ċerta informazzjoni, għandhom jiġu applikati wkoll termini relatati ma' intrapriżi mikro, żgħar u medji li jidderivaw mir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (2003/361/KE) ([4]). Bl-istess mod, għandhom jiġu applikati termini relatati ma' skoperturi sottostanti awtomobilistiċi, għall-konsumatur, għall-karti tal-kreditu, u għal-lokazzjonijiet li jidderivaw mir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/3 ([5]).

(7) Il-granularità tal-informazzjoni li trid tiġi ddivulgata għall-iskoperturi sottostanti tat-titolizzazzjoni mhux ABCP għandha tirrifletti l-fond fil-livell tas-self/tal-lokazzjonijiet użat fid-dispożizzjonijiet eżistenti dwar id-divulgazzjoni u l-ġbir tad-*data*. Għall-finijiet tad-diliġenza dovuta, tal-monitoraġġ u superviżorji, *data* disaggregata fil-livell tal-iskoperturi sottostanti hija siewja għall-investituri tat-titolizzazzjoni, għall-investituri potenzjali, għall-awtoritajiet kompetenti u, fir-rigward ta' titolizzazzjonijiet pubbliċi, għall-entitajiet l-oħra elenkati fl-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2017/2402. Barra minn hekk, *data* disaggregata fil-livell tal-iskoperturi sottostanti hija kruċjali sabiex tiġi restawrata l-kunfidenza tal-pubbliku u tal-investituri fis-swieq tat-titolizzazzjoni. Fir-rigward tal-ABCP, kemm in-natura ta' terminu qasir kif ukoll il-preżenza ta' forom addizzjonali ta' appoġġ minbarra l-iskoperturi sottostanti jnaqqsu l-ħtieġa għal *data* fil-livell tas-self/tal-lokazzjonijiet.

(8) Huwa anqas siewi għall-investituri, għall-investituri potenzjali, għall-awtoritajiet kompetenti u, fir-rigward ta' titolizzazzjonijiet pubbliċi, għall-entitajiet l-oħra elenkati fl-Artikolu 17(1) tar-Regolament (UE) 2017/2402, li jkomplu jirċievu informazzjoni dwar skoperturi "inattivi". Dan għaliex skoperturi "inattivi", bħal self li jsir inadempjenti b'ebda rkupru ulterjuri mistenni jew self li nfeda, tħallas minn qabel, tħassar, ġie riakkwistat jew sostitwit, ma jistgħux jibqgħu jikkontribwixxu għall-profil tar-riskju tat-titolizzazzjoni. Għaldaqstant, xieraq li l-informazzjoni dwar it-tranżizzjoni ta' skoperturi inattivi minn status "attiv" għal "inattiv" tiġi rrapportata għal raġunijiet ta' trasparenza, iżda m'hemmx bżonn li wara t-tali skoperturi jiġu rrapportati.

(9) Huwa possibbli li l-obbligi ta' rapportar skont ir-Regolament (UE) 2017/2402 jeħtieġu t-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' numru sostanzjali u ta' varjetà ta' dokumenti u ta' punti oħra. Sabiex jiġi ffaċilitat ir-rintraċċar tat-tali dokumentazzjoni, l-oriġinatur, l-isponsor jew l-SSPE għandhom jużaw sett ta' kodiċijiet tal-punti meta jqiegħdu l-informazzjoni għad-dispożizzjoni għal repożitorju tat-titolizzazzjoni.

(10) F'konformità mal-aħjar prattiki għall-obbligi ta' rapportar u sabiex jiġu assistiti l-investituri, l-investituri potenzjali, l-awtoritajiet kompetenti u, fir-rigward tat-titolizzazzjonijiet pubbliċi, l-entitajiet l-oħra elenkati fl-Artikolu 17(1) tar-Regolament (UE) 2017/2402 fir-rintraċċar tal-informazzjoni rilevanti, għandhom jiġu assenjati identifikaturi standardizzati għall-informazzjoni mqiegħda għad-dispożizzjoni. Barra minn hekk, dawk l-identifikaturi standardizzati għandhom ikunu uniċi u permanenti sabiex l-evoluzzjoni tal-informazzjoni dwar it-titolizzazzjoni tkun tista' tiġi ssorveljata b'mod effettiv maż-żmien.

---

([3]) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku tal-31 ta' Ottubru 2016 dwar l-għeluq ta' lakuni fid-*data* dwar il-proprjetà immobbli (BERS/2016/14) (ĠU C 31, 31.1.2017, p. 1).

([4]) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Mejju 2003 rigward id-definizzjoni ta' mikrointrapriżi, intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (2003/361/KE) (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36).

([5]) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/3 tat-30 ta' Settembru 2014 li jissupplimenta r-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji dwar rekwiżiti ta' divulgazzjoni għal strumenti finanzjarji strutturati (ĠU L 2, 6.1.2015, p. 57).

(11) Sabiex l-investituri, l-investituri potenzjali, l-awtoritajiet kompetenti u, fir-rigward tat-titolizzazzjonijiet pubbliċi, l-entitajiet l-oħra elenkati fl-Artikolu 17(1) tar-Regolament (UE) 2017/2402, ikunu meġħjuna fit-twettiq tad-diliġenza dovuta tagħhom u fl-issodisfar ta' obbligi oħra tagħhom skont dak ir-Regolament, huwa essenzjali li l-informazzjoni mqieġħda għad-dispożizzjoni tkun kompluta, konsistenti u aġġornata. Tibdil fil-karatteristiċi tar-riskju tal-iskoperturi sottostanti jew fil-flussi tal-flus aggregati ġġenerati minn dawk l-iskoperturi sottostanti jew f'informazzjoni oħra pprovduta fir-rapport għall-investitur jista' jħalli impatt materjali fuq il-prestazzjoni tat-titolizzazzjoni u jkollu effett sinifikanti fuq il-prezzijiet tas-segmenti/tal-bonds ta' dik it-titolizzazzjoni. Għaldaqstant, informazzjoni privileġġjata jew informazzjoni dwar avvenimenti sinifikanti għandha titqieġħed għad-dispożizzjoni, għat-titolizzazzjonijiet pubbliċi, malli l-informazzjoni dwar l-iskoperturi sottostanti u r-rapport għall-investitur jitqieġħdu għad-dispożizzjoni permezz ta' repożitorju tat-titolizzazzjoni. Barra minn hekk, għal titolizzazzjonijiet pubbliċi, informazzjoni privileġġjata jew informazzjoni dwar avvenimenti sinifikanti għandha tinkludi informazzjoni dettaljata dwar it-titolizzazzjonijiet mhux ABCP, il-programm tal-ABCP, it-tranżazzjoni ABCP, is-segmenti/il-bonds, il-kontijiet, il-kontropartijiet u l-informazzjoni dwar karatteristiċi li huma rilevanti għal titolizzazzjonijiet sintetiċi jew b'Obbligu Kollateralizzat ta' Self.

(12) Għal raġunijiet ta' trasparenza, meta l-informazzjoni ma tkunx tista' titqieġħed għad-dispożizzjoni jew ma tkunx applikabbli, jenħtieġ li l-oriġinatur, l-isponsor jew l-SSPE jissenjalaw u jispjegaw, b'mod standardizzat, ir-raġuni speċifika u ċ-ċirkustanzi li jispjegaw għaliex id-*data* ma ġietx irrapportata. Għaldaqstant, jenħtieġ li għal dak l-għan jiġi żviluppat sett ta' opzjonijiet "Ebda *data*" li jirrifletti l-prattiki eżistenti għad-divulgazzjonijiet ta' informazzjoni dwar it-titolizzazzjoni.

(13) Jenħtieġ li s-sett ta' opzjonijiet "Ebda *data*" ("ND") jintuża biss meta l-informazzjoni ma tkunx disponibbli għal raġunijiet ġustifikabbli, inkluż meta punt speċifiku tar-rapportar ma jkunx applikabbli minħabba l-eteroġeneità tal-iskoperturi sottostanti għal titolizzazzjoni partikolari. Madankollu, jenħtieġ li l-użu tal-opzjonijiet ND bl-ebda mod ma jikkostitwixxi ċirkomvenzjoni tal-obbligi ta' rapportar. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-użu tal-opzjonijiet ND jkun verifikabbli b'mod oġġettiv fuq bażi kontinwa, b'mod partikolari billi jiġu pprovduti spjegazzjonijiet lill-awtoritajiet kompetenti fi kwalunkwe ħin, fuq talba, dwar iċ-ċirkustanzi li wasslu għall-użu tal-valuri ND.

(14) Għal raġunijiet ta' akkuratezza, jenħtieġ li l-informazzjoni rrapportata tkun aġġornata. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-informazzjoni mqieġħda għad-dispożizzjoni tagħmel riferiment għal perjodu ta' żmien li huwa l-eqreb possibbli għad-data ta' sottomissjoni, b'kunsiderazzjoni xierqa tal-passi operazzjonali li jridu jittieħdu mill-oriġinatur, mill-isponsor, jew mill-SSPE sabiex jorganizzaw u jissottomettu l-informazzjoni meħtieġa.

(15) Id-dispożizzjonijiet f'dan ir-Regolament huma marbuta mill-qrib ma' xulxin, peress li jittrattaw l-informazzjoni dwar titolizzazzjoni li l-oriġinatur, l-isponsor jew l-SSPE ta' dik it-titolizzazzjoni jridu jqieġħdu għad-dispożizzjoni ta' diversi partijiet kif meħtieġ mir-Regolament (UE) 2017/2402. Sabiex tiġi żgurata koerenza bejn dawk id-dispożizzjonijiet, li jenħtieġ li jidħlu fis-seħħ fl-istess ħin, u sabiex jiġu ffaċilitati perspettiva komprensiva u aċċess effiċjenti għall-informazzjoni rilevanti kollha ta' titolizzazzjoni, hemm bżonn li l-istandards tekniċi regolatorji jiġu inklużi f'Regolament wieħed.

(16) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji ppreżentat mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) lill-Kummissjoni.

(17) L-ESMA għamlet konsultazzjoni pubblika miftuħa dwar l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji li fuqu huwa bbażat dan ir-Regolament, analizzat il-kostijiet u l-benefiċċji potenzjali relatati u talbet l-opinjoni tal-Grupp tal-Partijiet Interessati tat-Titoli u s-Swieq stabbilit bl-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]),

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "entità relatriċi" tfisser l-entità maħtura skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) 2017/2402;

([6]) Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq), li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84).

(2) "data limitu għad-*data*" tfisser id-data ta' referenza tal-informazzjoni li tkun qed tiġi rrapportata skont dan ir-Regolament;

(3) "skopertura sottostanti attiva" tfisser skopertura sottostanti li, fid-data limitu għad-*data*, tista' tkun mistennija tiġġenera dħul jew ħruġ ta' flus fil-ġejjieni;

(4) "skopertura sottostanti inattiva" tfisser skopertura sottostanti li saret inadempjenti b'ebda rkupru ulterjuri mistenni jew li nfdiet, tħallset minn qabel, tħassret, ġiet riakkwistata jew sostitwita;

(5) "proporzjon tal-kopertura tas-servizz tad-dejn" tfisser l-introjtu annwali mill-kiri ġġenerat minn proprjetà immobbli kummerċjali li jkun iffinanzjat fis-sħuħija tiegħu jew f'parti minnu minn dejn, nett mit-taxxi u nett minn kwalunkwe spiża operazzjonali għaż-żamma tal-valur tal-proprjetà, b'rabta mal-imgħax kombinat annwali u r-ripagament prinċipali fuq id-dejn totali ta' mutwatarju fuq perjodu partikolari fuq is-self garantit bil-proprjetà;

(6) "proporzjon tal-kopertura tal-imgħax" tfisser l-introjtu annwali gross mill-kiri, qabel l-ispejjeż operazzjonali u t-taxxi, dovut minn proprjetà mixtrija sabiex tinkera jew l-introjtu annwali nett mill-kera minn proprjetà immobbli kummerċjali jew minn sett ta' proprjetajiet b'rabta mal-kost tal-imgħax annwali tas-self garantit bil-proprjetà jew b'sett ta' proprjetajiet;

*TAQSIMA 1*

***Informazzjoni li għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni għat-titolizzazzjonijiet kollha***

*Artikolu 2*

**Informazzjoni dwar l-iskoperturi sottostanti**

(1) L-informazzjoni li trid titqiegħed għad-dispożizzjoni għal titolizzazzjoni mhux ABCP skont l-Artikolu 7(1)(a) tar-Regolament (UE) 2017/2402 hija speċifikata:

(a) fl-Anness II għal self lil unitajiet domestiċi privati garantit bi proprjetà immobbli residenzjali, indipendentement mill-iskop ta' dak is-self;

(b) fl-Anness III għal self għall-finijiet ta' xiri ta' proprjetà immobbli kummerċjali jew garantit bi proprjetà immobbli kummerċjali;

(c) fl-Anness IV għal skoperturi sottostanti korporattivi, li jinkludu skoperturi sottostanti għal intrapriżi mikro, żgħar u medji;

(d) fl-Anness V għal skoperturi sottostanti awtomobilistiċi, li jinkludu kemm self kif ukoll lokazzjonijiet lil persuni ġuridiċi jew fiżiċi koperti minn veikoli;

(e) fl-Anness VI għal skoperturi sottostanti għall-konsumatur;

(f) fl-Anness VII għal skoperturi sottostanti għall-karti tal-kreditu;

(g) fl-Anness VIII għal skoperturi sottostanti għal-lokazzjonijiet;

(h) fl-Anness IX għal skoperturi sottostanti li ma jaqgħux fi ħdan xi waħda mill-kategoriji stipulati fil-punti (a) sa (g).

Għall-finijiet tal-punt (a), proprjetà immobbli residenzjali tfisser kwalunkwe proprjetà immobbli, disponibbli għal skopijiet ta' abitazzjoni (inkluża dar jew proprjetà mixtrija sabiex tinkera), mixtrija, mibnija jew rinnovata minn unità domestika privata u li mhijiex kwalifikata bħala proprjetà immobbli kummerċjali.

Għall-finijiet tal-punt (b), proprjetà immobbli kummerċjali tfisser kwalunkwe proprjetà immobbli li tipproduċi introjtu, kemm jekk eżistenti jew li għadha qed tiġi żviluppata, u teskludi akkomodazzjoni soċjali u proprjetà li hija tal-utenti finali tagħha.

(2) Meta titolizzazzjoni mhux ABCP tinkludi aktar minn wieħed mit-tipi ta' skoperturi sottostanti elenkati fil-paragrafu 1, l-entità relatriċi għal dik it-titolizzazzjoni għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni l-informazzjoni speċifikata fl-Anness applikabbli għal kull tip ta' skopertura sottostanti.

(3) L-entità relatriċi għal titolizzazzjoni ta' skopertura improduttiva għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni l-informazzjoni speċifikata:

(a) fl-Annessi relatati mal-punti (a) sa (h) tal-paragrafu 1, skont kif ikun rilevanti għat-tip ta' skopertura sottostanti;

(b) fl-Anness X.

Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, "titolizzazzjoni ta' skopertura improduttiva" għandha titqies li hija titolizzazzjoni mhux ABCP li l-maġġoranza tal-iskoperturi sottostanti attivi tagħha, imkejla f'termini tal-bilanċ tal-prinċipal pendenti fid-data limitu għad-*data*, tinkludi wieħed jew waħda minn dawn li ġejjin:

(a) skoperturi improduttivi kif imsemmija fil-paragrafi 213 sa 239 tal-Anness V, Parti 2, għar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014 ([7]);

(b) assi finanzjarji bi kreditu indebolit kif definiti fl-Appendiċi A għall-Istandard Internazzjonali tar-Rapportar Finanzjarju 9 fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1126/2008 ([8]) jew assi finanzjarji meqjusa bi kreditu indebolit skont ir-regoli nazzjonali li japplikaw il-Prinċipji tal-Kontabilità Ġeneralment Aċċettati (GAAP) fuq il-bażi tad-Direttiva tal-Kunsill 86/635/KEE ([9]).

(4) L-entità relatriċi għal tranżazzjoni ABCP għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni l-informazzjoni speċifikata fl-Anness XI.

(5) Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, l-informazzjoni li għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni skont il-paragrafi 1 sa 4 għandha tkun dwar:

(a) skoperturi sottostanti attivi sad-data limitu għad-*data*;

(b) skoperturi sottostanti inattivi li kienu skoperturi sottostanti attivi fid-data limitu immedjatament preċedenti għad-*data*.

*Artikolu 3*

**Informazzjoni dwar ir-rapporti għall-investitur**

(1) L-entità relatriċi għal titolizzazzjoni mhux ABCP għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni l-informazzjoni dwar ir-rapporti għall-investitur speċifikata fl-Anness XII.

(2) L-entità relatriċi għal titolizzazzjoni ABCP għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni l-informazzjoni dwar ir-rapporti għall-investitur speċifikata fl-Anness XIII.

*Artikolu 4*

**Granularità tal-informazzjoni**

(1) L-entità relatriċi għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni l-informazzjoni speċifikata fl-Annessi II sa X u XII dwar dawn li ġejjin:

(a) skoperturi sottostanti, fir-rigward ta' kull skopertura sottostanti individwali;

(b) kollaterali, fejn tkun issodisfata xi waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin u fir-rigward ta' kull punt ta' kollateral li jiggarantixxi kull skopertura sottostanti:

  (i) l-iskopertura sottostanti hija garantita b'garanzija;

  (ii) l-iskopertura sottostanti hija garantita b'kollateral fiżiku jew finanzjarju;

  (iii) is-sellief jista' joħloq titolu b'mod unilaterali fuq l-iskopertura sottostanti mingħajr il-bżonn ta' xi approvazzjoni ulterjuri mid-debitur jew mill-garanti;

(c) kerrejja, għal kull wieħed mill-akbar tliet kerrejja li jokkupaw proprjetà immobbli kummerċjali, imkejla bħala l-kirja annwali totali pagabbli minn kull kerrej li jokkupa l-proprjetà;

(d) kollezzjonijiet storiċi, għal kull skopertura sottostanti u għal kull xahar fil-perjodu mid-data limitu għad-*data* sa sitta u tletin xahar qabel dik id-data;

([7]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014 tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni fir-rigward tar-rappurtar superviżorju ta' istituzzjonijiet skont ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 191, 28.6.2014, p. 1).

([8]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1126/2008 tat-3 ta' Novembru 2008 li jadotta ċerti standards internazzjonali tal-kontabilità skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 320 29.11.2008, p. 1).

([9]) Id-Direttiva tal-Kunsill 86/635/KEE tat-8 ta' Diċembru 1986 dwar il-kontijiet annwali u l-kontijiet konsolidati ta' banek u istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn (ĠU L 372, 31.12.1986, p. 1).

(e) flussi ta' flus, għal kull punt ta' dħul jew ta' ħruġ fit-titolizzazzjoni, kif stipulati fil-prijorità applikabbli tar-rikavati jew tal-pagamenti sad-data limitu għad-*data*;

(f) testijiet/avvenimenti/skattatur, għal kull test/avveniment/skattatur li jiskatta tibdiliet fil-prijorità tal-pagamenti jew is-sostituzzjoni ta' kwalunkwe kontroparti.

Għall-finijiet tal-punti (a) u (d), partijiet garantiti tas-self għandhom jiġu ttrattati bħala skoperturi sottostanti individwali.

Għall-finijiet tal-punt (b), kull proprjetà li taġixxi bħala garanzija għas-self imsemmija fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 2(1) għandha tiġi ttrattata bħala punt wieħed ta' kollateral.

(2) L-entità relatriċi għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni l-informazzjoni speċifikata fl-Annessi XI u XIII dwar dawn li ġejjin:

(a) tranżazzjonijiet ABCP, għal kull tranżazzjoni ABCP li teżisti fil-programm ABCP sad-data limitu għad-*data*;

(b) kull programm ABCP li qed jiffinanzja t-tranżazzjonijiet ABCP li għalihom titqiegħed għad-dispożizzjoni l-informazzjoni skont il-punt (a), sad-data limitu għad-*data*;

(c) testijiet/avvenimenti/skattatur, għal kull test/avveniment/skattatur fit-titolizzazzjoni ABCP li jiskatta tibdiliet fil-prijorità tal-pagamenti jew is-sostituzzjoni ta' kwalunkwe kontroparti;

(d) skoperturi sottostanti, għal kull tranżazzjoni ABCP li dwarha titqiegħed għad-dispożizzjoni informazzjoni skont il-punt (a) u għal kull tip ta' skopertura li huwa preżenti f'dik it-tranżazzjoni ABCP sad-data limitu għad-*data*, skont il-lista fil-kamp IVAL5 fl-Anness XI.

*TAQSIMA 2:*

***Informazzjoni li għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni għat-titolizzazzjonijiet li għalihom irid jitfassal prospett (titolizzazzjonijiet pubbliċi)***

*Artikolu 5*

**Kodiċijiet tal-punti**

L-entitajiet relaturi għandhom jassenjaw kodiċijiet tal-punti għall-informazzjoni mqiegħda għad-dispożizzjoni għar-repożitorji tat-titolizzazzjoni. Għal dan l-għan, l-entitajiet relaturi għandhom jassenjaw il-kodiċi tal-punt speċifikat fit-Tabella 3 tal-Anness I li jirrappreżenta bl-aħjar mod dik l-informazzjoni.

*Artikolu 6*

**Informazzjoni privileġġjata**

(1) L-entità relatriċi għal titolizzazzjoni mhux ABCP għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni l-informazzjoni privileġġjata speċifikata fl-Anness XIV.

(2) L-entità relatriċi għal titolizzazzjoni ABCP għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni l-informazzjoni privileġġjata speċifikata fl-Anness XV.

*Artikolu 7*

**Informazzjoni dwar avvenimenti sinifikanti**

(1) L-entità relatriċi għal titolizzazzjoni mhux ABCP għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni l-informazzjoni dwar avvenimenti sinifikanti speċifikati fl-Anness XIV.

(2) L-entità relatriċi għal titolizzazzjoni ABCP għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni l-informazzjoni dwar avvenimenti sinifikanti speċifikati fl-Anness XV.

*Artikolu 8*

**Granularità tal-informazzjoni**

(1) L-entità relatriċi għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni l-informazzjoni speċifikata fl-Anness XIV dwar dawn li ġejjin:

(a) is-segmenti/il-bonds fit-titolizzazzjoni, għal kull ħruġ ta' segment fit-titolizzazzjoni jew fi strument ieħor li għalihom ġie assenjat Numru Internazzjonali għall-Identifikazzjoni tat-Titoli u għal kull self subordinat fit-titolizzazzjoni;

(b) il-kontijiet, għal kull kont fit-titolizzazzjoni;

(c) il-kontropartijiet, għal kull kontroparti fit-titolizzazzjoni;

(d) fejn it-titolizzazzjoni tkun titolizzazzjoni mhux ABCP sintetika:

(i) il-kopertura sintetika, għal kemm-il arranġament ta' protezzjoni jeżisti fit-titolizzazzjoni;

(ii) il-kollateral tal-emittent, għal kull assi ta' kollateral individwali miżmum mill-SSPE f'isem investituri li jeżisti għall-arranġament ta' protezzjoni partikolari;

(e) fejn it-titolizzazzjoni tkun titolizzazzjoni mhux ABCP b'Obbligu Kollateralizzat ta' Self (CLO):

(i) il-maniġer tas-CLO, għal kull maniġer tas-CLO fit-titolizzazzjoni;

(ii) it-titolizzazzjoni tas-CLO.

Għall-finijiet tal-punt (d)(ii), kull assi li għalih jeżisti Numru Internazzjonali għall-Identifikazzjoni tat-Titoli għandu jiġi ttrattat bħala assi kollaterali individwali, kollateral fi flus tal-istess munita għandu jiġi aggregat u ttrattat bħala assi kollaterali individwali, u kollateral fi flus ta' muniti differenti għandu jiġi rrapportat bħala assi kollaterali separati.

(2) L-entità relatriċi għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni l-informazzjoni speċifikata fl-Anness XV dwar dawn li ġejjin:

(a) tranżazzjonijiet ABCP, għal kull tranżazzjoni ABCP li teżisti fil-programm ABCP sad-data limitu għad-*data*;

(b) programmi ABCP, għal kull programm ABCP li, fid-data limitu għad-*data*, ikun qed jiffinanzja t-tranżazzjonijiet ABCP li dwarhom titqiegħed għad-dispożizzjoni informazzjoni skont il-punt (a);

(c) is-segmenti/il-bonds fil-programm ABCP, għal kull ħruġ ta' segment jew ta' dokument kummerċjali fil-programm ABCP jew strument ieħor li għalih ġie assenjat Numru Internazzjonali għall-Identifikazzjoni tat-Titoli u għal kull self subordinat fil-programm ABCP;

(d) il-kontijiet, għal kull kont fit-titolizzazzjoni ABCP;

(e) il-kontropartijiet, għal kull kontroparti fit-titolizzazzjoni ABCP.

*TAQSIMA 3*

***Dispożizzjonijiet komuni***

*Artikolu 9*

**Kompletezza u konsistenza tal-informazzjoni**

(1) L-informazzjoni mqiegħda għad-dispożizzjoni skont dan ir-Regolament għandha tkun kompluta u konsistenti.

(2) Meta l-entità relatriċi tidentifika żbalji fattwali fi kwalunkwe informazzjoni li qiegħdet għad-dispożizzjoni skont dan ir-Regolament, din għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni, mingħajr dewmien żejjed, rapport ikkoreġut tal-informazzjoni kollha dwar it-titolizzazzjoni meħtieġa skont dan ir-Regolament.

(3) Meta dan ikun permess fl-Anness korrispondenti, l-entità relatriċi tista' tirrapporta wieħed mill-valuri tal-"Opzjoni Ebda *Data*" ("ND") li ġejjin li jikkorrispondi għar-raġuni li tiġġustifika l-indisponibbiltà tal-informazzjoni li għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni:

(a) il-valur "ND1", fejn l-informazzjoni meħtieġa ma tkunx inġabret minħabba li ma kinitx meħtieġa mill-kriterji dwar is-self jew is-sottoskrizzjoni fi żmien l-oriġinazzjoni tal-iskopertura sottostanti;

(b) il-valur "ND2", fejn l-informazzjoni meħtieġa ma tkunx inġabret fi żmien l-oriġinazzjoni tal-iskopertura sottostanti iżda ma tiddaħħalx fis-sistema ta' rapportar tal-entità relatriċi fid-data limitu għad-*data*;

(c) il-valur "ND3", fejn l-informazzjoni meħtieġa ma tkunx inġabret fi żmien l-oriġinazzjoni tal-iskopertura sottostanti iżda tkun imdaħħla f'sistema separata mis-sistema ta' rapportar tal-entità relatriċi fid-data limitu għad-*data*;

(d) il-valur "ND4-SSSS-XX-JJ", fejn l-informazzjoni meħtieġa tkun inġabret iżda ser ikun possibbli li titqiegħed għad-dispożizzjoni biss f'data li taħbat wara d-data limitu għad-*data*. "SSSS-XX-JJ" għandhom rispettivament jirreferu għas-sena, għax-xahar u għall-jum numeriċi li jikkorrispondu għad-data futura li fiha se titqiegħed għad-dispożizzjoni l-informazzjoni meħtieġa;

(e) il-valur "ND5", fejn l-informazzjoni meħtieġa ma tkun applikabbli għall-punt li jkun qed jiġi rrapportat.

Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, ir-rappurtar ta' kwalunkwe valur ND m'għandux jintuża biex jinħarbu r-rekwiżiti f'dan ir-Regolament.

Fuq talba mill-awtoritajiet kompetenti, l-entità relatriċi għandha tipprovdi dettalji dwar iċ-ċirkustanzi li jiġġustifikaw l-użu ta' dawk il-valuri ND.

*Artikolu 10*

**Puntwalità tal-informazzjoni**

(1) Meta titolizzazzjoni ma tkunx titolizzazzjoni ABCP, l-informazzjoni mqiegħda għad-dispożizzjoni skont dan ir-Regolament m'għandux ikollha data limitu għad-*data* li taħbat aktar tard minn xahrejn kalendarji qabel id-data ta' sottomissjoni.

(2) Meta titolizzazzjoni tkun titolizzazzjoni ABCP:

(a) l-informazzjoni speċifikata fl-Anness XI u fit-"taqsima tal-informazzjoni dwar it-tranżazzjoni" fl-Annessi XIII u XV m'għandux ikollha data limitu għad-*data* li taħbat aktar tard minn xahrejn kalendarji qabel id-data ta' sottomissjoni;

(b) l-informazzjoni speċifikata fl-Annessi XIII u XV għajr fit-"taqsima tal-informazzjoni dwar it-tranżazzjoni" m'għandux ikollha data limitu għad-*data* li taħbat aktar tard minn xahar kalendarju wieħed qabel id-data ta' sottomissjoni.

*Artikolu 11*

**Identifikaturi uniċi**

(1) Kull titolizzazzjoni għandha tiġi assenjata identifikatur uniku msawwar mill-elementi li ġejjin, f'ordni sekwenzjali:

(a) l-Identifikatur tal-Entità Ġuridika tal-entità relatriċi;

(b) l-ittra "A" meta t-titolizzazzjoni tkun titolizzazzjoni ABCP jew l-ittra "N" meta t-titolizzazzjoni tkun titolizzazzjoni mhux ABCP;

(c) is-sena b'erba' figuri li tikkorrispondi:

(i) għas-sena li fiha nħarġu l-ewwel titoli tat-titolizzazzjoni, meta t-titolizzazzjoni tkun titolizzazzjoni mhux ABCP;

(ii) għas-sena li fiha nħarġu l-ewwel titoli fi ħdan il-programm ABCP, meta t-titolizzazzjoni tkun titolizzazzjoni ABCP;

(d) in-numru 01 jew, meta jkun hemm aktar minn titolizzazzjoni waħda bl-istess identifikatur kif imsemmi fil-punti (a), (b) u (c), numru sekwenzjali b'żewġ figuri li jikkorrispondi għall-ordni li fih titqiegħed għad-dispożizzjoni informazzjoni dwar kull titolizzazzjoni. L-ordni tat-titolizzazzjonijiet simultanji għandu jkun diskrezzjonali.

(2) Kull tranżazzjoni ABCP fi programm ABCP għandha tiġi assenjata identifikatur uniku msawwar mill-elementi li ġejjin, f'ordni sekwenzjali:

(a) l-Identifikatur tal-Entità Ġuridika tal-entità relatriċi;

(b) l-ittra "T";

(c) is-sena b'erba' figuri li tikkorrispondi għall-ewwel data ta' għeluq tat-tranżazzjoni ABCP;

(d) in-numru 01 jew, meta jkun hemm aktar minn tranżazzjoni ABCP waħda bl-istess identifikatur kif imsemmi fil-punti (a), (b) u (c) ta' dan il-paragrafu, numru sekwenzjali b'żewġ figuri li jikkorrispondi għall-ordni tal-ewwel data ta' għeluq ta' kull tranżazzjoni ABCP. L-ordni tat-tranżazzjonijiet ABCP simultanji għandu jkun diskrezzjonali.

(3) L-identifikaturi uniċi m'għandhomx jiġu emendati mill-entità relatriċi.

*Artikolu 12*

**Rapportar tal-klassifikazzjonijiet**

(1) L-informazzjoni relatata mal-klassifikazzjoni tas-Sistema Ewropea tal-Kontijiet (ESA) 2010 imsemmija fir-Regolament (UE) Nru 549/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([10]) għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni billi jintużaw il-kodiċijiet stabbiliti fit-Tabella 1 tal-Anness I.

(2) L-informazzjoni relatata mal-klassifikazzjonijiet tas-Servizzjant tal-Lista ta' Sorveljanza għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni billi jintużaw il-kodiċijiet stabbiliti fit-Tabella 2 tal-Anness I.

*Artikolu 13*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Ottubru 2019.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Jean Claude JUNCKER

([10]) Ir-Regolament (UE) Nru 549/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar is-sistema Ewropea ta' kontijiet nazzjonali u reġjonali fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 174, 26.6.2013, p. 1).

*ANNESS I*

**Tabella 1: Sistema Ewropea ta' Kodiċijiet Siguri tal-Kontijiet**

| Setturi | Sottosetturi | Kodiċi ASE |
|---|---|---|
| **Korporazzjonijiet mhux finanzjarji** | Korporazzjonijiet pubbliċi mhux finanzjarji | S.11001 |
| | Korporazzjonijiet privati nazzjonali mhux finanzjarji | S.11002 |
| | Korporazzjonijiet mhux finanzjarji kkontrollati minn barra l-pajjiż | S.11003 |
| **Istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (MFIs)** | Bank ċentrali | S.121 |
| | Korporazzjonijiet pubbliċi li jieħdu depożiti minbarra l-bank ċentrali | S.12201 |
| | Korporazzjonijiet privati nazzjonali li jieħdu depożiti minbarra l-bank ċentrali | S.12202 |
| | Korporazzjonijiet ikkontrollati minn barra l-pajjiż li jieħdu depożiti minbarra l-bank ċentrali | S.12203 |
| | Fondi pubbliċi tas-suq monetarju (MMFs) | S.12301 |
| | Fondi privati nazzjonali tas-suq monetarju (MMFs) | S.12302 |
| | Fondi kkontrollati minn barra l-pajjiż tas-suq monetarju (MMFs) | S.12303 |
| **Korporazzjonijiet finanzjarji minbarra MFIs u Korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni u fondi tal-pensjonijiet (ICPFs)** | Fondi ta' investiment pubbliċi mhux MMF | S.12401 |
| | Fondi ta' investiment privati nazzjonali mhux MMF | S.12402 |
| | Fondi ta' investiment ikkontrollati minn barra l-pajjiż mhux MMF | S.12403 |
| | Intermedjarji finanzjarji pubbliċi oħra, minbarra korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni u fondi tal-pensjonijiet | S.12501 |
| | Intermedjarji finanzjarji privati nazzjonali oħra, minbarra korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni u fondi tal-pensjonijiet | S.12502 |
| | Intermedjarji finanzjarji oħra kkontrollati minn barra l-pajjiż, minbarra korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni u fondi tal-pensjonijiet | S.12503 |
| | Awżiljarji finanzjarji pubbliċi | S.12601 |
| | Awżiljarji finanzjarji privati nazzjonali | S.12602 |
| | Awżiljarji finanzjarji kkontrollati minn barra l-pajjiż | S.12603 |
| | Istituzzjonijiet finanzjarji kaptivi u selliefa tal-flus pubbliċi | S.12701 |
| | Istituzzjonijiet finanzjarji kaptivi u selliefa tal-flus privati nazzjonali | S.12702 |
| | Istituzzjonijiet finanzjarji kaptivi u selliefa tal-flus ikkontrollati minn barra l-pajjiż | S.12703 |

| | | |
|---|---|---|
| **ICPFs** | Korporazzjonijiet pubbliċi tal-assigurazzjoni | S.12801 |
| | Korporazzjonijiet privati nazzjonali tal-assigurazzjoni | S.12802 |
| | Korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni kkontrollati minn barra l-pajjiż | S.12803 |
| | Fondi pubbliċi tal-pensjonijiet | S.12901 |
| | Fondi privati nazzjonali tal-pensjonijiet | S.12902 |
| | Fondi tal-pensjonijiet ikkontrollati minn barra l-pajjiż | S.12903 |
| **Oħrajn** | Gvern ġenerali | S.13 |
| | Gvern ċentrali (eskluż l-fondi tas-sigurtà soċjali) | S.1311 |
| | Gvern tal-Istat (eskluż l-fondi tas-sigurtà soċjali) | S.1312 |
| | Gvern lokali (eskluż l-fondi tas-sigurtà soċjali) | S.1313 |
| | Fondi tas-sigurtà soċjali | S.1314 |
| | Unitajiet domestiċi | S.14 |
| | Impjegaturi u ħaddiema awtonomi | S.141+S.142 |
| | Impjegati | S.143 |
| | Riċevituri ta' introjtu mill-proprjetà u mit-trasferiment | S.144 |
| | Riċevituri ta' introjtu mill-proprjetà | S.1441 |
| | Riċevituri ta' pensjonijiet | S.1442 |
| | Riċevituri ta' trasferimenti oħra | S.1443 |
| | Istituzzjonijiet mingħajr skop ta' profitt li jservu unitajiet domestiċi | S.15 |
| | Stati Membri tal-Unjoni Ewropea | S.211 |
| | Istituzzjonijiet u korpi tal-Unjoni Ewropea | S.212 |
| | Pajjiżi li mhumiex membri u organizzazzjonijiet internazzjonali mhux residenti fl-Unjoni Ewropea | S.22 |

**Tabella 2: Kodiċijiet tal-Lista ta' Sorveljanza tas-Servizzjant**

| Kodiċi tal-Lista ta' Sorveljanza tas-Servizzjant | Tifsira | Livell Limitu tal-Inklużjoni | Livell Limitu tar-Rilaxx |
|---|---|---|---|
| 1 A | Pagament P&I delinkwenti | 2 pagamenti b'lura | Arretrati kklirjati u s-self huwa kurrenti. Żamma fil-Lista ta' Sorveljanza għal 2 trimestri/ perjodi |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1B | Tiġdid delinkwenti tal-assigurazzjoni jew kopertura mqiegħda furzata | Dovuti aktar minn 30 jum ilu | Riċevuta ta' prova ta' assigurazzjoni sodisfaċenti |
| 1C | Proporzjon tal-Kopertura tal-Imgħax anqas min-nassa tad-dividendi. | Proporzjon tal-Kopertura tal-Imgħax < mill-patt tas-self meħtieġ (nassa tal-flus jew livell ta' inadempjenza);<br>Proporzjon tal-Kopertura tal-Imgħax < 1.00 fuq bażi ta' self b'self | Proporzjon tal-Kopertura tal-Imgħax ogħla mil-livell limitu |
| 1D | Livell assolut tal-Proporzjon tal-Kopertura tas-Servizz tad-Dejn | Proporzjon tal-Kopertura tas-Servizz tad-Dejn < 1.00;<br>Proporzjon tal-Kopertura tas-Servizz tad-Dejn < 1.20 għall-kura tas-saħħa u għall-akkomodazzjoni; jew fuq bażi ta' self b'self | Proporzjon tal-Kopertura tas-Servizz tad-Dejn ogħla mil-livell limitu |
| 1E | Proporzjon tal-Kopertura tas-Servizz tad-Dejn jonqos mid-"Data tat-Titolizzazzjoni" | Proporzjon tal-Kopertura tas-Servizz tad-Dejn < 80 % mill-Proporzjon tal-Kopertura tas-Servizz tad-Dejn fid-"Data tat-Titolizzazzjoni" | Proporzjon tal-Kopertura tas-Servizz tad-Dejn ogħla mil-livell limitu. Żamma fil-Lista ta' Sorveljanza għal 2 trimestri/perjodi |
| 1F | Ipoteki subordinati mhux divulgati preċedenti inadempjenti, maturati jew skoperti inkluż self intermedju. | Meta tiġi riċevuta notifika mis-servizzjant | L-inadempjenza ġiet rimedjata jew id-dejn subordinat ġie approvat mis-servizzjant |
| 1G | Kwalunkwe prelevament mhux ippjanat fuq ittra ta' kreditu, riżerva tas-servizz tad-dejn, jew kapital operatorju għall-ħlas tas-servizz tad-dejn | Kwalunkwe okkorrenza jew fuq bażi ta' self b'self. | Wara l-fondi jew l-Ittra ta' Kreditu sostitwita jekk meħtieġa mid-dokumenti, inkella wara żewġ Dati ta' Pagament tal-Imgħax b'ebda prelevament ulterjuri |
| 2 A | Tiswijiet meħtieġa assoluti riżervati fl-għeluq, jew inkella ddivulgati lis-servizzjant, iżda mhux kompletati sad-data ta' maturità | Jekk it-tiswija meħtieġa ma titlestiex fi żmien 60 jum mid-data ta' maturità (inklużi l-estensjonijiet approvati mis-Servizzjant) u tkun l-anqas waħda bejn 10 % mill-bilanċ tal-kapital mhux imħallas jew €250,000 | Verifika sodisfaċenti li t-tiswijiet twettqu |
| 2 B | Kwalunkwe nuqqas fil-pjan ta' nfiq meħtieġ (jiġifieri: capex, FF&E) | Kwalunkwe għarfien dwar nuqqas li jaffettwa b'mod avvers il-prestazzjoni jew il-valur ta' proprjetà; fuq bażi ta' self b'self/materjal (> 5 % mill-bilanċ pendenti tas-self) | Meta jiġu rimedjati n-nuqqasijiet tal-pjan |
| 2C | Okkorrenza ta' kwalunkwe event skattatur fid-dokumenti tas-self ipotekarju. (eż. ħlas supplimentari meħtieġ għas-self, stazzjonar ta' riżervi addizzjonali, livelli limitu minimi miksura, eċċ.) | Kwalunkwe okkorrenza | Rimedju tal-event li kien jeħtieġ azzjoni skont id-dokumenti tal-ipoteka |
| 2D | Verifika tal-prestazzjoni finanzjarja. Skedi dwar il-pussess jew dikjarazzjonijiet operazzjonali mhux sodisfaċenti jew mhux ipprovduti, eċċ. | Kwalunkwe okkorrenza għal 6 xhur jew aktar | Rimedju tal-event li kien jeħtieġ azzjoni skont id-dokumenti tal-ipoteka |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 2E | Inadempjenza ta' liċenzja operazzjonali jew ta' ftehim ta' franchising | Meta tiġi riċevuta notifika mis-servizzjant | Franchise jew liċenzja ġdida fisseħħ, jew ġiet rimedjata inadempjenza taħt franchise jew liċenzja - Ftehim dwar ir-relazzjoni |
| 2F | Falliment tal-mutwatarju/tas-sid/tal-isponsor jew event simili (eż. arranġament/proċeduri ta' insolvenza, falliment, riċevitura, likwidazzjoni, arranġament volontarju tal-kumpanija (CVA)/arranġament volontarju individwali (IVA)), isir is-suġġett ta' ordni ta' stralċ, ta' petizzjoni ta' falliment jew ta' xi proċedura oħra. | Meta tiġi riċevuta notifika mis-servizzjant | Iż-żamma fil-Lista ta' Sorveljanza sad-Data tal-Ħlas tal-Imgħax wara r-rimedju. |
| 3 A(i) | Spezzjoni ssib kundizzjoni batuta | Kwalunkwe okkorrenza fuq bażi ta' self b'self/materjali 5 % > mill-introjtu nett mill-kiri (NRI) | Fid-diskrezzjoni tas-Servizzjant li n-nuqqasijiet tal-proprjetà jiġu rimedjati jew li jingħata aċċess u li titlesta l-ispezzjoni |
| 3 A(ii) | Spezzjoni ssib aċċessibbiltà batuta | Kwalunkwe okkorrenza fuq bażi ta' self b'self/materjali 5 % > mill-introjtu nett mill-kiri (NRI) | Fid-diskrezzjoni tas-Servizzjant li n-nuqqasijiet tal-proprjetà jiġu rimedjati jew li jingħata aċċess u li titlesta l-ispezzjoni |
| 3 B | Spezzjoni ssib problema ambjentali dannuża | Kwalunkwe okkorrenza | Fid-diskrezzjoni tas-Servizzjant li n-nuqqasijiet fil-proprjetà jiġu rrimedjati |
| 3C | Proprjetajiet affettwati minn diżgrazzja kbira jew minn proċedura ta' esproprjazzjoni li taffettwa l-flussi tal-flus futuri, il-valur/twaqqigħ tal-valur tal-inħawi/attenzjoni. | Meta s-servizzjant isir jaf bil-problema u tkun taffettwa > 10 % tal-valur jew €500,000 | Fid-diskrezzjoni tas-Servizzjant li t-tiswijiet neċessarji kollha jitwettqu b'mod sodisfaċenti jew li l-proċeduri ta' kundanna jkunu tlestew u li l-ass ikun jista' jkollu prestazzjoni sodisfaċenti |
| 4 A | Tnaqqis fl-okkupanza tal-portafoll tal-proprjetà ġenerali | 20 % anqas mil-livell tad-"Data ta' Titolizzazzjoni"; fuq bażi ta' self b'self | Meta l-kundizzjoni ma tibqax teżisti |
| 4 B | Kwalunkwe kerrej 1 jew taħlita tal-EWWEL 3 KERREJJA (fuq il-bażi tal-kirja gross) b'lokazzjonijiet > 30 % li jiskadu fi żmien it-12-il xahar li jmiss. | Japplika biss għall-uffiċċju, industrijali u l-bejgħ bl-imnut. | Meta l-kundizzjoni ma tibqax teżisti jew bid-diskrezzjoni tas-Servizzjant. |
| 4C | Lokazzjoni jew lokazzjonijiet ta' kerrejja maġġuri li huma inadempjenti, terminati jew hekk msejħa mudlama (Mhux okkupati, iżda l-kirja qed titħallas) | > 30 % Introjtu Nett mill-Kiri | Meta l-kundizzjoni ma tibqax teżisti, jew bid-diskrezzjoni tas-Servizzjant. |
| 5 A | Sal-maturità tas-self | < 180 jum sal-maturità | Is-self jitħallas kollu. |

**Tabella 3: Tipi ta' entrati u kodiċijiet**

| Tip ta' entrata | Artikolu/i tar-Regolament (UE) 2017/2402 | Kodiċi tal-punt |
|---|---|---|
| Skoperturi sottostanti jew riċevibbli sottostanti jew talbiet ta' kreditu | 7(1)(a) | 1 |
| Rapporti għall-investituri | 7(1)(e) | 2 |
| Dokument tal-offerta finali; prospett; dokumentazzjoni tat-tranżazzjoni tal-għeluq, esklużi opinjonijiet legali | 7(1)(b)(i) | 3 |
| Ftehim ta' bejgħ tal-assi; assenjazzjoni; ftehim ta' novazzjoni jew ta' trasferiment; kwalunkwe dikjarazzjoni ta' fiduċja rilevanti | 7(1)(b)(ii) | 4 |
| Derivattivi u ftehimiet ta' garanziji; kwalunkwe dokument rilevanti dwar l-arranġamenti ta' kollateralizzazzjoni li fihom l-iskoperturi titolizzati jibqgħu skoperturi tal-oriġinatur | 7(1)(b)(iii) | 5 |
| Servizzjar; servizzjar ta' riżerva; ftehimiet ta' amministrazzjoni u ta' ġestjoni tal-likwidità | 7(1)(b)(iv) | 6 |
| Att fiduċjarju; att ta' garanzija; ftehim ta' aġenzija; ftehim ta' kont tal-bank; kuntratt ta' investiment garantit; termini inkorporati jew qafas ta' fiduċja prinċipali jew ftehim ta' definizzjonijiet prinċipali jew dokumentazzjoni legali bħal din b'valur legali ekwivalenti | 7(1)(b)(v) | 7 |
| Ftehimiet interkredituri; dokumentazzjoni tad-derivattivi; ftehimiet ta' self subordinat; ftehimiet ta' self għall-ftuħ ta' negozju u ftehimiet ta' faċilità ta' likwidità | 7(1)(b)(vi) | 8 |
| Kwalunkwe dokumentazzjoni sottostanti oħra li hija essenzjali għall-fehim tat-tranżazzjoni | 7(1)(b) | 9 |
| Notifika sempliċi, trasparenti u standardizzata skont l-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) 2017/2402 | 7(1)(d) | 10 |
| Informazzjoni privileġġjata relatata mat-titolizzazzjoni li l-oriġinatur, l-isponsor jew l-SSPE huma obbligati jagħmlu pubblika skont l-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) | 7(1)(f) | 11 |
| Event sinifikanti, bħal:<br>(i) ksur materjali tal-obbligi stabbiliti fid-dokumenti magħmula disponibbli skont l-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/2402, inklużi kwalunkwe rimedju, rinunzja jew kunsens li jiġu pprovduti wara b'rabta mat-tali ksur;<br>(ii) bidla fil-karatteristiċi strutturali li tista' tħalli impatt materjali fuq il-prestazzjoni tat-titolizzazzjoni;<br>(iii) bidla fil-karatteristiċi tar-riskju tat-titolizzazzjoni jew tal-iskoperturi sottostanti li jista' jkollha impatt materjali fuq il-prestazzjoni tat-titolizzazzjoni;<br>(iv) fil-każ ta' titolizzazzjonijiet STS, meta t-titolizzazzjoni ma tibqax tissodisfa r-rekwiżiti STS jew meta l-awtoritajiet kompetenti jkunu ħadu azzjonijiet ta' rimedju jew amministrattivi;<br>(v) kwalunkwe emenda materjali għad-dokumenti ta' tranżazzjoni. | 7(1)(g) | 12 |

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar l-abbuż tas-suq (Regolament dwar l-abbuż tas-suq) u li jħassar id-Direttiva 2003/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttivi tal-Kummissjoni 2003/124/KE, 2003/125/KE u 2004/72/KE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 1).

*ANNESS II*

**INFORMAZZJONI DWAR L-ISKOPERTURI SOTTOSTANTI - PROPRJETÀ IMMOBBLI RESIDENZJALI (RRE)**

| Kamp tal-kodiċi | Isem tal-kamp | Kontenut li għandu jiġi rrapportat | ND1-ND4 permessi? | ND5 permessi? |
|---|---|---|---|---|
| Taqsima ta' informazzjoni dwar l-iskoperturi sottostanti | | | | |
| RREL1 | Identifikatur Uniku | L-identifikatur uniku assenjat mill-entità relatriċi skont l-Artikolu 11(1) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/1224 ([1]). | LE | LE |
| RREL2 | Identifikatur Oriġinali tal-Iskopertura Sottostanti | Identifikatur uniku tal-iskopertura sottostanti L-identifikatur irid ikun differenti minn kwalunkwe numru ta' identifikazzjoni estern, sabiex tiġi żgurata l-anonimità tad-debitur. L-entità relatriċi ma tistax temenda dan l-identifikatur uniku. | LE | LE |
| RREL3 | Identifikatur Ġdid tal-Iskopertura Sottostanti | Jekk l-identifikatur oriġinali fil-kamp RREL2 ma jistax jinżamm f'dan il-kamp, daħħal l-identifikatur il-ġdid hawnhekk. Jekk ma seħħ l-ebda tibdil fl-identifikatur, daħħal l-istess identifikatur bħal fl-RREL2. L-entità relatriċi ma tistax temenda dan l-identifikatur uniku. | LE | LE |
| RREL4 | Identifikatur Oriġinali tad-Debitur | Identifikatur oriġinali uniku tad-debitur. L-identifikatur irid ikun differenti minn kwalunkwe numru ta' identifikazzjoni estern, sabiex tiġi żgurata l-anonimità tad-debitur. L-entità relatriċi ma tistax temenda dan l-identifikatur uniku. | LE | LE |
| RREL5 | Identifikatur Ġdid tad-Debitur | Jekk l-identifikatur oriġinali fil-kamp RREL4 ma jistax jinżamm f'dan il-kamp, daħħal l-identifikatur il-ġdid hawnhekk. Jekk ma seħħ l-ebda tibdil fl-identifikatur, daħħal l-istess identifikatur bħal fl-RREL4. L-entità relatriċi ma tistax temenda dan l-identifikatur uniku. | LE | LE |
| RREL6 | Data Limitu għad-*Data* | Id-data limitu għad-*data* għal din is-sottomissjoni ta' *data*. | LE | LE |
| RREL7 | Data taż-Żieda fil-Pula | Id-data li fiha l-iskopertura sottostanti ġiet ittrasferita fl-SSPE. Għall-iskopertura sottostanti kollha fil-pula sad-data limitu fl-ewwel rapport sottomess lir-repożitorju ta' titolizzazzjoni, jekk din l-informazzjoni mhijiex disponibbli, daħħal l-aktar waħda tard bejn: (i) id-data ta' għeluq tat-titolizzazzjoni, u (ii) id-data ta' oriġinazzjoni tal-iskopertura sottostanti. | LE | IVA |
| RREL8 | Data tar-Riakkwist | Id-data li fiha l-iskopertura sottostanti ġiet riakkwistata mill-grupp. | LE | IVA |
| RREL9 | Data tat-Tifdija | Id-data li fiha l-kont infeda jew (għal skoperturi sottostanti inadempjenti) id-data li fiha tlesta l-proċess ta' rkupru. | LE | IVA |
| RREL10 | Residenti | Id-debitur primarju huwa resident tal-pajjiż li fih jirresjedu l-kollateral u l-iskopertura sottostanti? | IVA | LE |

| Kamp tal-kodiċi | Isem tal-kamp | Kontenut li għandu jiġi rrapportat | ND1-ND4 permessi? | ND5 permessi? |
|---|---|---|---|---|
| RREL11 | Reġjun Ġeografiku - Debitur | Ir-reġjun ġeografiku (klassifikazzjoni NUTS3) fejn jinsab id-debitur. Fejn il-Eurostat ma jkun ipproduċa ebda klassifikazzjoni NUTS3 (eż. ġurisdizzjoni mhux tal-UE), daħħal il-kodiċi tal-pajjiż b'żewġ figuri fil-format {COUNTRYCODE_2} segwit minn "ZZZ". | IVA | LE |
| RREL12 | Klassifikazzjoni tar-Reġjun Ġeografiku | Daħħal is-sena tal-klassifikazzjoni NUTS3 użata għall-kampijiet tar-Reġjun Ġeografiku, eż. 2013 għal NUTS3 2013. Il-kampijiet kollha tar-reġjun ġeografiku jridu jużaw l-istess klassifikazzjoni b'mod konsistenti għal kull skopertura sottostanti u fl-iskoperturi sottostanti kollha fis-sottomissjoni tad-*data*. Pereżempju, ir-rapportar bl-użu tal-NUTS3 2006 għal ċerti kampijiet ġeografiċi relatati ma' skopertura sottostanti partikolari u r-rapportar bl-użu tal-NUTS3 2013 għal kampijiet oħra relatati mal-istess skopertura mhumiex permessi. Bl-istess mod, ir-rapportar tal-kampijiet tar-reġjun ġeografiku bl-użu tal-NUTS3 2006 għal ċerti skoperturi sottostanti u r-rapportar ta' kampijiet tar-reġjun ġeografiku bl-użu tal-NUTS3 2013 għal skoperturi sottostanti oħra fl-istess sottomissjoni tad-*data* mhumiex permessi. | IVA | LE |
| RREL13 | Status fl-Impjieg | L-istatus fl-impjieg tad-debitur primarju:<br>Impjegat - Settur Privat (EMRS)<br>Impjegat - Settur Pubbliku (EMBL)<br>Impjegat - Settur Mhux Magħruf (EMUK)<br>Qiegħed (UNEM)<br>Jaħdem Għal Rasu (SFEM)<br>Ebda Impjieg, Debitur huwa Entità Ġuridika (NOEM)<br>Student (STNT)<br>Pensjonant (PNNR)<br>Oħrajn (OTHR) | IVA | LE |
| RREL14 | Debitur b'Indeboliment tal-Kreditu | Ikkonferma li, skont l-Artikolu 20(11) tar-Regolament (UE) 2017/2402, fil-mument li fih din l-iskopertura sottostanti ntgħażlet għat-trasferiment lill-SSPE, l-iskopertura la kienet f'inadempjenza skont it-tifsira tal-Artikolu 178(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u lanqas ma kienet tikkostitwixxi skopertura għal debitur jew għal garanti b'indeboliment tal-kreditu, li, sal-aħjar għarfien tal-oriġinatur jew tas-sellief oriġinali:<br>(a) ikun ġie ddikjarat insolventi jew kellu qorti li tat lill-kredituri tiegħu dritt finali mhux appellabbli ta' infurzar jew danni materjali bħala riżultat ta' pagament maqbuż fi żmien tliet snin qabel id-data ta' oriġinazzjoni jew ikun għadda minn proċess ta' ristrutturar tad-dejn fir-rigward tal-iskoperturi improduttivi tiegħu fi żmien tliet snin qabel id-data ta' trasferiment jew assenjazzjoni tal-iskoperturi sottostanti lill-SSPE, ħlief jekk:<br>(i) skopertura sottostanti ristrutturata ma tkunx ippreżentat arretrati ġodda mid-data tar-ristrutturar li kellu jseħħ għall-anqas sena qabel id-data tat-trasferiment jew l-assenjazzjoni tal-iskoperturi sottostanti lill-SSPE; u | LE | IVA |

| Kamp tal-kodiċi | Isem tal-kamp | Kontenut li għandu jiġi rrapportat | ND1-ND4 permessi? | ND5 permessi? |
|---|---|---|---|---|
| | | (ii) l-informazzjoni pprovduta mill-oriġinatur, mill-isponsor u mill-SSPE skont il-punti (a) u (e)(i) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 7(1), b'mod espliċitu tistabbilixxi il-proporzjon tal-iskoperturi sottostanti ristrutturati, il-ħin u d-dettalji tar-ristrutturar kif ukoll il-prestazzjoni tagħhom mid-data tar-ristrutturar;<br>(b) kien, fiż-żmien tal-oriġinazzjoni, fejn applikabbli, fuq reġistru ta' kreditu pubbliku ta' persuni b'każijiet ta' kreditu negattivi jew, fejn ma jkunx hemm tali reġistru ta' kreditu pubbliku, reġistru ta' kreditu ieħor li jkun disponibbli għall-oriġinatur jew għas-sellief oriġinali; jew<br>(c) għandu klassifikazzjoni tal-kreditu jew evalwazzjoni tal-kreditu li tindika li r-riskju li ma jsirux il-pagamenti kuntrattwalment maqbulin huwa ferm ogħla minn dak ta' skoperturi komparabbli miżmuma mill-oriġinatur li mhumiex titolizzati.<br>Ir-ristrutturar jirreferi għal kwalunkwe tibdil li jsir fit-termini kuntrattwali tal-ftehim dwar l-iskopertura sottostanti minħabba tolleranza, inklużi pawżi mill-pagamenti, kapitalizzazzjoni tal-arretrati, tibdil fil-bażi tar-rata tal-imgħax jew fil-marġini, tariffi, penali, maturità u/jew miżuri oħra aċċettati b'mod ġenerali ta' ristrutturar minħabba tolleranza. | | |
| RREL15 | Tip ta' Klijent | Tip ta' klijent fl-oriġinazzjoni:<br>Klijent ġdid u mhux impjegat/affiljat mal-grupp tal-oriġinatur (CNEO)<br>Klijent ġdid u impjegat/affiljat mal-grupp tal-oriġinatur (CEMO)<br>Klijent ġdid u impjegat/affiljazzjoni mhux irreġistrati (CNRO)<br>Klijent eżistenti u mhux impjegat/affiljat mal-grupp tal-oriġinatur (ENEO)<br>Klijent eżistenti u impjegat/affiljat mal-grupp tal-oriġinatur (EEMO)<br>Klijent eżistenti u impjegat/affiljazzjoni mhux irreġistrati (ENRO)<br>Oħrajn (OTHR) | IVA | LE |
| RREL16 | Introjtu Primarju | L-introjtu annwali tad-debitur primarju użat għas-sottoskrizzjoni tal-iskopertura sottostanti fi żmien l-oriġinazzjoni. Meta d-debitur primarju jkun persuna/entità ġuridika, daħħal id-dħul annwali ta' dak id-debitur.<br>Inkludi l-munita li fiha huwa denominat l-ammont, billi tuża l-format {CURRENCYCODE_3}. | IVA | LE |
| RREL17 | Tip ta' Introjtu Primarju | Indika x'introjtu huwa muri f'RREL16:<br>Introjtu annwali gross (GRAN)<br>Introjtu annwali nett (nett mit-taxxa u mis-sigurtà soċjali) (NITS) | IVA | LE |

| Kamp tal-kodiċi | Isem tal-kamp | Kontenut li għandu jiġi rrapportat | ND1-ND4 permessi? | ND5 permessi? |
|---|---|---|---|---|
| | | Introjtu annwali nett (nett mit-taxxa biss) (NITX)<br>Introjtu annwali nett (nett mis-sigurtà soċjali biss) (NTIN)<br>Introjtu annwali nett stmat (nett mit-taxxa u mis-sigurtà soċjali) (ENIS)<br>Introjtu annwali nett stmat (nett mit-taxxa biss) (EITX)<br>Introjtu annwali nett stmat (nett mis-sigurtà soċjali biss) (EISS)<br>Introjtu disponibbli (DSPL)<br>Mutwatarju huwa entità ġuridika (CORP)<br>Oħrajn (OTHR) | | |
| RREL18 | Munita tal-Introjtu Primarju | Munita li fiha jitħallas l-introjtu jew id-dħul tad-debitur primarju. | IVA | LE |
| RREL19 | Verifika tal-Introjtu Primarju | Verifika tal-Introjtu Primarju:<br>Awtoċertifikat ebda Kontroll (SCRT)<br>Awtoċertifikat b'Konferma tal-Affordabbiltà (SCNF)<br>Verifikat (VRFD)<br>Introjtu Mhux Verifikat jew Proċedura Rapida (NVRF)<br>Informazzjoni jew Punteġġ tal-Uffiċċju ta' Kreditu (SCRG)<br>Oħrajn (OTHR) | IVA | LE |
| RREL20 | Introjtu Sekondarju | L-introjtu annwali tad-debitur sekondarju użat għas-sottoskrizzjoni tal-iskopertura sottostanti fi żmien l-oriġinazzjoni. Meta d-debitur sekondarju jkun persuna/entità ġuridika, daħħal id-dħul annwali ta' dak id-debitur. Meta jkun hemm aktar minn żewġ debituri f'din l-iskopertura sottostanti, indika l-introjtu kombinat annwali totali fost id-debituri kollha f'dan il-kamp. Inkludi l-munita li fiha huwa denominat l-ammont, billi tuża l-format {CURRENCYCODE_3}. | IVA | IVA |
| RREL21 | Verifika tal-Introjtu Sekondarju | Verifika tal-introjtu għall-introjtu sekondarju:<br>Awtoċertifikat ebda Kontroll (SCRT)<br>Awtoċertifikat b'Konferma tal-Affordabbiltà (SCNF)<br>Verifikat (VRFD)<br>Introjtu Mhux Verifikat jew Proċedura Rapida (NVRF)<br>Informazzjoni jew Punteġġ tal-Uffiċċju ta' Kreditu (SCRG)<br>Oħrajn (OTHR) | IVA | IVA |
| RREL22 | Skema Speċjali | Jekk l-iskopertura sottostanti hija rregolata minn xi arranġament speċjali tas-settur pubbliku, daħħal l-isem sħiħ (mingħajr abbrevjazzjonijiet) tal-arranġament hawnhekk. | IVA | IVA |
| RREL23 | Data tal-Oriġini | Data tal-avvanz oriġinali tal-iskopertura sottostanti. | IVA | LE |

| Kamp tal-kodiċi | Isem tal-kamp | Kontenut li għandu jiġi rrapportat | ND1-ND4 permessi? | ND5 permessi? |
|---|---|---|---|---|
| RREL24 | Data ta' Maturità | Id-data ta' maturità tal-iskopertura sottostanti jew l-iskadenza tal-lokazzjoni. | LE | IVA |
| RREL25 | Terminu Oriġinali | It-terminu kuntrattwali oriġinali (numru ta' xhur) fid-data tal-oriġinazzjoni. | IVA | IVA |
| RREL26 | Kanal tal-Oriġinazzjoni | Kanal tal-oriġinazzjoni tal-iskopertura sottostanti:<br>Uffiċċju jew Netwerk ta' Fergħat (BRAN)<br>Ċentrali jew Dirett (DRCT)<br>Sensar (BROK)<br>Internet (WEBI)<br>Pakkett (TPAC)<br>Kanal ta' Parti Terza iżda Sottoskrizzjoni Mwettqa Għalkollox mill-Oriġinatur (TPTC)<br>Oħrajn (OTHR) | IVA | IVA |
| RREL27 | Skop | Ir-raġuni għaliex id-debitur ħa s-self:<br>Xiri (PURC)<br>Ipoteka mill-Ġdid (RMRT)<br>Rinnovament (RENV)<br>Mobilizzazzjoni tal-Kapital (EQRE)<br>Kostruzzjoni (CNST)<br>Konsolidazzjoni tad-Dejn (DCON)<br>Ipoteka mill-Ġdid b'Mobilizzazzjoni tal-Kapital (RMEQ)<br>Finanzjament ta' Negozju (BSFN)<br>Ipoteka Kombinata (CMRT)<br>Ipoteka ta' Investiment (IMRT)<br>Dritt għax-Xiri (RGBY)<br>Self Sponsorjat mill-Gvern (GSPL)<br>Oħrajn (OTHR) | IVA | LE |
| RREL28 | Denominazzjoni tal-Munita | Id-denominazzjoni tal-munita tal-iskopertura sottostanti. | LE | LE |
| RREL29 | Bilanċ Oriġinali tal-Kapital | Bilanċ oriġinali tal-iskopertura sottostanti (inklużi t-tariffi).<br>Dan jirreferi għall-bilanċ tal-iskopertura sottostanti fid-data tal-oriġinazzjoni tal-iskopertura sottostanti, mhux id-data tal-bejgħ tal-iskopertura sottostanti lill-SSPE jew id-data tal-għeluq tat-titolizzazzjoni.<br>Inkludi l-munita li fiha huwa denominat l-ammont, billi tuża l-format {CURRENCYCODE_3}. | IVA | IVA |

| Kamp tal-kodiċi | Isem tal-kamp | Kontenut li għandu jiġi rrapportat | ND1-ND4 permessi? | ND5 permessi? |
|---|---|---|---|---|
| RREL30 | Bilanċ Kurrenti tal-Kapital | L-ammont tal-iskopertura sottostanti pendenti sad-data limitu għad-*data*. Dan jinkludi kwalunkwe ammont li huwa ggarantit bl-ipoteka u se jiġi kklassifikat bħala kapital fit-titolizzazzjoni. Pereżempju jekk ikunu ġew miżjuda tariffi mal-bilanċ tal-iskopertura sottostanti u dawn ikunu parti mill-kapital fit-titolizzazzjoni, dawn għandhom jiġu miżjuda. Jeskludi kwalunkwe arretrat ta' mgħax jew ammont ta' penali.<br>Il-bilanċ kurrenti jinkludi l-arretrati tal-kapital. Madankollu, l-ammont tat-tfaddil irid jitnaqqas jekk teżisti subparteċipazzjoni. (jiġifieri bilanċ tal-iskopertura sottostanti = skopertura sottostanti +/- subparteċipazzjoni; +/- 0 jekk l-ebda subparteċipazzjoni).<br>Inkludi l-munita li fiha huwa denominat l-ammont, billi tuża l-format {CURRENCYCODE_3}. | LE | IVA |
| RREL31 | Bilanċi Preċedenti tal-Kapital | Klassifikazzjoni tal-bilanċi totali qabel din l-iskopertura sottostanti (inklużi dawk miżmuma ma' selliefa oħrajn). Jekk ma hemm l-ebda bilanċ preċedenti, daħħal 0.<br>Inkludi l-munita li fiha huwa denominat l-ammont, billi tuża l-format {CURRENCYCODE_3}. | IVA | IVA |
| RREL32 | Skoperturi Sottostanti Pari Passu | Valur totali tal-iskopertura sottostanti għal dan id-debitur jikklassifika pari passu ma' din l-iskopertura sottostanti (indipendentement minn jekk hijiex inkluża f'din il-pula). Jekk ma jkun hemm ebda klassifikazzjoni pari passu tal-bilanċi, daħħal 0.<br>Inkludi l-munita li fiha huwa denominat l-ammont, billi tuża l-format {CURRENCYCODE_3}. | IVA | IVA |
| RREL33 | Limitu tal-Kreditu Totali | Għal skoperturi sottostanti b'faċilitajiet flessibbli ta' prelevament mill-ġdid (li jinkludu karatteristiċi ċirkolari) jew meta l-ammont massimu tal-iskopertura sottostanti ma jkunx ġie prelevat bis-sħiħ – l-ammont massimu tal-iskopertura sottostanti li jista' jkun potenzjalment pendenti.<br>Dan il-kamp irid jimtela biss għall-iskopertura sottostanti li għandhom karatteristiċi flessibbli jew ta' prelevament ulterjuri. Mhuwiex maħsub sabiex ikopri każijiet li fihom id-debitur jista' jerġa' jinnegozja bilanċ akbar tal-iskopertura sottostanti iżda każijiet li fihom bħalissa hemm il-possibbiltà kuntrattwali li d-debitur jagħmel dan u li s-sellief jipprovdi l-finanzjament addizzjonali.<br>Inkludi l-munita li fiha huwa denominat l-ammont, billi tuża l-format {CURRENCYCODE_3}. | LE | IVA |
| RREL34 | Prezz tax-Xiri | Daħħal il-prezz, marbut mal-parità, li bih l-iskopertura sottostanti nxtrat mill-SSPE. Daħħal 100 jekk ma ġie applikat l-ebda skont. | LE | IVA |
| RREL35 | Tip ta' Amortizzament | It-tip ta' amortizzament tal-iskopertura sottostanti inklużi l-kapital u l-imgħax.<br>Franċiż - jiġifieri amortizzament li fih l-ammont totali — il-kapital flimkien mal-imgħax — imħallas lura f'kull ħlas parzjali jkun l-istess. (FRXX) | IVA | LE |

| Kamp tal-kodiċi | Isem tal-kamp | Kontenut li għandu jiġi rrapportat | ND1-ND4 permessi? | ND5 permessi? |
|---|---|---|---|---|
| | | Ġermaniż - jiġifieri amortizzament li fih l-ewwel ħlas parzjali jkun jinkludi l-imgħax biss u l-ħlasijiet parzjali li jifdal ikunu kostanti, inkluż l-amortizzament tal-kapital u l-imgħax. (DEXX)<br>Skeda ta' amortizzament fiss - jiġifieri amortizzament li fih l-ammont tal-kapital imħallas lura f'kull ħlas parzjali jkun l-istess. (FIXE)<br>Bullet - jiġifieri amortizzament li fih l-ammont sħiħ tal-kapital jitħallas lura fl-aħħar ħlas parzjali. (BLLT)<br>Oħrajn (OTHR) | | |
| RREL36 | Data tat-Tmiem tal-Perjodu ta' Grazzja Prinċipali | Jekk applikabbli sad-data limitu għad-*data*, indika d-data tat-tmiem tal-perjodu ta' grazzja prinċipali. | LE | IVA |
| RREL37 | Frekwenza Skedata tal-Pagament tal-Kapital | Frekwenza tal-pagamenti tal-kapital dovuti, jiġifieri l-perjodu bejn il-pagamenti:<br>Kull Xahar (MNTH)<br>Kull Trimestru (QUTR)<br>Semiannwali (SEMI)<br>Annwali (YEAR)<br>Oħrajn (OTHR) | LE | IVA |
| RREL38 | Frekwenza Skedata tal-Pagament tal-Imgħax | Frekwenza tal-pagamenti tal-imgħax dovuti, jiġifieri l-perjodu bejn il-pagamenti:<br>Kull Xahar (MNTH)<br>Kull Trimestru (QUTR)<br>Semiannwali (SEMI)<br>Annwali (YEAR)<br>Oħrajn (OTHR) | LE | IVA |
| RREL39 | Pagament Dovut | Dan huwa l-pagament kuntrattwali li jmiss dovut mid-debitur skont il-frekwenza tal-pagamenti tal-iskopertura sottostanti.<br>Inkludi l-munita li fiha huwa denominat l-ammont, billi tuża l-format {CURRENCYCODE_3}. | LE | IVA |
| RREL40 | Proporzjon Dejn-Introjtu | Id-dejn definit bħala l-ammont tal-iskopertura sottostanti pendenti sad-data limitu għad-*data*, dan jinkludi kwalunkwe ammont li huwa garantit mill-ipoteka u li se jiġi kklassifikat bħala kapital fit-titolizzazzjoni. Pereżempju jekk ikunu ġew miżjuda tariffi mal-bilanċ tal-iskopertura sottostanti u dawn ikunu parti mill-kapital fit-titolizzazzjoni, dawn għandhom jiġu miżjuda. Eskluż kwalunkwe arretrat ta' mgħax jew ammont ta' penali.<br>Introjtu definit bħala introjtu kombinat, somma tal-kampijiet tal-introjtu primarju u sekondarju (numri tal-kamp RREL16 u RREL20) u kwalunkwe introjtu ieħor. | IVA | IVA |
| RREL41 | Ammont Balloon | Ammont totali ta' ripagament tal-kapital (titolizzat) li jrid jitħallas fid-data ta' maturità tal-iskopertura sottostanti.<br>Inkludi l-munita li fiha huwa denominat l-ammont, billi tuża l-format {CURRENCYCODE_3}. | IVA | IVA |
| RREL42 | Tip ta' Rata tal-Imgħax | Tip ta' rata tal-imgħax:<br>Skopertura sottostanti b'rata varjabbli (tul il-ħajja kollha) (FLIF) | LE | IVA |

| Kamp tal-kodiċi | Isem tal-kamp | Kontenut li għandu jiġi rrapportat | ND1-ND4 permessi? | ND5 permessi? |
|---|---|---|---|---|
| | | Skopertura sottostanti b'rata varjabbli marbuta ma' indiċi wieħed li se jerġa' lura għal indiċi ieħor fil-futur (FINX)<br>Skopertura sottostanti b'rata fissa (tul il-ħajja kollha) (FXRL)<br>Fissa b'risettjar perjodiku futur (FXPR)<br>Skopertura sottostanti b'rata fissa b'bidla futura obbligatorja għal varjabbli (FLCF)<br>Skopertura sottostanti b'rata varjabbli b'limitu minimu (FLFL)<br>Skopertura sottostanti b'rata varjabbli b'limitu massimu (CAPP)<br>Skopertura sottostanti b'rata varjabbli b'limitu minimu kif ukoll b'limitu massimu (FLCA)<br>Skont (DISC)<br>Opzjonalità ta' Bdil (SWIC)<br>Debitur Swapped (OBLS)<br>Modulari (MODE)<br>Oħrajn (OTHR) | | |
| RREL43 | Rata tal-Imgħax Kurrenti | Rata gross fis-sena użata għall-kalkolu tal-imgħax skedat tal-perjodu kurrenti fuq l-iskopertura sottostanti titolizzata. Rati kkalkolati fuq bażi ta' perjodi b'perjodu jridu jkunu annwalizzati. | LE | IVA |
| RREL44 | Indiċi tar-Rata tal-Imgħax Kurrenti | L-indiċi tal-imgħax referenzjali bażi li huwa applikabbli bħalissa (ir-rata referenzjali li fuq il-bażi tagħha tiġi stabbilita r-rata tal-imgħax):<br>MuniAAA (MAAA)<br>FutureSWAP (FUSW)<br>LIBID (LIBI)<br>LIBOR (LIBO)<br>SWAP (SWAP)<br>Treasury (TREA)<br>Euribor (EURI)<br>Pfandbriefe (PFAN)<br>EONIA (EONA)<br>EONIASwaps (EONS)<br>EURODOLLAR (EUUS)<br>EuroSwiss (EUCH)<br>TIBOR (TIBO)<br>ISDAFIX (ISDA)<br>GCFRepo (GCFR)<br>STIBOR (STBO)<br>BBSW (BBSW)<br>JIBAR (JIBA) | LE | IVA |

| Kamp tal-kodiċi | Isem tal-kamp | Kontenut li għandu jiġi rrapportat | ND1-ND4 permessi? | ND5 permessi? |
|---|---|---|---|---|
| | | BUBOR (BUBO)<br>CDOR (CDOR)<br>CIBOR (CIBO)<br>MOSPRIM (MOSP)<br>NIBOR (NIBO)<br>PRIBOR (PRBO)<br>TELBOR (TLBO)<br>WIBOR (WIBO)<br>Rata Normattiva tal-Bank of England (BOER)<br>Rata Normattiva tal-Bank Ċentrali Ewropew (ECBR)<br>Rata Proprja tas-Sellief (LDOR)<br>Oħrajn (OTHR) | | |
| RREL45 | Terminu tal-Indiċi tar-Rata tal-Imgħax Kurrenti | Terminu tal-indiċi tar-rata tal-imgħax kurrenti:<br>Mil-Lum għall-Għada (OVNG)<br>Dakinhar (INDA)<br>Jum 1 (DAIL)<br>Ġimgħa 1 (WEEK)<br>Ġimagħtejn (TOWK)<br>Xahar 1 (MNTH)<br>Xahrejn (TOMN)<br>3 xhur (QUTR)<br>4 xhur (FOMN)<br>6 xhur (SEMI)<br>12-il xahar (YEAR)<br>Fuq Talba (ONDE)<br>Oħrajn (OTHR) | LE | IVA |
| RREL46 | Marġni tar-Rata tal-Imgħax Kurrenti | Il-marġni tar-rata tal-imgħax kurrenti tal-iskopertura sottostanti b'rata varjabbli fuq (jew taħt, f'liema każ daħħal bħala negattiv) ir-rata tal-indiċi. | LE | IVA |
| RREL47 | Intervall għar-Risettjar tar-Rata tal-Imgħax | Numru ta' xhur bejn kull data tar-risettjar tar-rata tal-imgħax fuq l-iskopertura sottostanti. | LE | IVA |
| RREL48 | Limitu Massimu tar-Rata tal-Imgħax | Ir-rata massima li d-debitur irid iħallas fuq skopertura sottostanti b'rata varjabbli kif meħtieġ skont it-termini tal-ftehim dwar l-iskopertura sottostanti. | LE | IVA |
| RREL49 | Limitu Minimu tar-Rata tal-Imgħax | Ir-rata minima li d-debitur irid iħallas fuq skopertura sottostanti b'rata varjabbli kif meħtieġ skont it-termini tal-ftehim dwar l-iskopertura sottostanti. | LE | IVA |

| Kamp tal-kodiċi | Isem tal-kamp | Kontenut li għandu jiġi rrapportat | ND1-ND4 permessi? | ND5 permessi? |
|---|---|---|---|---|
| RREL50 | Marġni ta' Reviżjoni 1 | Il-marġni għall-iskopertura sottostanti fl-ewwel data ta' reviżjoni. Dan jirreferi biss għal tibdiliet kuntrattwali fil-marġni (eż. minn +50bps għal +100bps) jew fl-indiċi sottostanti (eż. minn 3M EUIBOR għal 1M EURIBOR) użat għall-kalkolu tal-imgħax. Dan il-kamp ma jirreferix għad-data li fiha jiġi rrisettjat perjodikament l-indiċi (eż. risettjar ta' 1M EURIBOR kull xahar). Il-marġni rivedut sħiħ irid jiddaħħal f'dan il-kamp, mhux it-*tibdil* fil-marġni. | IVA | IVA |
| RREL51 | Data ta' Reviżjoni tal-Imgħax 1 | Data tat-tibdiliet li jmiss fir-rata tal-imgħax (eż. tibdiliet fil-marġni tal-iskont, jintemm il-perjodu fiss, terġa' tiġi stabbilita l-iskopertura sottostanti, eċċ. din mhijiex id-data tar-risettjar tal-LIBOR/EUROBIR/indiċi li jmiss). | IVA | IVA |
| RREL52 | Marġni ta' Reviżjoni 2 | Il-marġni għall-iskopertura sottostanti fit-tieni data ta' reviżjoni. Dan jirreferi biss għal tibdiliet kuntrattwali fil-marġni (eż. minn +50bps għal +100bps) jew fl-indiċi sottostanti (eż. minn 3M EUIBOR għal 1M EURIBOR) użat għall-kalkolu tal-imgħax. Dan il-kamp ma jirreferix għad-data li fiha jiġi rrisettjat perjodikament l-indiċi (eż. risettjar ta' 1M EURIBOR kull xahar). Il-marġni rivedut sħiħ irid jiddaħħal f'dan il-kamp, mhux it-*tibdil* fil-marġni. | IVA | IVA |
| RREL53 | Data ta' Reviżjoni tal-Imgħax 2 | Data tat-tieni tibdil fir-rata tal-imgħax (eż. tibdiliet fil-marġni tal-iskont, jintemm il-perjodu fiss, terġa' tiġi stabbilita l-iskopertura sottostanti, eċċ. din mhijiex id-data tar-risettjar tal-LIBOR/EUROBIR/indiċi li jmiss). | IVA | IVA |
| RREL54 | Marġni ta' Reviżjoni 3 | Il-marġni għall-iskopertura sottostanti fit-tielet data ta' reviżjoni. Dan jirreferi biss għal tibdiliet kuntrattwali fil-marġni (eż. minn +50bps għal +100bps) jew fl-indiċi sottostanti (eż. minn 3M EUIBOR għal 1M EURIBOR) użat għall-kalkolu tal-imgħax. Dan il-kamp ma jirreferix għad-data li fiha jiġi rrisettjat perjodikament l-indiċi (eż. risettjar ta' 1M EURIBOR kull xahar). Il-marġni rivedut sħiħ irid jiddaħħal f'dan il-kamp, mhux it-*tibdil* fil-marġni. | IVA | IVA |
| RREL55 | Data ta' Reviżjoni tal-Imgħax 3 | Data tat-tielet tibdil fir-rata tal-imgħax (eż. tibdiliet fil-marġni tal-iskont, jintemm il-perjodu fiss, terġa' tiġi stabbilita l-iskopertura sottostanti, eċċ. din mhijiex id-data tar-risettjar tal-LIBOR/EUROBIR/indiċi li jmiss). | IVA | IVA |
| RREL56 | Indiċi tar-Rata tal-Imgħax Rivedut | Indiċi tar-rata tal-imgħax li jmiss.<br>MuniAAA (MAAA)<br>FutureSWAP (FUSW)<br>LIBID (LIBI)<br>LIBOR (LIBO)<br>SWAP (SWAP)<br>Treasury (TREA)<br>Euribor (EURI)<br>Pfandbriefe (PFAN)<br>EONIA (EONA) | IVA | IVA |

| Kamp tal-kodiċi | Isem tal-kamp | Kontenut li għandu jiġi rrapportat | ND1-ND4 permessi? | ND5 permessi? |
|---|---|---|---|---|
| | | EONIASwaps (EONS)<br>EURODOLLAR (EUUS)<br>EuroSwiss (EUCH)<br>TIBOR (TIBO)<br>ISDAFIX (ISDA)<br>GCFRepo (GCFR)<br>STIBOR (STBO)<br>BBSW (BBSW)<br>JIBAR (JIBA)<br>BUBOR (BUBO)<br>CDOR (CDOR)<br>CIBOR (CIBO)<br>MOSPRIM (MOSP)<br>NIBOR (NIBO)<br>PRIBOR (PRBO)<br>TELBOR (TLBO)<br>WIBOR (WIBO)<br>Rata Normattiva tal-Bank of England (BOER)<br>Rata Normattiva tal-Bank Ċentrali Ewropew (ECBR)<br>Rata Proprja tas-Sellief (LDOR)<br>Oħrajn (OTHR) | | |
| RREL57 | Terminu tal-Indiċi tar-Rata tal-Imgħax Rivedut | Terminu tal-indiċi tar-rata tal-imgħax li jmiss:<br>Mil-Lum għall-Għada (OVNG)<br>Dakinhar (INDA)<br>Jum 1 (DAIL)<br>Ġimgħa 1 (WEEK)<br>Ġimagħtejn (TOWK)<br>Xahar 1 (MNTH)<br>Xahrejn (TOMN)<br>3 xhur (QUTR)<br>4 xhur (FOMN)<br>6 xhur (SEMI)<br>12-il xahar (YEAR)<br>Fuq Talba (ONDE)<br>Oħrajn (OTHR) | IVA | IVA |
| RREL58 | Numru ta' Pagamenti Qabel it-Titolizzazzjoni | Daħħal in-numru ta' pagamenti li saru qabel ma l-iskopertura ġiet ittrasferita għat-titolizzazzjoni. | IVA | LE |
| RREL59 | Perċentwal ta' Prepagamenti Permessi fis-Sena | Ammont perċentwali ta' prepagamenti permessi għall-prodott fis-sena. Dan għal skoperturi sottostanti li jippermettu ċertu livell limitu ta' prepagamenti (jiġifieri 10 %) qabel ma jiġġarrbu l-miżati. | IVA | IVA |
| RREL60 | Data tat-Tmiem tal-Imblokk tal-Prepagament | Id-data li warajha s-sellief jippermetti l-prepagament tal-iskopertura sottostanti. | IVA | IVA |

| Kamp tal-kodiċi | Isem tal-kamp | Kontenut li għandu jiġi rrapportat | ND1-ND4 permessi? | ND5 permessi? |
|---|---|---|---|---|
| RREL61 | Tariffa għall-Prepagament | L-ammont miġbur mingħand id-debitur bħala t-tariffa/il-penali dovuta sabiex jagħmel prepagamenti kif meħtieġa skont it-termini tal-ftehim dwar l-iskopertura sottostanti. Dan mhuwiex maħsub sabiex jinkludi kwalunkwe ammont imħallas bħala "kost tal-pawża" sabiex il-pagamenti tal-imgħax jiġu kkumpensati sad-Data tal-Pagament tal-iskopertura sottostanti. Dan jinkludi l-ammonti miġbura li ma ġewx titolizzati.<br>Inkludi l-munita li fiha huwa denominat l-ammont, billi tuża l-format {CURRENCYCODE_3}. | LE | IVA |
| RREL62 | Data tat-Tmiem tat-Tariffa għall-Prepagament | Id-data li warajha s-sellief jippermetti l-prepagament tal-iskopertura sottostanti mingħajr il-ħtieġa li titħallas tariffa għall-prepagament. | IVA | IVA |
| RREL63 | Data tal-Prepagament | L-aħħar data li fiha ġie riċevut pagament ta' kapital mhux skedat. | IVA | IVA |
| RREL64 | Prepagamenti Kumulattivi | Prepagamenti totali miġbura sad-data limitu għad-*data* (prepagamenti definit bħala pagament tal-kapital mhux skedat) mid-data ta' oriġinazzjoni tal-iskopertura sottostanti<br>Inkludi l-munita li fiha huwa denominat l-ammont, billi tuża l-format {CURRENCYCODE_3}. | IVA | IVA |
| RREL65 | Data tar-Ristrutturar | Daħħal id-data li fiha ġiet ristrutturata l-iskopertura sottostanti. Ir-ristrutturar jirreferi għal kwalunkwe tibdil li jsir fit-termini kuntrattwali tal-ftehim dwar l-iskopertura sottostanti minħabba tolleranza, inklużi pawżi mill-pagamenti, kapitalizzazzjoni tal-arretrati, tibdil fil-bażi tar-rata tal-imgħax jew fil-marġini, tariffi, penali, maturità u/jew miżuri oħra aċċettati b'mod ġenerali ta' ristrutturar minħabba tolleranza.<br>Fil-każ ta' dati multipli, id-dati kollha jridu jiġu pprovduti skont l-iskema XML. | IVA | IVA |
| RREL66 | L-Aħħar Data fl-Arretrati | Data li fiha l-iskopertura sottostanti kienet fl-arretrati għall-aħħar darba. | IVA | IVA |
| RREL67 | Bilanċ tal-Arretrati | Bilanċ kurrenti tal-arretrati, li huwa ddefinit bħala:<br>Pagamenti totali dovuti sa dakinhar<br>FLIMKIEN ma' kwalunkwe ammont kapitalizzat<br>FLIMKIEN ma' kwalunkwe tariffa applikata għall-kont<br>NEQSIN il-pagamenti totali riċevuti sa dakinhar.<br>Jekk ebda arretrat, daħħal 0.<br>Inkludi l-munita li fiha huwa denominat l-ammont, billi tuża l-format {CURRENCYCODE_3}. | LE | LE |
| RREL68 | Numru ta' Jiem fl-Arretrati | Numru ta' jiem li din l-iskopertura sottostanti ilha fl-arretrati (l-imgħax jew inkella l-kapital u, jekk differenti, l-ogħla wieħed minn dawn it-tnejn) sad-data limitu għad-*data*. | LE | LE |
| RREL69 | Status tal-Kont | L-istatus kurrenti tal-iskopertura sottostanti ġie titolizzat:<br>Fil-Proċess (PERF)<br>Ristrutturata - Ebda Arretrat (RNAR) | LE | LE |

| Kamp tal-kodiċi | Isem tal-kamp | Kontenut li għandu jiġi rrapportat | ND1-ND4 permessi? | ND5 permessi? |
|---|---|---|---|---|
| | | Ristrutturata - Arretrati (RNAR)<br>Inadempjenti skont l-Artikolu 178 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 (DFLT)<br>Mhux inadempjenti skont l-Artikolu 178 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 iżda klassifikata bħala inadempjenti minħabba li hija ssodisfata definizzjoni oħra ta' inadempjenza (NDFT)<br>Inadempjenti kemm skont l-Artikolu 178 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 kif ukoll għaliex ġiet issodisfata definizzjoni oħra ta' inadempjenza (DTCR)<br>Inadempjenti biss għaliex ġiet issodisfata definizzjoni oħra ta' inadempjenza (DADB)<br>Arretrati (ARRE)<br>Riakkwistata mill-Bejjiegħ – Ksur tar-Rappreżentazzjonijiet u tal-Garanziji (REBR)<br>Riakkwistata mill-Bejjiegħ – Inadempjenti (REDF)<br>Riakkwistata mill-Bejjiegħ – Ristrutturata (RERE)<br>Riakkwistata mill-Bejjiegħ – Servizzjar Speċjali (RESS)<br>Riakkwistata mill-Bejjiegħ – Raġuni Oħra (REOT)<br>Mifdija (RDMD)<br>Oħrajn (OTHR)<br>Ir-ristrutturar jirreferi għal kwalunkwe tibdil li jsir fit-termini kuntrattwali tal-ftehim dwar l-iskopertura sottostanti minħabba tolleranza, inklużi pawżi mill-pagamenti, kapitalizzazzjoni tal-arretrati, tibdil fil-bażi tar-rata tal-imgħax jew fil-marġini, tariffi, penali, maturità, u/jew miżuri oħra aċċettati b'mod ġenerali ta' ristrutturar minħabba tolleranza. | | |
| RREL70 | Raġuni għall-Inadempjenza jew għall-Preklużjoni tad-Dritt Ipotekarju | Jekk l-iskopertura sottostanti hija inadempjenti skont l-Artikolu 178 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, agħżel ir-raġuni xierqa:<br>Inadempjenti għaliex huwa improbabbli li d-debitur ser iħallas, skont l-Artikolu 178 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. (UPXX)<br>Inadempjenti għaliex kwalunkwe dejn ilu li suppost tħallas aktar minn 90/180 jum ilu, skont l-Artikolu 178 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. (PDXX)<br>Inadempjenti kemm għaliex huwa meqjus li huwa improbabbli li d-debitur ser iħallas kif ukoll għaliex kwalunkwe dejn ilu li suppost tħallas aktar minn 90/180 jum ilu, skont l-Artikolu 178 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. (UPPD) | IVA | IVA |
| RREL71 | Ammont tal-Inadempjenza | Ammont totali gross tal-inadempjenza qabel l-applikazzjoni tar-rikavati mill-bejgħ u tal-irkupri. Jekk mhux inadempjenti, daħħal 0.<br>Inkludi l-munita li fiha huwa denominat l-ammont, billi tuża l-format {CURRENCYCODE_3}. | LE | IVA |
| RREL72 | Data tal-Inadempjenza | Id-data tal-inadempjenza. | LE | IVA |

| Kamp tal-kodiċi | Isem tal-kamp | Kontenut li għandu jiġi rrapportat | ND1-ND4 permessi? | ND5 permessi? |
|---|---|---|---|---|
| RREL73 | Telf Allokat | It-telf allokat sal-lum, wara li jitnaqqsu t-tariffi, l-imgħax dovut, eċċ. wara l-applikazzjoni tar-rikavati mill-bejgħ (eskluża l-imposta fuq il-prepagament jekk subordinata għall-irkupri tal-kapital). Uri kwalunkwe qligħ mill-bejgħ bħala numru negattiv. Għandu jirrifletti l-aktar sitwazzjoni riċenti sad-data limitu għad-*data*, jiġifieri hekk kif jinġabru l-irkupri u javvanza l-proċess ta' workout.<br>Inkludi l-munita li fiha huwa denominat l-ammont, billi tuża l-format {CURRENCYCODE_3}. | LE | IVA |
| RREL74 | Irkupri Kumulattivi | Irkupri totali (indipendentement mis-sors tagħhom) fuq id-dejn (inadempjenti/iddikjarat bħala probabbilment mhux rekuperabbli/eċċ.), wara li jitnaqqsu l-kostijiet. Inkludi s-sorsi kollha tal-irkupri hawnhekk, mhux biss ir-rikavati mid-disponiment ta' kwalunkwe kollateral.<br>Inkludi l-munita li fiha huwa denominat l-ammont, billi tuża l-format {CURRENCYCODE_3}. | LE | IVA |
| RREL75 | Litigazzjoni | Immarka sabiex tindika l-proċedimenti ta' litigazzjoni li jkunu għaddejjin (jekk il-kont ikun irkupra u ma jkunx għadu aktar litigat attivament, dan għandu jerġa' jiġi ssettjat għal Le). | LE | IVA |
| RREL76 | Rikors | Hemm rikors (sħiħ jew limitat) għall-assi tad-debitur minbarra r-rikavati ta' kwalunkwe kollateral għal din l-iskopertura sottostanti? | IVA | IVA |
| RREL77 | Ammont tad-Depożitu | Is-somma tal-ammonti kollha tad-debitur miżmuma mill-oriġinatur jew mill-bejjiegħ li potenzjalment jistgħu jiġu paċuti mal-bilanċ tal-iskopertura sottostanti, eskluż il-benefiċċju ta' kwalunkwe skema nazzjonali ta' kumpens għad-depożiti. Sabiex jiġi evitat l-għadd doppju, irid jiġi stabbilit limitu massimu għal dan li jkun l-anqas wieħed bejn (1) l-ammont tad-depożitu, u (2) l-ammont potenzjali massimu li jista' jiġi paċut fil-livell tad-debitur (jiġifieri mhux fil-livell tal-iskopertura sottostanti) fi ħdan il-pula.<br>Uża l-istess denominazzjoni tal-munita bħal dik użata għall-iskopertura sottostanti.<br>Jekk debitur ikollu aktar minn skopertura sottostanti waħda pendenti fil-pula, dan il-kamp irid jimtela għal kull skopertura sottostanti u jkun għad-diskrezzjoni tal-entità relatriċi li tiddeċiedi li talloka l-ammont tad-depożitu f'kull waħda mill-iskoperturi sottostanti, soġġetta għal-limitu massimu msemmi hawn fuq u dment li l-entrati totali għal dan il-kamp fid-diversi skoperturi sottostanti jaqblu mal-ammont dovut. Pereżempju, jekk id-Debitur A għandu bilanċ tad-depożitu ta' €100, u żewġ skoperturi sottostanti pendenti fil-pula ta': skopertura sottostanti 1 €60 u skopertura sottostanti 2 €75. Dan il-kamp jista' jimtela jew bħala skopertura sottostanti 1 - €60 u skopertura sottostanti 2 - €40, jew skopertura sottostanti 1 - €25 u skopertura sottostanti 2 €75 (jiġifieri l-entrati relattivi għal dan il-kamp f'kull skopertura sottostanti huma limitati għal €60 għall-iskopertura sottostanti 1 u għal €75 għall-iskopertura sottostanti 2 u s-somma tal-valuri fl-iskopertura sottostanti 1 u fl-iskopertura sottostanti 2 trid tiġi €100). | LE | IVA |

| Kamp tal-kodiċi | Isem tal-kamp | Kontenut li għandu jiġi rrapportat | ND1-ND4 permessi? | ND5 permessi? |
|---|---|---|---|---|
| | | Inkludi l-munita li fiha huwa denominat l-ammont, billi tuża l-format {CURRENCYCODE_3}. | | |
| RREL78 | Fornitur tal-Assigurazzjoni Jew tal-Investiment | Isem tal-fornitur tal-assigurazzjoni jew tal-investiment (jiġifieri għall-iskoperturi sottostanti għall-assigurazzjoni tal-ħajja jew għall-investiment). | IVA | IVA |
| RREL79 | Isem is-Sellief Oriġinali | Agħti l-isem legali sħiħ tas-sellief oriġinali. L-isem imdaħħal irid ikun jaqbel mal-isem assoċjat mal-LEI fil-bażi ta' *data* tal-Global Legal Entity Foundation (GLEIF). | IVA | IVA |
| RREL80 | Identifikatur tal-Entità Ġuridika tas-Sellief Oriġinali | Ipprovdi l-Identifikatur tal-Entità Ġuridika (kif speċifikat fil-bażi ta' *data* tal-Global Legal Entity Foundation (GLEIF)) tas-sellief oriġinali.<br>Meta ma jkun hemm l-ebda Identifikatur tal-Entità Ġuridika disponibbli, daħħal ND5. | IVA | IVA |
| RREL81 | Pajjiż ta' Stabbiliment tas-Sellief Oriġinali | Il-pajjiż fejn huwa stabbilit is-sellief oriġinali. | IVA | IVA |
| RREL82 | Isem l-Oriġinatur | Agħti l-isem legali sħiħ tal-oriġinatur tal-iskopertura sottostanti. L-isem imdaħħal irid ikun jaqbel mal-isem assoċjat mal-LEI fil-bażi ta' *data* tal-Global Legal Entity Foundation (GLEIF). | LE | LE |
| RREL83 | Identifikatur tal-Entità Ġuridika Oriġinatriċi | Ipprovdi l-Identifikatur tal-Entità Ġuridika (kif speċifikat fil-bażi ta' *data* tal-Global Legal Entity Foundation (GLEIF)) tal-oriġinatur tal-iskopertura sottostanti. | LE | LE |
| RREL84 | Pajjiż ta' Stabbiliment tal-Oriġinatur | Il-pajjiż fejn huwa stabbilit l-oriġinatur tal-iskopertura sottostanti. | LE | LE |

Taqsima ta' informazzjoni fil-livell tal-kollateral

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| RREC1 | Identifikatur Uniku | Irrapporta l-istess identifikatur uniku hawnhekk bħal dak li daħħalt fil-kamp RREL1. | LE | LE |
| RREC2 | Identifikatur tal-Iskopertura Sottostanti | Identifikatur uniku għal kull skopertura sottostanti. Dan irid jaqbel mal-kamp RREL3. | LE | LE |
| RREC3 | Identifikatur Oriġinali tal-Kollateral | L-identifikatur uniku oriġinali assenjat għall-kollateral. L-identifikatur irid ikun differenti minn kwalunkwe numru ta' identifikazzjoni estern, sabiex tiġi żgurata l-anonimità tad-debitur. L-entità relatriċi ma tistax temenda dan l-identifikatur uniku. | LE | LE |
| RREC4 | Identifikatur Ġdid tal-Kollateral | Jekk l-identifikatur oriġinali fil-kamp RREC2 ma jistax jinżamm f'dan il-kamp, daħħal l-identifikatur il-ġdid hawnhekk. L-identifikatur irid ikun differenti minn kwalunkwe numru ta' identifikazzjoni estern, sabiex tiġi żgurata l-anonimità tad-debitur. Jekk ma seħħ l-ebda tibdil fl-identifikatur, daħħal l-istess identifikatur bħal fl-RREC2. L-entità relatriċi ma tistax temenda dan l-identifikatur uniku. | LE | LE |

| Kamp tal-kodiċi | Isem tal-kamp | Kontenut li għandu jiġi rrapportat | ND1-ND4 permessi? | ND5 permessi? |
|---|---|---|---|---|
| RREC5 | Tip ta' Kollateral | It-tip primarju (f'termini ta' valur) ta' assi li jiggarantixxi d-dejn. Meta jkun hemm garanzija sostnuta minn kollateral fiżiku jew finanzjarju, fittex fil-garanzija għal kwalunkwe kollateral li jista' jkun qed isostni dik il-garanzija.<br>Vettura (CARX)<br>Veikolu Industrijali (INDV)<br>Trakk Kummerċjali (CMTR)<br>Veikolu Ferrovjarju (RALV)<br>Veikolu Kummerċjali Nawtiku (NACM)<br>Veikolu Rikreazzjonali Nawtiku (NALV)<br>Ajruplan (AERO)<br>Għodda b'Magna (MCHT)<br>Tagħmir Industrijali (INDE)<br>Tagħmir tal-Uffiċċju (OFEQ)<br>Tagħmir tal-IT (ITEQ)<br>Tagħmir Mediku (MDEQ)<br>Tagħmir Relatat mal-Enerġija (ENEQ)<br>Bini Kummerċjali (CBLD)<br>Bini Residenzjali (RBLD)<br>Bini Industrijali (IBLD)<br>Veikolu Ieħor (OTHV)<br>Tagħmir Ieħor (OTHE)<br>Proprjetà Immobbli Oħra (OTRE)<br>Oġġetti jew inventarju oħrajn (OTGI)<br>Titoli (SECU)<br>Garanzija (GUAR)<br>Ass Finanzjarju Ieħor (OTFA)<br>Kategoriji Mħallta Minħabba Titolu Fuq l-Assi Kollha tad-Debitur (MIXD)<br>Oħrajn (OTHR) | LE | LE |
| RREC6 | Reġjun Ġeografiku - Kollateral | Ir-reġjun ġeografiku (klassifikazzjoni NUTS3) fejn jinsab il-kollateral fiżiku. Fejn il-Eurostat ma jkun ipproduċa ebda klassifikazzjoni NUTS3 (eż. ġurisdizzjoni mhux tal-UE), daħħal il-kodiċi tal-pajjiż b'żewġ figuri fil-format {COUNTRYCODE_2} segwit minn "ZZZ". | IVA | IVA |
| RREC7 | Tip ta' Okkupanza | Tip ta' okkupanza tal-proprjetà:<br>Okkupata mis-Sid, jiġifieri proprjetà ta' unità domestika privata bl-iskop li tipprovdi kenn lil sidha (FOWN)<br>Okkupata Parzjalment mis-Sid (Proprjetà li parti minnha hija mikrija) (POWN)<br>Mhux Okkupata mis-Sid jew Mixtrija għall-Kiri (TLET)<br>Villeġġatura jew Dar Sekondarja (HOLD) | IVA | IVA |

| Kamp tal-kodiċi | Isem tal-kamp | Kontenut li għandu jiġi rrapportat | ND1-ND4 permessi? | ND5 permessi? |
|---|---|---|---|---|
| | | Oħrajn (OTHR)<br>Jekk il-kollateral li jkun qed jiġi rrapportat ma jkunx kollateral tal-proprjetà, daħħal ND5. | | |
| RREC8 | Rahan | L-ogħla pożizzjoni ta' rahan miżmuma mill-oriġinatur b'rabta mal-kollateral.<br>Jekk il-kollateral li jkun qed jiġi rrapportat ma jkunx kollateral tal-proprjetà, daħħal ND5. | IVA | IVA |
| RREC9 | Tip ta' Proprjetà | Tip ta' proprjetà:<br>Residenzjali (Dar, ma tmiss ma' ħadd jew tmiss minn naħa waħda biss) (RHOS)<br>Residenzjali (Flat jew Appartament) (RFLT)<br>Residenzjali (Bungalow) (RBGL)<br>Residenzjali (Terraced House) (RTHS)<br>Dar Multifamilja (proprjetajiet b'aktar minn erba' unitajiet li jiggarantixxu skopertura sottostanti waħda (MULF)<br>Użu Kummerċjali Parzjali (il-proprjetà tintuża bħala residenza kif ukoll għal użu kummerċjali fejn anqas minn 50 % mill-valur tagħha huwa derivat mill-użu kummerċjali, eż. il-post ta' kirurġija u d-dar ta' tabib) (PCMM)<br>Użu Kummerċjali jew għal Negozju (BIZZ)<br>Art Biss (LAND)<br>Oħrajn (OTHR)<br>Jekk il-kollateral li jkun qed jiġi rrapportat ma jkunx kollateral tal-proprjetà, daħħal ND5. | LE | IVA |
| RREC10 | Valur taċ-Ċertifikati tar-Rendiment fl-Użu tal-Enerġija | Il-valur taċ-ċertifikat tar-rendiment fl-użu tal-enerġija tal-kollateral fiż-żmien tal-oriġinazzjoni:<br>A (EPCA)<br>B (EPCB)<br>C (EPCC)<br>D (EPCD)<br>E (EPCE)<br>F (EPCF)<br>G (EPCG)<br>Oħrajn (OTHR) | IVA | IVA |
| RREC11 | Isem tal-Fornitur taċ-Ċertifikat tar-Rendiment fl-Użu tal-Enerġija | Daħħal l-isem legali sħiħ tal-fornitur taċ-ċertifikat tar-rendiment fl-użu tal-enerġija. L-isem imdaħħal irid ikun jaqbel mal-isem assoċjat mal-LEI fil-bażi ta' *data* tal-Global Legal Entity Foundation (GLEIF). | IVA | IVA |
| RREC12 | Proporzjon Kurrenti bejn is-Self u l-Valur | Il-proporzjon kurrenti bejn is-self u l-valur (LTV). Għal self mhux bl-ewwel rahan, dan huwa l-LTV kombinat jew totali. Jekk il-bilanċ tas-self kurrenti huwa negattiv, daħħal 0.<br>Jekk il-kollateral li jkun qed jiġi rrapportat ma jkunx kollateral tal-proprjetà, daħħal ND5. | IVA | IVA |

| Kamp tal-kodiċi | Isem tal-kamp | Kontenut li għandu jiġi rrapportat | ND1-ND4 permessi? | ND5 permessi? |
|---|---|---|---|---|
| RREC13 | Ammont ta' Valwazzjoni Attwali | L-aktar valwazzjoni riċenti tal-kollateral kif ivvalutat minn stimatur estern jew intern indipendenti. Jekk ma hemmx valutazzjoni bħal din għad-dispożizzjoni, il-valur kurrenti tal-kollateral jista' jiġi stmat billi jintuża indiċi tal-valur tal-proprjetà immobbli granulari biżżejjed fir-rigward tal-post ġeografiku u tat-tip ta' kollateral; jekk lanqas ma jkun hemm indiċi tal-valur tal-proprjetà immobbli bħal dan, jista' jintuża indiċi tal-prezz tal-proprjetà immobbli granulari biżżejjed fir-rigward tal-post ġeografiku u tat-tip ta' kollateral wara l-applikazzjoni ta' tniżżil fil-valur magħżul xieraq sabiex ipatti għad-deprezzament tal-kollateral.<br>Jekk il-kollateral li jkun qed jiġi rrapportat ma jkunx kollateral ta' proprjetà, daħħal l-aktar valwazzjoni riċenti tal-kollateral kif ivvalutat minn stimatur estern jew intern indipendenti jew, jekk mhux disponibbli, mill-oriġinatur.<br>Jekk il-kollateral li jkun qed jiġi rrapportat ikun garanzija, daħħal l-ammont tal-iskopertura sottostanti garantita minn din l-entrata tal-kollateral għall-benefiċċju tal-oriġinatur.<br>Inkludi l-munita li fiha huwa denominat l-ammont, billi tuża l-format {CURRENCYCODE_3}. | IVA | IVA |
| RREC14 | Metodu ta' Valwazzjoni Attwali | Il-metodu ta' kalkolu tal-aktar valur riċenti tal-kollateral, kif stipulat f'RREC13:<br>Spezzjoni sħiħa, interna u esterna (FIEI)<br>Spezzjoni sħiħa esterna biss (FOEI)<br>Drive-by (DRVB)<br>Mudell tal-Valur Awtomatizzat (AUVM)<br>Indiċizzat (IDXD)<br>Desktop (DKTP)<br>Aġent Maniġerjali jew Aġent tal-Proprjetà Immobbli (MAEA)<br>Awtorità tat-Taxxa (TXAT)<br>Oħrajn (OTHR) | IVA | LE |
| RREC15 | Data ta' Valwazzjoni Attwali | Id-data tal-aktar valwazzjoni riċenti, kif ipprovduta f'RREC13. | IVA | IVA |
| RREC16 | Proporzjon Oriġinali bejn is-Self u l-Valur | Il-proporzjon sottoskritt oriġinali bejn is-self u l-valur (LTV) tal-oriġinatur. Għal self mhux bl-ewwel rahan, dan huwa l-LTV kombinat jew totali.<br>Jekk il-kollateral li jkun qed jiġi rrapportat ma jkunx kollateral tal-proprjetà, daħħal ND5. | IVA | IVA |
| RREC17 | Ammont tal-Valwazzjoni Oriġinali | Il-valwazzjoni oriġinali tal-kollateral użat meta ġiet oriġinata l-iskopertura sottostanti (jiġifieri qabel it-titolizzazzjoni).<br>Inkludi l-munita li fiha huwa denominat l-ammont, billi tuża l-format {CURRENCYCODE_3}. | IVA | LE |
| RREC18 | Metodu tal-Valwazzjoni Oriġinali | Il-metodu ta' kalkolu tal-valur tal-kollateral fil-mument tal-oriġinazzjoni tal-iskopertura sottostanti, kif ipprovdut f'RREC17:<br>Spezzjoni sħiħa, interna u esterna (FIEI)<br>Spezzjoni sħiħa esterna biss (FOEI) | IVA | LE |

| Kamp tal-kodiċi | Isem tal-kamp | Kontenut li għandu jiġi rrapportat | ND1-ND4 permessi? | ND5 permessi? |
|---|---|---|---|---|
| | | Drive-by (DRVB)<br>Mudell tal-Valwazzjoni Awtomatizzata (AUVM)<br>Indiċizzat (IDXD)<br>Desktop (DKTP)<br>Aġent Maniġerjali/Aġent tal-Proprjetà Immobbli (MAEA)<br>Awtorità tat-Taxxa (TXAT)<br>Oħrajn (OTHR) | | |
| RREC19 | Data tal-Valwazzjoni Oriġinali | Id-data tal-valwazzjoni oriġinali tal-kollateral, kif ipprovduta f'RREC17. | IVA | LE |
| RREC20 | Data tal-Bejgħ | Id-data tal-bejgħ tal-kollateral prekluż. | IVA | IVA |
| RREC21 | Prezz tal-Bejgħ | Il-prezz arkivjat mal-bejgħ tal-kollateral fil-każ ta' preklużjoni. Inkludi l-munita li fiha huwa denominat l-ammont, billi tuża l-format {CURRENCYCODE_3}. | LE | IVA |
| RREC22 | Munita tal-Kollateral | Din hija l-munita li fiha huwa denominat l-ammont tal-valwazzjoni pprovdut f'RREC13. | LE | IVA |
| RREC23 | Tip ta' Garanti | Tip ta' Garanti:<br>Ebda Garanti (NGUA)<br>Individwu - Relazzjoni Familjari (FAML)<br>Individwu - Ieħor (IOTH)<br>Gvern (GOVE)<br>Bank (BANK)<br>Prodott tal-Assigurazzjoni (INSU)<br>L-Iskema ta' Garanzija Nazzjonali Hypotheek Garantie (NHGX)<br>Fonds de Garantie de l'Accession Sociale (FGAS)<br>Attenzjoni (CATN)<br>Oħrajn (OTHR) | IVA | LE |

([1]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/1224 tas-16 ta' Ottubru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/2402 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw l-informazzjoni u d-dettalji ta' titolizzazzjoni li jridu jitqiegħdu għad-dispożizzjoni mill-oriġinatur, mill-isponsor u mill-SSPE (ĠU L 289, 3.9.2020, p. 1).

*ANNESS III*

**INFORMAZZJONI DWAR L-ISKOPERTURI SOTTOSTANTI - PROPRJETÀ IMMOBBLI KUMMERĊJALI (CRE)**

| Kamp tal-kodiċi | Isem tal-kamp | Kontenut li għandu jiġi rrapportat | ND1-ND4 permessi? | ND5 permessi? |
|---|---|---|---|---|
| Taqsima ta' informazzjoni dwar l-iskoperturi sottostanti | | | | |
| CREL1 | Identifikatur Uniku | L-identifikatur uniku assenjat mill-entità relatriċi skont l-Artikolu 11(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/1224 [REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/1224 ta' XXX li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/2402 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw l-informazzjoni u d-dettalji ta' titolizzazzjoni li jridu jitqiegħdu għad-dispożizzjoni mill-oriġinatur, mill-isponsor u mill-SSPE]. | LE | LE |
| CREL2 | Identifikatur Oriġinali tad-Debitur | Identifikatur oriġinali uniku tad-debitur. L-identifikatur irid ikun differenti minn kwalunkwe numru ta' identifikazzjoni estern, sabiex tiġi żgurata l-anonimità tad-debitur. L-entità relatriċi ma tistax temenda dan l-identifikatur uniku. | LE | LE |
| CREL3 | Identifikatur Ġdid tad-Debitur | Jekk l-identifikatur oriġinali fil-kamp CREL2 ma jistax jinżamm f'dan il-kamp, daħħal l-identifikatur il-ġdid hawnhekk. Jekk ma seħħ l-ebda tibdil fl-identifikatur, daħħal l-istess identifikatur bħal fl-CREL2. L-entità relatriċi ma tistax temenda dan l-identifikatur uniku. | LE | LE |
| CREL4 | Identifikatur Oriġinali tal-Iskopertura Sottostanti | Identifikatur uniku tal-iskopertura sottostanti L-identifikatur irid ikun differenti minn kwalunkwe numru ta' identifikazzjoni estern, sabiex tiġi żgurata l-anonimità tad-debitur. L-entità relatriċi ma tistax temenda dan l-identifikatur uniku. | LE | LE |
| CREL5 | Identifikatur Ġdid tal-Iskopertura Sottostanti | Jekk l-identifikatur oriġinali fil-kamp CREL4 ma jistax jinżamm f'dan il-kamp, daħħal l-identifikatur il-ġdid hawnhekk. Jekk ma seħħ l-ebda tibdil fl-identifikatur, daħħal l-istess identifikatur bħal fl-CREL4. L-entità relatriċi ma tistax temenda dan l-identifikatur uniku. | LE | LE |
| CREL6 | Data Limitu għad-*Data* | Id-data limitu għad-*data* għal din is-sottomissjoni ta' *data*. | LE | LE |
| CREL7 | Data taż-Żieda fil-Pula | Id-data li fiha l-iskopertura sottostanti ġiet ittrasferita fl-SSPE. Għall-iskopertura sottostanti kollha fil-pula sad-data limitu fl-ewwel rapport sottomess lir-repożitorju ta' titolizzazzjoni, jekk din l-informazzjoni mhijiex disponibbli, daħħal l-aktar waħda tard bejn: (i) id-data ta' għeluq tat-titolizzazzjoni, u (ii) id-data ta' oriġinazzjoni tal-iskopertura sottostanti. | LE | IVA |
| CREL8 | Data tar-Ristrutturar | Daħħal id-data li fiha ġiet ristrutturata l-iskopertura sottostanti. Ir-ristrutturar jirreferi għal kwalunkwe tibdil li jsir fit-termini kuntrattwali tal-ftehim dwar l-iskopertura sottostanti minħabba tolleranza, inklużi pawżi mill-pagamenti, kapitalizzazzjoni tal-arretrati, tibdil fil-bażi tar-rata tal-imgħax jew fil-marġini, tariffi, penali, maturità u/jew miżuri oħra aċċettati b'mod ġenerali ta' ristrutturar minħabba tolleranza.<br>Fil-każ ta' dati multipli, id-dati kollha jridu jiġu pprovduti skont l-iskema XML. | IVA | IVA |

| Kamp tal-kodiċi | Isem tal-kamp | Kontenut li għandu jiġi rrapportat | ND1-ND4 permessi? | ND5 permessi? |
|---|---|---|---|---|
| CREL9 | Data tar-Riakkwist | Id-data li fiha l-iskopertura sottostanti ġiet riakkwistata mill-grupp. | LE | IVA |
| CREL10 | Data tas-Sostituzzjoni | Jekk l-iskopertura sottostanti ġiet issostitwita għal skopertura sottostanti oħra wara d-Data tat-Titolizzazzjoni, id-data tat-tali sostituzzjoni. | LE | IVA |
| CREL11 | Data tat-Tifdija | Id-data li fiha l-kont infeda jew (għal skoperturi sottostanti inadempjenti) id-data li fiha tlesta l-proċess ta' rkupru. | LE | IVA |
| CREL12 | Reġjun Ġeografiku - Debitur | Ir-reġjun ġeografiku (klassifikazzjoni NUTS3) fejn jinsab id-debitur. Fejn il-Eurostat ma jkun ipproduċa ebda klassifikazzjoni NUTS3 (eż. ġurisdizzjoni mhux tal-UE), daħħal il-kodiċi tal-pajjiż b'żewġ figuri fil-format {COUNTRYCODE_2} segwit minn "ZZZ". | IVA | LE |
| CREL13 | Klassifikazzjoni tar-Reġjun Ġeografiku | Daħħal is-sena tal-klassifikazzjoni NUTS3 użata għall-kampijiet tar-Reġjun Ġeografiku, eż. 2013 għal NUTS3 2013. Il-kampijiet kollha tar-reġjun ġeografiku jridu jużaw l-istess klassifikazzjoni b'mod konsistenti għal kull skopertura sottostanti u fl-iskoperturi sottostanti kollha fis-sottomissjoni tad-*data*. Pereżempju, ir-rapportar bl-użu tal-NUTS3 2006 għal ċerti kampijiet ġeografiċi relatati ma' skopertura sottostanti partikolari u r-rapportar bl-użu tal-NUTS3 2013 għal kampijiet oħra relatati mal-istess skopertura mhumiex permessi. Bl-istess mod, ir-rapportar tal-kampijiet tar-reġjun ġeografiku bl-użu tal-NUTS3 2006 għal ċerti skoperturi sottostanti u r-rapportar ta' kampijiet tar-reġjun ġeografiku bl-użu tal-NUTS3 2013 għal skoperturi sottostanti oħra fl-istess sottomissjoni tad-*data* mhumiex permessi. | IVA | LE |
| CREL14 | Skema Speċjali | Jekk l-iskopertura sottostanti hija rregolata minn xi arranġament speċjali tas-settur pubbliku, daħħal l-isem sħiħ (mingħajr abbrevjazzjonijiet) tal-arranġament hawnhekk. | IVA | IVA |
| CREL15 | Data tal-Oriġini | Data tal-avvanz oriġinali tal-iskopertura sottostanti. | IVA | LE |
| CREL16 | Data tal-Bidu tal-Amortizzament | Id-data li fiha se jibda l-amortizzament fuq l-iskopertura sottostanti titolizzata (din tista' tkun data li taħbat qabel id-data tat-titolizzazzjoni). | IVA | IVA |
| CREL17 | Data ta' Maturità fid-Data tat-Titolizzazzjoni | Id-data ta' maturità tal-iskopertura sottostanti kif definita fil-ftehim dwar l-iskopertura sottostanti. Din ma tqis l-ebda estensjoni data ta' maturità estiża li tista' tkun permessa skont il-ftehim dwar l-iskopertura sottostanti. | LE | IVA |
| CREL18 | Data ta' Maturità | Id-data ta' maturità tal-iskopertura sottostanti jew l-iskadenza tal-lokazzjoni. | LE | IVA |
| CREL19 | Terminu Oriġinali | It-terminu kuntrattwali oriġinali (numru ta' xhur) fid-data tal-oriġinazzjoni. | IVA | IVA |

| Kamp tal-kodiċi | Isem tal-kamp | Kontenut li għandu jiġi rrapportat | ND1-ND4 permessi? | ND5 permessi? |
|---|---|---|---|---|
| CREL20 | Durata tal-Opzjoni ta' Estensjoni | Id-durata f'xhur ta' kwalunkwe opzjoni ta' estensjoni tal-maturità disponibbli għall-iskopertura sottostanti. Fil-każ ta' diversi estensjonijiet tal-maturità disponibbli, daħħal id-durata tal-opzjoni li għandha l-iqsar perjodu ta' estensjoni għall-iskopertura sottostanti. | LE | IVA |
| CREL21 | Natura tal-Opzjoni ta' Estensjoni | Il-livelli limitu ta' referenza involuti għall-possibbiltà ta' skattar/eżerċitar tal-opzjoni ta' estensjoni msemmija fil-kamp CREL20:<br>Proporzjon Minimu tal-Kopertura tal-Imgħax (MICR)<br>Proporzjon tal-Kopertura tas-Servizz tad-Dejn Minimu (MDSC)<br>Proporzjon Massimu Bejn is-Self u l-Valur (MLTV)<br>Kundizzjonijiet Multipli (MLTC)<br>Oħrajn (OTHR) | LE | IVA |
| CREL22 | Denominazzjoni tal-Munita | Id-denominazzjoni tal-munita tal-iskopertura sottostanti. | LE | LE |
| CREL155 | Identifikatur tal-Entità Ġuridika tal-Fornitur tal-Iswaps tar-Rati tal-Imgħax | Ipprovdi l-Identifikatur tal-Entità Ġuridika (kif speċifikat fil-bażi ta' *data* tal-Global Legal Entity Foundation (GLEIF)) tal-fornitur tal-iswaps tar-rati tal-imgħax tal-iskopertura sottostanti. | LE | IVA |
| CREL156 | Data ta' Maturità tal-Iswaps tar-Rati tal-Imgħax | Id-data ta' maturità għall-iswap fil-livell tal-iskopertura sottostanti tar-rati tal-imgħax. | LE | IVA |
| CREL157 | Nozzjonal ta' Swaps tar-Rati tal-Imgħax | L-ammont nozzjonali tal-iswaps fil-livell tal-iskoperturi sottostanti tar-rati tal-imgħax<br>Inkludi l-munita li fiha huwa denominat l-ammont, billi tuża l-format {CURRENCYCODE_3}. | LE | IVA |
| CREL158 | Fornitur ta' Swaps tal-Valuti | Jekk hemm swap tal-valuti fuq l-iskopertura sottostanti, ipprovdi l-isem legali sħiħ tal-fornitur tal-iswaps tal-valuti. L-isem imdaħħal irid ikun jaqbel mal-isem assoċjat mal-LEI fil-bażi ta' *data* tal-Global Legal Entity Foundation (GLEIF). | LE | IVA |
| CREL159 | Identifikatur tal-Entità Ġuridika tal-Fornitur tal-Iswaps tal-Valuti | Ipprovdi l-Identifikatur tal-Entità Ġuridika (kif speċifikat fil-bażi ta' *data* tal-Global Legal Entity Foundation (GLEIF)) tal-fornitur tal-iswaps tal-valuti tal-iskopertura sottostanti. | LE | IVA |
| CREL160 | Data ta' Maturità tal-Iswaps tal-Valuti | Id-data ta' maturità għall-iswap fil-livell tal-iskopertura sottostanti tal-valuti | LE | IVA |
| CREL161 | Nozzjonal ta' Swaps tal-Valuti | L-ammont nozzjonali tal-iswaps fil-livell tal-iskoperturi sottostanti tal-valuti<br>Inkludi l-munita li fiha huwa denominat l-ammont, billi tuża l-format {CURRENCYCODE_3}. | LE | IVA |
| CREL162 | Rata tal-Kambju għal Swap | Ir-rata tal-kambju li ġiet stabbilita għal swap fil-livell tal-munita tal-iskopertura sottostanti. | LE | IVA |

| Kamp tal-kodiċi | Isem tal-kamp | Kontenut li għandu jiġi rrapportat | ND1-ND4 permessi? | ND5 permessi? |
|---|---|---|---|---|
| CREL163 | Fornitur ta' Swaps Oħrajn | L-isem legali sħiħ tal-fornitur ta' swap għall-iskopertura sottostanti, meta l-iswap la tkun swap tar-rata tal-imgħax u lanqas tal-valuti. L-isem imdaħħal irid ikun jaqbel mal-isem assoċjat mal-LEI fil-bażi ta' *data* tal-Global Legal Entity Foundation (GLEIF). | LE | IVA |
| CREL164 | Identifikatur tal-Entità Ġuridika tal-Fornitur ta' Swaps Oħrajn | Ipprovdi l-Identifikatur tal-Entità Ġuridika (kif speċifikat fil-bażi ta' *data* tal-Global Legal Entity Foundation (GLEIF)) tal-fornitur ta' swaps "oħrajn" tal-iskopertura sottostanti. | LE | IVA |
| CREL165 | Debitur Irid Iħallas għall-Breakage mal-Iswap | Kemm id-debitur huwa obbligat iħallas għall-kostijiet tal-breakage lill-fornitur ta' swaps tal-iskopertura sottostanti. Fil-każ ta' diversi swaps, daħħal l-aktar valur xieraq.<br>Indennifikazzjoni totali mid-debitur (TOTL)<br>Indennifikazzjoni parzjali mid-debitur (PINO)<br>Ebda Indennifikazzjoni mid-debitur (NOPE) | IVA | LE |
| CREL166 | Event ta' Terminazzjoni Sħiħa jew Parzjali ta' Swap għal Perjodu Kurrenti | Jekk swap tal-iskopertura sottostanti ġiet terminata bejn id-data limitu preċedenti għad-*data* u d-data limitu għad-*data* tas-sottomissjoni kurrenti tar-rapport, identifika r-raġuni. Fil-każ ta' diversi swaps, daħħal l-aktar valur xieraq.<br>Swap Terminata minħabba Tnaqqis fil-Klassifikazzjonijiet tal-Fornitur tal-Iswaps tal-Iskopertura Sottostanti (RTDW)<br>Swap Terminata minħabba Inadempjenza fil-Pagament għall-Fornitur tal-Iswaps tal-Iskopertura Sottostanti (PYMD)<br>Swap Terminata minħabba Tip Ieħor ta' Inadempjenza minn Kontroparti tal-Iswaps tal-Iskopertura Sottostanti (CNTD)<br>Swap Terminata minħabba Prepagament Sħiħ jew Parzjali mid-Debitur (PRPY)<br>Swap Terminata minħabba Tip Ieħor ta' Inadempjenza mid-Debitur (OBGD)<br>Oħrajn (OTHR) | LE | IVA |
| CREL167 | Pagament Perjodiku Nett Magħmul Mill-Fornitur tal-Iswaps | Ammont nett magħmul mill-iskopertura sottostanti titolizzata tal-kontroparti tal-iswap, fid-Data tal-Pagament tal-iskopertura sottostanti kif meħtieġ mill-kuntratt tal-iswap. Dan ma jinkludix xi pagament għall-breakage jew għat-terminazzjoni. Fil-każ ta' diversi swaps, daħħal is-somma tal-iswaps kollha.<br>Inkludi l-munita li fiha huwa denominat l-ammont, billi tuża l-format {CURRENCYCODE_3}. | LE | IVA |
| CREL168 | Kostijiet tal-Breakage Dovuti lil Fornitur ta' Swaps tal-Iskopertura Sottostanti | L-ammont ta' kwalunkwe pagament dovut mid-debitur lill-kontroparti tal-iswap għat-terminazzjoni sħiħa jew parzjali tal-iswap. Fil-każ ta' diversi swaps, daħħal l-aktar valur xieraq.<br>Inkludi l-munita li fiha huwa denominat l-ammont, billi tuża l-format {CURRENCYCODE_3}. | LE | IVA |
| CREL169 | Nuqqas fil-Pagament tal-Kostijiet tal-Breakage mal-Iswap | L-ammont ta' kwalunkwe nuqqas, jekk ikun hemm, fil-kostijiet tal-breakage li jirriżultaw mit-terminazzjoni sħiħa jew parzjali tal-iswap, imħallsa mill-mutwatarju. Fil-każ ta' diversi swaps, daħħal is-somma tal-iswaps kollha.<br>Inkludi l-munita li fiha huwa denominat l-ammont, billi tuża l-format {CURRENCYCODE_3}. | LE | IVA |

| Kamp tal-kodiċi | Isem tal-kamp | Kontenut li għandu jiġi rrapportat | ND1-ND4 permessi? | ND5 permessi? |
|---|---|---|---|---|
| CREL170 | Kostijiet tal-Breakage Dovuti mill-Kontroparti tal-Iswap | L-ammont ta' kwalunkwe qligħ imħallas mill-kontroparti tal-iswap lid-debitur mat-terminazzjoni sħiħa jew parzjali. Fil-każ ta' diversi swaps, daħħal l-aktar valur xieraq.<br>Inkludi l-munita li fiha huwa denominat l-ammont, billi tuża l-format {CURRENCYCODE_3}. | LE | IVA |
| CREL171 | Data tar-Risettjar tal-Iswap li Jmiss | Id-data tar-risettjar li jmiss għall-iswap fil-livell tal-iskopertura sottostanti. Fil-każ ta' diversi swaps, daħħal l-aktar valur xieraq. | LE | IVA |
| CREL172 | L-isponsor | L-isem tal-isponsor tal-iskopertura sottostanti. | LE | IVA |
| CREL173 | Identifikatur tal-Entità Ġuridika tal-Bank Aġent tas-Sindikazzjoni | Ipprovdi l-Identifikatur tal-Entità Ġuridika (kif speċifikat fil-bażi ta' *data* tal-Global Legal Entity Foundation (GLEIF)) tal-bank aġent tas-sindikazzjoni, jiġifieri l-entità li taġixxi bħala interfaċċja bejn id-debitur u l-partijiet tas-self involuti fl-iskopertura sottostanti sindikata. | LE | IVA |
| CREL174 | Identifikatur tal-Entità Ġuridika tas-Servizzjant | Ipprovdi l-Identifikatur tal-Entità Ġuridika (kif speċifikat fil-bażi ta' *data* tal-Global Legal Entity Foundation (GLEIF)) tas-servizzjant tal-iskopertura sottostanti. | LE | IVA |
| CREL175 | Isem is-Servizzjant | Aġħti l-isem legali sħiħ tas-servizzjant tal-iskopertura sottostanti. L-isem imdaħħal irid ikun jaqbel mal-isem assoċjat mal-LEI fil-bażi ta' *data* tal-Global Legal Entity Foundation (GLEIF). | LE | IVA |
| CREL176 | Isem l-Oriġinatur | Aġħti l-isem legali sħiħ tal-oriġinatur tal-iskopertura sottostanti. L-isem imdaħħal irid ikun jaqbel mal-isem assoċjat mal-LEI fil-bażi ta' *data* tal-Global Legal Entity Foundation (GLEIF). | LE | LE |
| CREL177 | Identifikatur tal-Entità Ġuridika Oriġinatriċi | Ipprovdi l-Identifikatur tal-Entità Ġuridika (kif speċifikat fil-bażi ta' *data* tal-Global Legal Entity Foundation (GLEIF)) tal-oriġinatur tal-iskopertura sottostanti. | LE | LE |
| CREL178 | Pajjiż ta' Stabbiliment tal-Oriġinatur | Il-pajjiż fejn huwa stabbilit l-oriġinatur tal-iskopertura sottostanti. | LE | LE |
| CREL179 | Isem is-Sellief Oriġinali | Aġħti l-isem legali sħiħ tas-sellief oriġinali. L-isem imdaħħal irid ikun jaqbel mal-isem assoċjat mal-LEI fil-bażi ta' *data* tal-Global Legal Entity Foundation (GLEIF). | IVA | IVA |
| CREL180 | Identifikatur tal-Entità Ġuridika tas-Sellief Oriġinali | Ipprovdi l-Identifikatur tal-Entità Ġuridika (kif speċifikat fil-bażi ta' *data* tal-Global Legal Entity Foundation (GLEIF)) tas-sellief oriġinali.<br>Meta ma jkun hemm l-ebda Identifikatur tal-Entità Ġuridika disponibbli, daħħal ND5. | IVA | IVA |
| CREL181 | Pajjiż ta' Stabbiliment tas-Sellief Oriġinali | Il-pajjiż fejn huwa stabbilit is-sellief oriġinali. | IVA | IVA |

| Kamp tal-kodiċi | Isem tal-kamp | Kontenut li għandu jiġi rrapportat | ND1-ND4 permessi? | ND5 permessi? |
|---|---|---|---|---|
| Taqsima ta' informazzjoni fil-livell tal-kollateral | | | | |
| CREC1 | Identifikatur Uniku | Irrapporta l-istess identifikatur uniku hawnhekk bħal dak li daħħalt fil-kamp CREL1. | LE | LE |
| CREC2 | Identifikatur tal-Iskopertura Sottostanti | Identifikatur uniku tal-iskopertura sottostanti Dan irid ikun jaqbel mal-identifikatur fil-kamp CREL5. L-entità relatriċi ma tistax temenda dan l-identifikatur uniku. | LE | LE |
| CREC3 | Identifikatur Oriġinali tal-Kollateral | L-identifikatur uniku oriġinali assenjat għall-kollateral. L-entità relatriċi ma tistax temenda dan l-identifikatur uniku. | LE | LE |
| CREC4 | Identifikatur Ġdid tal-Kollateral | Jekk l-identifikatur oriġinali fil-kamp CREC3 ma jistax jinżamm f'dan il-kamp, daħħal l-identifikatur il-ġdid hawnhekk. Jekk ma seħħ l-ebda tibdil fl-identifikatur, daħħal l-istess identifikatur bħal fl-CREC3. L-entità relatriċi ma tistax temenda dan l-identifikatur uniku. | LE | LE |
| CREC5 | Tip ta' Kollateral | It-tip primarju (f'termini ta' valur) ta' assi li jiggarantixxi d-dejn. Meta jkun hemm garanzija sostnuta minn kollateral fiżiku jew finanzjarju, fittex fil-garanzija għal kwalunkwe kollateral li jista' jkun qed isostni dik il-garanzija.<br>Vettura (CARX)<br>Veikolu Industrijali (INDV)<br>Trakk Kummerċjali (CMTR)<br>Veikolu Ferrovjarju (RALV)<br>Veikolu Kummerċjali Nawtiku (NACM)<br>Veikolu Rikreazzjonali Nawtiku (NALV)<br>Ajruplan (AERO)<br>Għodda b'Magna (MCHT)<br>Tagħmir Industrijali (INDE)<br>Tagħmir tal-Uffiċċju (OFEQ)<br>Tagħmir tal-IT (ITEQ)<br>Tagħmir Mediku (MDEQ)<br>Tagħmir Relatat mal-Enerġija (ENEQ)<br>Bini Kummerċjali (CBLD)<br>Bini Residenzjali (RBLD)<br>Bini Industrijali (IBLD)<br>Veikolu Ieħor (OTHV)<br>Tagħmir Ieħor (OTHE)<br>Proprjetà Immobbli Oħra (OTRE)<br>Oġġetti jew inventarju oħrajn (OTGI)<br>Titoli (SECU)<br>Garanzija (GUAR)<br>Ass Finanzjarju Ieħor (OTFA)<br>Kategoriji Mħallta Minħabba Titolu Fuq l-Assi Kollha tad-Debitur (MIXD)<br>Oħrajn (OTHR) | LE | LE |
| CREC6 | Isem il-Proprjetà | L-isem tal-proprjetà li sservi bħala titolu għall-iskopertura sottostanti.<br>Jekk il-kollateral li jkun qed jiġi rrapportat ma jkunx kollateral tal-proprjetà, daħħal ND5. | LE | IVA |

| Kamp tal-kodiċi | Isem tal-kamp | Kontenut li għandu jiġi rrapportat | ND1-ND4 permessi? | ND5 permessi? |
|---|---|---|---|---|
| CREC7 | Indirizz tal-Proprjetà | L-indirizz tal-proprjetà li sservi bħala titolu għall-iskopertura sottostanti.<br>Jekk il-kollateral li jkun qed jiġi rrapportat ma jkunx kollateral tal-proprjetà, daħħal ND5. | LE | IVA |
| CREC8 | Reġjun Ġeografiku - Kollateral | Ir-reġjun ġeografiku (klassifikazzjoni NUTS3) fejn jinsab il-kollateral fiżiku. Fejn il-Eurostat ma jkun ipproduċa ebda klassifikazzjoni NUTS3 (eż. ġurisdizzjoni mhux tal-UE), daħħal il-kodiċi tal-pajjiż b'żewġ figuri fil-format {COUNTRYCODE_2} segwit minn "ZZZ". | IVA | IVA |
| CREC9 | Kodiċi Postali tal-Proprjetà | Kodiċi postali primarju sħiħ tal-proprjetà.<br>Jekk il-kollateral li jkun qed jiġi rrapportat ma jkunx kollateral tal-proprjetà, daħħal ND5. | LE | IVA |
| CREC10 | Rahan | L-ogħla pożizzjoni ta' rahan miżmuma mill-oriġinatur b'rabta mal-kollateral. | IVA | IVA |
| CREC11 | Status tal-Proprjetà | Status tal-proprjetà:<br>Prokura Dejjiema (LPOA)<br>Riċevitura (RCVR)<br>Fi Preklużjoni (FCLS)<br>Sid tal-Proprjetà Immobbli (REOW)<br>Annullat (DFSD)<br>Rilaxx Parzjali (PRLS)<br>Rilaxxat (RLSD)<br>L-istess bħal fid-Data tat-Titolizzazzjoni (SCDT)<br>F'Servizzjar Speċjali (SSRV)<br>Oħrajn (OTHR)<br>Jekk il-kollateral li jkun qed jiġi rrapportat ma jkunx kollateral tal-proprjetà, daħħal ND5. | LE | IVA |
| CREC12 | Tip ta' Proprjetà | Tip ta' proprjetà:<br>Parkeġġ għall-Karavans (CRVP)<br>Parkeġġ għall-Karozzi (CARP)<br>Kura tas-Saħħa (HEAL)<br>Ospitalità jew Lukanda (HOTL)<br>Industrijali (IDSR)<br>Art Biss (LAND)<br>Rikreazzjoni (LEIS)<br>Multifamilja (MULF)<br>Użu Mħallat (MIXD)<br>Uffiċċju (OFFC)<br>Pub (PUBX)<br>Ħanut tal-Bejgħ bl-Imnut (RETL) | LE | IVA |

| Kamp tal-kodiċi | Isem tal-kamp | Kontenut li għandu jiġi rrapportat | ND1-ND4 permessi? | ND5 permessi? |
|---|---|---|---|---|
| | | Awtoħażna (SSTR)<br>Maħżen (WARE)<br>Diversi (VARI)<br>Oħrajn (OTHR)<br>Jekk il-kollateral li jkun qed jiġi rrapportat ma jkunx kollateral tal-proprjetà, daħħal ND5. | | |
| CREC13 | Forma tat-Titolu tal-Proprjetà | Forma rilevanti tat-titolu tal-proprjetà. Lokazzjoni fuq l-art biss, li fiha d-debitur ġeneralment ikun is-sid ta' bini jew ikun meħtieġ li jibni kif speċifikat fil-lokazzjoni. Dawn il-lokazzjonijiet ġeneralment ikunu lokazzjonijiet netti b'terminu twil; id-drittijiet u l-obbligi tad-debitur ikomplu sakemm tiskadi l-lokazzjoni jew din tiġi tterminata b'inadempjenza:<br>Fond Lokatizju (LESH)<br>Freehold (FREE)<br>Imħallat (MIXD)<br>Oħrajn (OTHR)<br>Jekk il-kollateral li jkun qed jiġi rrapportat ma jkunx kollateral tal-proprjetà, daħħal ND5. | LE | IVA |
| CREC14 | Data ta' Valwazzjoni Attwali | Id-data tal-aktar valwazzjoni riċenti. | IVA | IVA |
| CREC15 | Ammont ta' Valwazzjoni Attwali | L-aktar valwazzjoni riċenti tal-proprjetà kif ivvalutat minn stimatur estern jew intern indipendenti; jekk ma hemmx valutazzjoni bħal din għad-dispożizzjoni, il-valur kurrenti tal-proprjetà jista' jiġi stmat billi jintuża indiċi tal-valur tal-proprjetà immobbli granulari biżżejjed fir-rigward tal-post ġeografiku u tat-tip ta' proprjetà; jekk lanqas ma jkun hemm indiċi tal-valur tal-proprjetà immobbli bħal dan, jista' jintuża indiċi tal-prezz tal-proprjetà immobbli granulari biżżejjed fir-rigward tal-post ġeografiku u tat-tip ta' proprjetà wara l-applikazzjoni ta' tniżżil fil-valur magħżul xieraq sabiex ipatti għad-deprezzament tal-proprjetà.<br>Jekk il-kollateral li jkun qed jiġi rrapportat ma jkunx kollateral ta' proprjetà, daħħal l-aktar valwazzjoni riċenti tal-kollateral kif ivvalutat minn stimatur estern jew intern indipendenti jew, jekk mhux disponibbli, mill-oriġinatur.<br>Inkludi l-munita li fiha huwa denominat l-ammont, billi tuża l-format {CURRENCYCODE_3}. | IVA | IVA |
| CREC16 | Metodu ta' Valwazzjoni Attwali | L-aktar metodu riċenti ta' kalkolu tal-valur tal-kollateral ipprovdut fil-kamp CREC15.<br>Spezzjoni sħiħa, interna u esterna (FALL)<br>Spezzjoni sħiħa esterna biss (FEXT)<br>Drive-by (DRVB)<br>Mudell tal-Valwazzjoni Awtomatizzata (AUVM)<br>Indiċizzat (IDXD)<br>Desktop (DKTP)<br>Aġent Maniġerjali/Aġent tal-Proprjetà Immobbli (MAEA)<br>Awtorità tat-Taxxa (TXAT)<br>Oħrajn (OTHR) | IVA | LE |

| Kamp tal-kodiċi | Isem tal-kamp | Kontenut li għandu jiġi rrapportat | ND1-ND4 permessi? | ND5 permessi? |
|---|---|---|---|---|
| CREC17 | Bażi ta' Valwazzjoni Attwali | Il-Bażi tal-aktar Valwazzjoni riċenti:<br>Suq Miftuħ (OPEN)<br>Pussess Vakanti (VCNT)<br>Oħrajn (OTHR) | IVA | LE |
| CREC18 | Metodu tal-Valwazzjoni Oriġinali | Il-metodu ta' kalkolu tal-valur tal-kollateral fil-mument tal-oriġinazzjoni tal-iskopertura sottostanti:<br>Spezzjoni sħiħa, interna u esterna (FALL)<br>Spezzjoni sħiħa esterna biss (FEXT)<br>Drive-by (DRVB)<br>Mudell tal-Valwazzjoni Awtomatizzata (AUVM)<br>Indiċizzat (IDXD)<br>Desktop (DKTP)<br>Aġent Maniġerjali/Aġent tal-Proprjetà Immobbli (MAEA)<br>Awtorità tat-Taxxa (TXAT)<br>Oħrajn (OTHR) | IVA | LE |
| CREC19 | Data tat-Titolizzazzjoni tal-Kollateral | Data li fiha l-proprjetà/l-kollateral ġew ikkontribwiti bħala titolu għall-iskopertura sottostanti. Jekk din il-proprjetà/il-kollateral ikunu ġew issostitwiti, daħħal id-data tas-sostituzzjoni. Jekk il-proprjetà/il-kollateral kienu parti mit-titolizzazzjoni oriġinali, din tkun id-Data tat-Titolizzazzjoni. | IVA | LE |
| CREC20 | Perċentwal Allokat tal-Iskopertura Sottostanti fid-Data tat-Titolizzazzjoni | % tal-iskopertura sottostanti allokat attribwibbli għall-proprjetà/għall-kollateral fid-Data tat-Titolizzazzjoni fejn ikun hemm aktar minn partita ta' proprjetà/kollateral waħda li tiggarantixxi l-iskopertura sottostanti. Dan jista' jkun stabbilit fil-Ftehim dwar l-iskopertura sottostanti, inkella assenjah skont valwazzjoni jew l-Introjtu Operatorju Nett. | IVA | IVA |
| CREC21 | Perċentwal Allokat Kurrenti tal-Iskopertura Sottostanti | % tal-iskopertura sottostanti allokat attribwibbli għall-kollateral fid-data tal-pagament tal-iskopertura sottostanti. Fejn ikun hemm aktar minn partita ta' kollateral waħda li tiggarantixxi l-iskopertura sottostanti, is-somma tal-perċentwali kollha tirriżulta għal 100 %. Dan jista' jkun stabbilit fil-ftehim dwar l-iskopertura sottostanti, inkella assenjah skont valwazzjoni (l-Introjtu Operatorju Nett). | LE | IVA |
| CREC22 | Valwazzjoni fit-Titolizzazzjoni | Il-valwazzjoni tal-proprjetà/tal-kollateral li jittitolizzaw l-iskopertura sottostanti fid-Data tat-Titolizzazzjoni kif deskritta fiċ-Ċirkolari tal-Offerta.<br>Inkludi l-munita li fiha huwa denominat l-ammont, billi tuża l-format {CURRENCYCODE_3}. | LE | IVA |
| CREC23 | Isem il-Valwatur fit-Titolizzazzjoni | L-isem tad-ditta ta' valwazzjoni li għamlet il-valwazzjoni tal-proprjetà/tal-kollateral fid-Data tat-Titolizzazzjoni. | LE | IVA |

| Kamp tal-kodiċi | Isem tal-kamp | Kontenut li għandu jiġi rrapportat | ND1-ND4 permessi? | ND5 permessi? |
|---|---|---|---|---|
| CREC24 | Data tal-Valwazzjoni fid-Data tat-Titolizzazzjoni | Id-data meta tħejjiet il-valwazzjoni għall-valuri divulgati fiċ-Ċirkolari tal-Offerta. | LE | IVA |
| CREC25 | Sena tal-Bini | Is-sena li fiha nbniet il-proprjetà skont ir-rapport tal-valwazzjoni jew id-dokument dwar l-iskopertura sottostanti. | IVA | IVA |
| CREC26 | Sena Meta Ġiet Rinnovata l-Aħħar | Is-sena meta tlesta l-aħħar rinnovament maġġuri/kostruzzjoni ġdida fuq il-proprjetà skont ir-rapport tal-valwazzjoni jew id-dokument dwar l-iskopertura sottostanti. | IVA | IVA |
| CREC27 | Numru ta' Unitajiet | Għat-tip ta' proprjetà Multifamilji, daħħal in-numru ta' unitajiet, għal Ospitalità/Lukandi/Kura tas-Saħħa - sodod, għal Parks tal-Karavans - unitajiet, kmamar tal-Akkomodazzjoni, Unitajiet ta' Awtoħażna. | LE | IVA |
| CREC28 | Metri Kwadri Netti | L-erja netta totali li tista' tinkera tal-proprjetà f'metri kwadri li sservi bħala titolu għall-iskopertura sottostanti skont l-aktar rapport ta' valwazzjoni riċenti. | LE | IVA |
| CREC29 | Erja Kummerċjali | L-erja Kummerċjali netta totali li tista' tinkera tal-proprjetà f'metri kwadri li sservi bħala titolu għall-iskopertura sottostanti skont l-aktar rapport ta' valwazzjoni riċenti. | LE | IVA |
| CREC30 | Erja Residenzjali | L-erja Residenzjali netta totali li tista' tinkera tal-proprjetà f'metri kwadri li sservi bħala titolu għas-selfa skont l-aktar rapport ta' valwazzjoni riċenti. | LE | IVA |
| CREC31 | Erja tal-Art Interna Netta Validata | L-istimatur (tal-aktar valwazzjoni riċenti) ivverifika l-erja tal-art interna netta tal-proprjetà? | IVA | IVA |
| CREC32 | Okkupanza mid-Data | Id-data tal-aktar pagament tal-kirja/skeda tal-kirja riċenti riċevut. Għall-proprjetajiet tal-ospitalità (lukandi) u tal-kura tas-saħħa uża l-okkupanza medja għall-perjodu li jirreferu għalih ir-rapporti finanzjarji. | LE | IVA |
| CREC33 | Okkupanza Ekonomika fit-Titolizzazzjoni | Il-perċentwal ta' spazju li jista' jinkera b'lokazzjonijiet iffirmati fis-seħħ fid-Data tat-Titolizzazzjoni jekk divulgat fiċ-Ċirkolari tal-Offerta (l-inkwilini jistgħu ma jkunux f'okkupanza iżda jkunu qegħdin iħallsu l-kera). | LE | IVA |
| CREC34 | Okkupanza Fiżika fid-Data tat-Titolizzazzjoni | Fit-titolizzazzjoni, il-perċentwal disponibbli tal-ispazju għall-kiri li fil-fatt huwa okkupat (jiġifieri fejn il-kerrejja fil-fatt ikunu qed jokkupaw u ma jkunux battala), jekk iddivulgat fiċ-Ċirkolari tal-Offerta. Għandha tiġi derivata mill-pagament tal-kirjiet jew minn dokument ieħor li jindika l-okkupanza b'mod konsistenti mal-informazzjoni tas-sena finanzjarja l-aktar riċenti. | LE | IVA |
| CREC35 | Valur f'Pussess Vakanti fid-Data tat-Titolizzazzjoni | Valur f'Pussess Vakanti fid-Data tat-Titolizzazzjoni.<br>Inkludi l-munita li fiha huwa denominat l-ammont, billi tuża l-format {CURRENCYCODE_3}. | LE | IVA |

| Kamp tal-kodiċi | Isem tal-kamp | Kontenut li għandu jiġi rrapportat | ND1-ND4 permessi? | ND5 permessi? |
|---|---|---|---|---|
| CREC36 | Data tal-Informazzjoni Finanzjarja fit-Titolizzazzjoni | Id-data tat-tmiem tal-informazzjoni finanzjarja għall-informazzjoni użata fiċ-Ċirkolari tal-Offerta (pereż. is-sena sad-data, annwali, kull tliet xhur jew it-12-il xahar ta' qabel). | IVA | IVA |
| CREC37 | Introjtu Operazzjonali Nett fid-Data tat-Titolizzazzjoni | Dħul tnaqqas minnu l-Ispejjeż Operatorji fid-Data tat-Titolizzazzjoni.<br>Inkludi l-munita li fiha huwa denominat l-ammont, billi tuża l-format {CURRENCYCODE_3}. | IVA | IVA |
| CREC38 | L-Aktar Informazzjoni Finanzjarja Riċenti sad-Data tal-Bidu | L-ewwel jum tal-perjodu kopert fl-aktar rapport finanzjarju operazzjonali riċenti disponibbli (pereż. Kull Xahar, Kull Tliet Xhur, Sena sad-Data jew it-12-il Xahar ta' Qabel). | IVA | IVA |
| CREC39 | L-Aktar Informazzjoni Finanzjarja Riċenti sad-Data tat-Tmiem | Id-data tat-tmiem tal-informazzjoni finanzjarja użata għall-aktar rapport finanzjarju operazzjonali riċenti (pereż. Kull Xahar, Kull Tliet Xhur, Sena sad-Data jew it-12-il Xahar ta' Qabel). | IVA | IVA |
| CREC40 | Dħul l-Aktar Riċenti | Id-dħul totali għall-perjodu kopert mill-aktar rapport finanzjarju operazzjonali riċenti (eż. Kull Xahar, Kull Tliet Xhur, Sena sad-Data jew it-12-il Xahar ta' Qabel) għall-proprjetà.<br>Inkludi l-munita li fiha huwa denominat l-ammont, billi tuża l-format {CURRENCYCODE_3}. | IVA | IVA |
| CREC41 | Spejjeż Operatorji l-Aktar Riċenti | Spejjeż operazzjonali totali għall-perjodu kopert mill-aktar rapport finanzjarju operazzjonali riċenti (pereż. Kull Xahar, Kull Tliet Xhur, Sena sad-Data jew it-12-il Xahar ta' Qabel) għall-proprjetà. Dawn jistgħu jinkludu taxxi fuq il-proprjetà immobbli, l-assigurazzjoni, il-ġestjoni, l-utilitajiet, il-manutenzjoni u t-tiswijiet u l-kostijiet diretti tal-proprjetà għal sid il-kera; nefqiet kapitali u l-kummissjonijiet fuq il-lokazzjoni huma esklużi.<br>Inkludi l-munita li fiha huwa denominat l-ammont, billi tuża l-format {CURRENCYCODE_3}. | IVA | IVA |
| CREC42 | Nefqa Kapitali l-Aktar Riċenti | Nefqa Kapitali Totali (b'differenza mit-tiswijiet u l-manutenzjoni) għall-perjodu kopert mill-aktar rapport finanzjarju operazzjonali riċenti (pereż. Kull Xahar, Kull Tliet Xhur, Sena sad-Data jew it-12-il Xahar ta' Qabel) għall-proprjetà.<br>Inkludi l-munita li fiha huwa denominat l-ammont, billi tuża l-format {CURRENCYCODE_3}. | IVA | IVA |
| CREC43 | Ċens Pagabbli | Jekk il-proprjetà hija fond lokatizju, ipprovdi l-kera attwali annwali tal-fond lokatizju pagabbli lil-lokatur.<br>Inkludi l-munita li fiha huwa denominat l-ammont, billi tuża l-format {CURRENCYCODE_3}. | LE | IVA |
| CREC44 | Termini Medji Ponderati tal-Lokazzjoni | Termini tal-lokazzjoni medji ponderati fi snin, billi bħala ponderazzjonijiet tuża l-aħħar valur pendenti disponibbli tal-lokazzjoni. | LE | IVA |
| CREC45 | Skadenza tal-Fond Lokatizju tal-Proprjetà | Ipprovdi l-eqreb data meta jiskadi l-interess tal-fond lokatizju. | LE | IVA |

| Kamp tal-kodiċi | Isem tal-kamp | Kontenut li għandu jiġi rrapportat | ND1-ND4 permessi? | ND5 permessi? |
|---|---|---|---|---|
| CREC46 | Introjtu Kuntrattwali Annwali mill-Kera | Introjtu kuntrattwali annwali mill-kera derivat mill-aktar skeda riċenti tal-kirja tad-debitur.<br>Inkludi l-munita li fiha huwa denominat l-ammont, billi tuża l-format {CURRENCYCODE_3}. | LE | IVA |
| CREC47 | Introjtu Se Jiskadi fi Żmien Xahar sa 12-Il Xahar | Perċentwal tal-introjtu li jiskadi fi żmien 1 sa 12 xahar. | IVA | IVA |
| CREC48 | Introjtu se Jiskadi fi Żmien 13-il Xahar sa 24 Xahar | Perċentwal tal-introjtu li jiskadi fi żmien 13 sa 24 xahar. | IVA | IVA |
| CREC49 | Introjtu se Jiskadi fi Żmien 25 Xahar sa 36 Xahar | Perċentwal tal-introjtu li jiskadi fi żmien 25 sa 36 xahar. | IVA | IVA |
| CREC50 | Introjtu se Jiskadi fi Żmien 37 Xahar sa 48 Xahar | Perċentwal tal-introjtu li jiskadi fi żmien 37 sa 48 xahar. | IVA | IVA |
| CREC51 | Introjtu se Jiskadi fi Żmien Aktar Minn 49 Xahar | Perċentwal tal-introjtu li jiskadi fi żmien 49 xahar jew aktar. | IVA | IVA |

Taqsima ta' informazzjoni fil-livell tal-kerrejja

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| CRET1 | Identifikatur Uniku | Irrapporta l-istess identifikatur uniku hawnhekk bħal dak li daħħalt fil-kamp CREL1. | LE | LE |
| CRET2 | Identifikatur tal-Iskopertura Sottostanti | Identifikatur uniku tal-iskopertura sottostanti Dan irid ikun jaqbel mal-identifikatur fil-kamp CREL5. L-entità relatriċi ma tistax temenda dan l-identifikatur uniku. | LE | LE |
| CRET3 | Identifikatur tal-Kollateral | Identifikatur uniku għall-kollateral. Dan il-kamp irid ikun jaqbel ma' CREC4, sabiex ikun jista' jsir l-immappjar. | LE | LE |
| CRET4 | Identifikatur tal-Kerrej | L-identifikatur uniku għall-kerrej. L-identifikatur irid ikun differenti minn kwalunkwe numru ta' identifikazzjoni estern, sabiex tiġi żgurata l-anonimità tad-debitur. L-entità relatriċi ma tistax temenda dan l-identifikatur uniku. | LE | LE |
| CRET5 | Isem il-Kerrej | Isem tal-kerrej kurrenti. Jekk il-kerrej huwa persuna fiżika, dan il-kamp irid jimtela bl-istess mod bħall-kamp CRET4. | IVA | LE |
| CRET6 | Kodiċi Industrijali NACE | Kodiċi NACE tal-industrija tal-kerrejja, kif stipulat fir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1]. | IVA | IVA |
| CRET7 | Data ta' Skadenza tal-Lokazzjoni | Data ta' skadenza tal-lokazzjoni tal-kerrej kurrenti. | LE | IVA |

| Kamp tal-kodiċi | Isem tal-kamp | Kontenut li għandu jiġi rrapportat | ND1-ND4 permessi? | ND5 permessi? |
|---|---|---|---|---|
| CRET8 | Kirja Pagabbli | Kirja annwali pagabbli mill-kerrej kurrenti.<br>Inkludi l-munita li fiha huwa denominat l-ammont, billi tuża l-format {CURRENCYCODE_3}. | LE | IVA |
| CRET9 | Munita tal-Kera | Denominazzjoni tal-munita tal-kera. | LE | IVA |

([1]) Ir-Regolament Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti Regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi tal-istatistika (ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1).

*ANNESS IV*

**INFORMAZZJONI DWAR L-ISKOPERTURI SOTTOSTANTI - KORPORAZZJONIJIET**

| Kamp tal-kodiċi | Isem tal-kamp | Kontenut li għandu jiġi rrapportat | ND1-ND4 permessi? | ND5 permessi? |
|---|---|---|---|---|
| Taqsima ta' informazzjoni dwar l-iskoperturi sottostanti | | | | |
| CRPL1 | Identifikatur Uniku | L-identifikatur uniku assenjat mill-entità relatriċi skont l-Artikolu 11(1) tar-Regolament Delegat 2020/1224. | LE | LE |
| CRPL2 | Identifikatur Oriġinali tal-Iskopertura Sottostanti | Identifikatur uniku tal-iskopertura sottostanti L-identifikatur irid ikun differenti minn kwalunkwe numru ta' identifikazzjoni estern, sabiex tiġi żgurata l-anonimità tad-debitur. L-entità relatriċi ma tistax temenda dan l-identifikatur uniku. | LE | LE |
| CRPL3 | Identifikatur Ġdid tal-Iskopertura Sottostanti | Jekk l-identifikatur oriġinali fil-kamp CRPL2 ma jistax jinżamm f'dan il-kamp, daħħal l-identifikatur il-ġdid hawnhekk. Jekk ma seħħ l-ebda tibdil fl-identifikatur, daħħal l-istess identifikatur bħal fl-CRPL2. L-entità relatriċi ma tistax temenda dan l-identifikatur uniku. | LE | LE |
| CRPL4 | Identifikatur Oriġinali tad-Debitur | Identifikatur oriġinali uniku tad-debitur. L-identifikatur irid ikun differenti minn kwalunkwe numru ta' identifikazzjoni estern, sabiex tiġi żgurata l-anonimità tad-debitur. L-entità relatriċi ma tistax temenda dan l-identifikatur uniku. | LE | LE |
| CRPL5 | Identifikatur Ġdid tad-Debitur | Jekk l-identifikatur oriġinali fil-kamp CRPL4 ma jistax jinżamm f'dan il-kamp, daħħal l-identifikatur il-ġdid hawnhekk. Jekk ma seħħ l-ebda tibdil fl-identifikatur, daħħal l-istess identifikatur bħal fl-CRPL4. L-entità relatriċi ma tistax temenda dan l-identifikatur uniku. | LE | LE |
| CRPL6 | Data Limitu għad-*Data* | Id-data limitu għad-*data* għal din is-sottomissjoni ta' *data*. | LE | LE |
| CRPL7 | Data taż-Żieda fil-Pula | Id-data li fiha l-iskopertura sottostanti ġiet ittrasferita fl-SSPE. Għall-iskopertura sottostanti kollha fil-pula sad-data limitu fl-ewwel rapport sottomess lir-repożitorju ta' titolizzazzjoni, jekk din l-informazzjoni mhijiex disponibbli, daħħal l-aktar waħda tard bejn: (i) id-data ta' għeluq tat-titolizzazzjoni, u (ii) id-data ta' oriġinazzjoni tal-iskopertura sottostanti. | LE | IVA |
| CRPL8 | Data tar-Riakkwist | Id-data li fiha l-iskopertura sottostanti ġiet riakkwistata mill-grupp. | LE | IVA |
| CRPL9 | Data tat-Tifdija | Id-data li fiha l-kont infeda jew (għal skoperturi sottostanti inadempjenti) id-data li fiha tlesta l-proċess ta' rkupru. | LE | IVA |

| Kamp tal-kodiċi | Isem tal-kamp | Kontenut li għandu jiġi rrapportat | ND1-ND4 permessi? | ND5 permessi? |
|---|---|---|---|---|
| CRPL10 | Reġjun Ġeografiku - Debitur | Ir-reġjun ġeografiku (klassifikazzjoni NUTS3) fejn jinsab id-debitur. Fejn il-Eurostat ma jkun ipproduċa ebda klassifikazzjoni NUTS3 (eż. ġurisdizzjoni mhux tal-UE), daħħal il-kodiċi tal-pajjiż b'żewġ figuri fil-format {COUNTRYCODE_2} segwit minn "ZZZ". | IVA | LE |
| CRPL11 | Klassifikazzjoni tar-Reġjun Ġeografiku | Daħħal is-sena tal-klassifikazzjoni NUTS3 użata għall-kampijiet tar-Reġjun Ġeografiku, eż. 2013 għal NUTS3 2013. Il-kampijiet kollha tar-reġjun ġeografiku jridu jużaw l-istess klassifikazzjoni b'mod konsistenti għal kull skopertura sottostanti u fl-iskoperturi sottostanti kollha fis-sottomissjoni tad-*data*. Pereżempju, ir-rapportar bl-użu tal-NUTS3 2006 għal ċerti kampijiet ġeografiċi relatati ma' skopertura sottostanti partikolari u r-rapportar bl-użu tal-NUTS3 2013 għal kampijiet oħra relatati mal-istess skopertura mhumiex permessi. Bl-istess mod, ir-rapportar tal-kampijiet tar-reġjun ġeografiku bl-użu tal-NUTS3 2006 għal ċerti skoperturi sottostanti u r-rapportar ta' kampijiet tar-reġjun ġeografiku bl-użu tal-NUTS3 2013 għal skoperturi sottostanti oħra fl-istess sottomissjoni tad-*data* mhumiex permessi. | IVA | LE |
| CRPL12 | Debitur b'Indeboliment tal-Kreditu | Ikkonferma li, skont l-Artikolu 20(11) tar-Regolament (UE) 2017/2402, fil-mument li fih din l-iskopertura sottostanti ntgħażlet għat-trasferiment lill-SSPE, l-iskopertura la kienet f'inadempjenza skont it-tifsira tal-Artikolu 178(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u lanqas ma kienet tikkostitwixxi skopertura għal debitur jew għal garanti b'indeboliment tal-kreditu, li, sal-aħjar għarfien tal-oriġinatur jew tas-sellief oriġinali:<br>(a) ikun ġie ddikjarat insolventi jew kellu qorti li tat lill-kredituri tiegħu dritt finali mhux appellabbli ta' infurzar jew danni materjali bħala riżultat ta' pagament maqbuż fi żmien tliet snin qabel id-data ta' oriġinazzjoni jew ikun għadda minn proċess ta' ristrutturar tad-dejn fir-rigward tal-iskoperturi improduttivi tiegħu fi żmien tliet snin qabel id-data ta' trasferiment jew assenjazzjoni tal-iskoperturi sottostanti lill-SSPE, ħlief jekk:<br>(i) skopertura sottostanti ristrutturata ma tkunx ippreżentat arretrati ġodda mid-data tar-ristrutturar li kellu jseħħ għall-anqas sena qabel id-data tat-trasferiment jew l-assenjazzjoni tal-iskoperturi sottostanti lill-SSPE; u<br>(ii) l-informazzjoni pprovduta mill-oriġinatur, mill-isponsor u mill-SSPE skont il-punti (a) u (e)(i) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 7(1), b'mod espliċitu tistabbilixxi il-proporzjon tal-iskoperturi sottostanti ristrutturati, il-ħin u d-dettalji tar-ristrutturar kif ukoll il-prestazzjoni tagħhom mid-data tar-ristrutturar;<br>(b) kien, fiż-żmien tal-oriġinazzjoni, fejn applikabbli, fuq reġistru ta' kreditu pubbliku ta' persuni b'każijiet ta' kreditu negattivi jew, fejn ma jkunx hemm tali reġistru ta' kreditu pubbliku, reġistru ta' kreditu ieħor li jkun disponibbli għall-oriġinatur jew għas-sellief oriġinali; jew | LE | IVA |

| Kamp tal-kodiċi | Isem tal-kamp | Kontenut li għandu jiġi rrapportat | ND1-ND4 permessi? | ND5 permessi? |
|---|---|---|---|---|
| | | (c) għandu klassifikazzjoni tal-kreditu jew evalwazzjoni tal-kreditu li tindika li r-riskju li ma jsirux il-pagamenti kuntrattwalment maqbulin huwa ferm ogħla minn dak ta' skoperturi komparabbli miżmuma mill-oriġinatur li mhumiex titolizzati.<br>Ir-ristrutturar jirreferi għal kwalunkwe tibdil li jsir fit-termini kuntrattwali tal-ftehim dwar l-iskopertura sottostanti minħabba tolleranza, inklużi pawżi mill-pagamenti, kapitalizzazzjoni tal-arretrati, tibdil fil-bażi tar-rata tal-imgħax jew fil-marġini, tariffi, penali, maturità u/jew miżuri oħra aċċettati b'mod ġenerali ta' ristrutturar minħabba tolleranza. | | |
| CRPL13 | Tip ta' Klijent | Tip ta' klijent fl-oriġinazzjoni:<br>Klijent ġdid u mhux impjegat/affiljat mal-grupp tal-oriġinatur (CNEO)<br>Klijent ġdid u impjegat/affiljat mal-grupp tal-oriġinatur (CEMO)<br>Klijent ġdid u impjegat/affiljazzjoni mhux irreġistrati (CNRO)<br>Klijent eżistenti u mhux impjegat/affiljat mal-grupp tal-oriġinatur (ENEO)<br>Klijent eżistenti u impjegat/affiljat mal-grupp tal-oriġinatur (EEMO)<br>Klijent eżistenti u impjegat/affiljazzjoni mhux irreġistrati (ENRO)<br>Oħrajn (OTHR) | IVA | LE |
| CRPL14 | Kodiċi Industrijali NACE | Kodiċi NACE tal-industrija tad-debitur, kif stipulat fir-Regolament (KE) Nru 1893/2006. | IVA | IVA |
| CRPL15 | Segment Basel III tad-Debitur | Segment Basel III tad-Debitur:<br>Korporazzjonijiet (CORP)<br>Intrapriża Żgħira u Medja Trattata bħala Korporazzjoni (SMEX)<br>Ħanut tal-Bejgħ bl-Imnut (RETL)<br>Oħrajn (OTHR) | IVA | IVA |
| CRPL16 | Daqs tal-Intrapriża | Klassifikazzjoni tal-intrapriżi skont id-daqs, skont l-Anness għar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE:<br>Intrapriża Mikro (MICE) - timpjega anqas minn 10 persuni u l-fatturat annwali tagħha u/jew it-total tal-karta bilanċjali tagħha ma jkunx jaqbeż iż-EUR 2 miljun<br>Intrapriża Żgħira (SMAE) - timpjega anqas minn 50 persuna u li l-fatturat annwali tagħha u/jew it-total tal-karta bilanċjali tagħha ma jkunx jaqbeż l-EUR 10 miljun<br>Intrapriża Medja (MEDE) - timpjega anqas minn 250 persuna u l-fatturat annwali tagħha ma jkunx jaqbeż il-EUR 50 miljun, u/jew it-total tal-karta bilanċjali annwali tagħha ma jkunx jaqbeż it-EUR 43 miljun | IVA | LE |

| Kamp tal-kodiċi | Isem tal-kamp | Kontenut li għandu jiġi rrapportat | ND1-ND4 permessi? | ND5 permessi? |
|---|---|---|---|---|
| | | Intrapriża Kbira (LARE) - intrapriża li la hija intrapriża mikro, la żgħira u lanqas medja.<br>Persuna Fiżika (NATP)<br>Oħrajn (OTHR) | | |
| CRPL17 | Dħul | Volum annwali tal-bejgħ wara li jitnaqqsu l-iskontijiet u t-taxxi fuq il-bejgħ kollha tad-debitur skont ir-Rakkomandazzjoni 2003/361/KE. Ekwivalenti għall-kunċett ta' "bejgħ annwali totali" fl-Artikolu 153(4) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.<br>Inkludi l-munita li fiha huwa denominat l-ammont, billi tuża l-format {CURRENCYCODE_3}. | IVA | LE |
| CRPL18 | Dejn Totali | Id-dejn gross totali tad-debitur, inkluż il-finanzjament ipprovdut fl-iskopertura sottostanti preżenti.<br>Inkludi l-munita li fiha huwa denominat l-ammont, billi tuża l-format {CURRENCYCODE_3}. | IVA | LE |
| CRPL19 | EBITDA | Il-qligħ rikorrenti minn operazzjonijiet kontinwi flimkien mal-imgħax, mat-taxxi, mad-deprezzament u mal-amortizzament.<br>Inkludi l-munita li fiha huwa denominat l-ammont, billi tuża l-format {CURRENCYCODE_3}. | IVA | LE |
| CRPL20 | Valur tal-Intrapriża | Valur tal-Intrapriża jiġifieri kapitalizzazzjoni tas-suq flimkien mad-dejn, interess minoritarju u ishma privileġġati, nieqes il-flus u l-ekwivalenti ta' flus totali.<br>Inkludi l-munita li fiha huwa denominat l-ammont, billi tuża l-format {CURRENCYCODE_3}. | IVA | LE |
| CRPL21 | Fluss tal-Flus Ħieles | Introjtu nett flimkien mal-imposti mhux fi flus flimkien mal-imgħax x (1 - rata tat-taxxa) flimkien mal-investimenti ta' terminu twil nieqes l-investimenti fil-kapital operatorju. Imposti mhux fi flus jinkludu deprezzament, amortizzament, tnaqqis, kumpens ibbażat fuq l-istokks u indebolimenti tal-assi.<br>Inkludi l-munita li fiha huwa denominat l-ammont, billi tuża l-format {CURRENCYCODE_3}. | IVA | LE |
| CRPL22 | Data tal-Informazzjoni Finanzjarja | Id-data tal-informazzjoni finanzjarja (eż. EBITDA) fuq id-debitur ta' din l-iskopertura sottostanti. | IVA | IVA |
| CRPL23 | Munita tad-Dikjarazzjoni Finanzjarja | Il-munita tar-rapportar tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji | IVA | LE |
| CRPL24 | Tip ta' Dejn | Tip ta' Dejn:<br>Self jew Lokazzjoni (LOLE)<br>Garanzija (DGAR)<br>Ċedoli (PRMS)<br>Drittijiet ta' Parteċipazzjoni (PRTR)<br>Self Kurrenti (ODFT) | LE | LE |

| Kamp tal-kodiċi | Isem tal-kamp | Kontenut li għandu jiġi rrapportat | ND1-ND4 permessi? | ND5 permessi? |
|---|---|---|---|---|
| | | Ittra ta' kreditu (LCRE)<br>Faċilità tal-Kapital Operatorju (WCFC)<br>Ekwità (EQUI)<br>Oħrajn (OTHR) | | |
| CRPL25 | Riċevibbli Titolizzati | Liema riċevibbli assoċjati ma' din l-iskopertura sottostanti ġew titolizzati:<br>Kapital u Mgħax (PRIN)<br>Kapital Biss (PRPL)<br>Imgħax Biss (INTR)<br>Oħrajn (OTHR) | LE | LE |
| CRPL26 | Numru Internazzjonali għall-Identifikazzjoni tat-Titoli | Il-kodiċi ISIN assenjat għal din l-iskopertura sottostanti, fejn applikabbli. | LE | IVA |
| CRPL27 | Superjorità | Superjorità tal-Istrument tad-Dejn:<br>Dejn Superjuri (SNDB)<br>Dejn Intermedju (MZZD)<br>Dejn Inferjuri (JUND)<br>Dejn Subordinat (SBOD)<br>Oħrajn (OTHR) | LE | IVA |
| CRPL28 | Sindikata | L-iskopertura sottostanti hija sindikata? | IVA | LE |
| CRPL29 | Tranżazzjoni Ingranata | L-iskopertura sottostanti hija tranżazzjoni ingranata, kif definita f'https://www.bankingsupervision.europa.eu/ecb/pub/pdf/ssm.leveraged_transactions_guidance_201705.en.pdf | LE | LE |
| CRPL30 | Ġestita minn CLO | L-iskopertura sottostanti hija ġestita mill-maniġer tas-CLO wkoll? | LE | IVA |
| CRPL31 | Paġament in Natura | L-iskopertura sottostanti bħalissa qed tħallas in natura? (jiġifieri l-imgħax jitħallas fil-forma ta' kapital kapitalizzat) | IVA | LE |
| CRPL32 | Skema Speċjali | Jekk l-iskopertura sottostanti hija rregolata minn xi arranġament speċjali tas-settur pubbliku, daħħal l-isem sħiħ (mingħajr abbrevjazzjonijiet) tal-arranġament hawnhekk. | IVA | IVA |
| CRPL33 | Data tal-Oriġini | Data tal-avvanz oriġinali tal-iskopertura sottostanti. | IVA | LE |
| CRPL34 | Data ta' Maturità | Id-data ta' maturità tal-iskopertura sottostanti jew l-iskadenza tal-lokazzjoni. | LE | IVA |
| CRPL35 | Kanal tal-Oriġinazzjoni | Kanal tal-oriġinazzjoni tal-iskopertura sottostanti:<br>Uffiċċju jew Netwerk ta' Fergħat (BRAN) | IVA | IVA |

| Kamp tal-kodiċi | Isem tal-kamp | Kontenut li għandu jiġi rrapportat | ND1-ND4 permessi? | ND5 permessi? |
|---|---|---|---|---|
| | | Sensar (BROK)<br>Internet (WEBI)<br>Oħrajn (OTHR) | | |
| CRPL36 | Skop | Skop tal-iskopertura sottostanti:<br>Self Kurrenti jew Kapital Operatorju (OVRD)<br>Investiment f'Impjant jew f'Tagħmir Ġdid (EQPI)<br>Investiment f'Teknoloġija tal-Informazzjoni Ġdida (INFT)<br>Rinnovament ta' Impjant, ta' Tagħmir jew ta' Teknoloġija Eżistenti (RFBR)<br>Fużjoni u Akkwiżizzjoni (MGAQ)<br>Skop Espansjonarju Ieħor (OEXP)<br>Oħrajn (OTHR) | IVA | LE |
| CRPL37 | Denominazzjoni tal-Munita | Id-denominazzjoni tal-munita tal-iskopertura sottostanti. | LE | LE |
| CRPL38 | Bilanċ Oriġinali tal-Kapital | Bilanċ oriġinali tal-iskopertura sottostanti (inklużi t-tariffi).<br>Dan jirreferi għall-bilanċ tal-iskopertura sottostanti fid-data tal-oriġinazzjoni tal-iskopertura sottostanti, mhux id-data tal-bejgħ tal-iskopertura sottostanti lill-SSPE jew id-data tal-għeluq tat-titolizzazzjoni.<br>Inkludi l-munita li fiha huwa denominat l-ammont, billi tuża l-format {CURRENCYCODE_3}. | IVA | IVA |
| CRPL39 | Bilanċ Kurrenti tal-Kapital | L-ammont tal-iskopertura sottostanti pendenti sad-data limitu għad-*data*. Dan jinkludi kwalunkwe ammont li huwa kklassifikat bħala kapital fit-titolizzazzjoni. Pereżempju jekk ikunu ġew miżjuda tariffi mal-bilanċ tal-iskopertura sottostanti u dawn ikunu parti mill-kapital fit-titolizzazzjoni, dawn għandhom jiġu miżjuda. Eskluż kwalunkwe arretrat ta' mgħax jew ammont ta' penali.<br>Inkludi l-munita li fiha huwa denominat l-ammont, billi tuża l-format {CURRENCYCODE_3}. | LE | IVA |
| CRPL40 | Bilanċi Preċedenti tal-Kapital | Klassifikazzjoni tal-bilanċi totali qabel din l-iskopertura sottostanti (inklużi dawk miżmuma ma' selliefa oħrajn). Jekk ma hemm l-ebda bilanċ preċedenti, daħħal 0.<br>Inkludi l-munita li fiha huwa denominat l-ammont, billi tuża l-format {CURRENCYCODE_3}. | IVA | IVA |
| CRPL41 | Valur tas-suq | Għal titolizzazzjonijiet b'Obbligu ta' Self Kollateralizzat, daħħal il-valur tas-suq tat-titolu.<br>Inkludi l-munita li fiha huwa denominat l-ammont, billi tuża l-format {CURRENCYCODE_3}. | LE | IVA |

| Kamp tal-kodiċi | Isem tal-kamp | Kontenut li għandu jiġi rrapportat | ND1-ND4 permessi? | ND5 permessi? |
|---|---|---|---|---|
| CRPL42 | Limitu tal-Kreditu Totali | Għal skoperturi sottostanti b'faċilitajiet flessibbli ta' prelevament mill-ġdid (li jinkludu karatteristiċi ċirkolari) jew meta l-ammont massimu tal-iskopertura sottostanti ma jkunx ġie prelevat bis-sħiħ – l-ammont massimu tal-iskopertura sottostanti li jista' jkun potenzjalment pendenti.<br>Dan il-kamp irid jimtela biss għall-iskopertura sottostanti li għandhom karatteristiċi flessibbli jew ta' prelevament ulterjuri. Mhuwiex maħsub sabiex ikopri każijiet li fihom id-debitur jista' jerġa' jinnegozja bilanċ akbar tal-iskopertura sottostanti iżda każijiet li fihom bħalissa hemm il-possibbiltà kuntrattwali li d-debitur jagħmel dan u li s-sellief jipprovdi l-finanzjament addizzjonali.<br>Inkludi l-munita li fiha huwa denominat l-ammont, billi tuża l-format {CURRENCYCODE_3}. | LE | IVA |
| CRPL43 | Prezz tax-Xiri | Daħħal il-prezz, marbut mal-parità, li bih l-iskopertura sottostanti nxtrat mill-SSPE. Daħħal 100 jekk ma ġie applikat l-ebda skont. | LE | IVA |
| CRPL44 | Data tal-Put | Jekk teżisti opzjoni ta' bejgħ lura tal-iskopertura sottostanti, daħħal id-data li fiha l-opzjoni tista' tiġi eżerċitata. Jekk id-data mhijiex magħrufa (eż. l-opzjoni hija opzjoni Amerikana), daħħal l-ekwivalenti tal-31 ta' Diċembru 2099. | LE | IVA |
| CRPL45 | Eżerċitar tal-Put | Jekk teżisti opzjoni ta' bejgħ lura tal-iskopertura sottostanti, daħħal il-prezz tal-eżerċitar. Jekk il-prezz tal-eżerċitar huwa mobbli (eż. l-opzjoni hija opzjoni retrospettiva), daħħal l-aħjar stima tal-prezz tal-eżerċitar bħala d-data limitu għad-*data*.<br>Inkludi l-munita li fiha huwa denominat l-ammont, billi tuża l-format {CURRENCYCODE_3}. | LE | IVA |
| CRPL46 | Tip ta' Amortizzament | It-tip ta' amortizzament tal-iskopertura sottostanti inklużi l-kapital u l-imgħax.<br>Franċiż - jiġifieri amortizzament li fih l-ammont totali — il-kapital flimkien mal-imgħax — imħallas lura f'kull ħlas parzjali jkun l-istess. (FRXX)<br>Ġermaniż - jiġifieri amortizzament li fih l-ewwel ħlas parzjali jkun jinkludi l-imgħax biss u l-ħlasijiet parzjali li jifdal ikunu kostanti, inkluż l-amortizzament tal-kapital u l-imgħax. (DEXX)<br>Skeda ta' amortizzament fiss - jiġifieri amortizzament li fih l-ammont tal-kapital imħallas lura f'kull ħlas parzjali jkun l-istess. (FIXE)<br>Bullet - jiġifieri amortizzament li fih l-ammont sħiħ tal-kapital jitħallas lura fl-aħħar ħlas parzjali. (BLLT)<br>Oħrajn (OTHR) | IVA | LE |
| CRPL47 | Data tat-Tmiem tal-Perjodu ta' Grazzja Prinċipali | Jekk applikabbli sad-data limitu għad-*data*, indika d-data tat-tmiem tal-perjodu ta' grazzja prinċipali. | IVA | IVA |
| CRPL48 | Frekwenza Skedata tal-Pagament tal-Kapital | Frekwenza tal-pagamenti tal-kapital dovuti, jiġifieri l-perjodu bejn il-pagamenti:<br>Kull Xahar (MNTH)<br>Kull Trimestru (QUTR) | LE | IVA |

| Kamp tal-kodiċi | Isem tal-kamp | Kontenut li għandu jiġi rrapportat | ND1-ND4 permessi? | ND5 permessi? |
|---|---|---|---|---|
| | | Semiannwali (SEMI)<br>Annwali (YEAR)<br>Oħrajn (OTHR) | | |
| CRPL49 | Frekwenza Skedata tal-Pagament tal-Imgħax | Frekwenza tal-pagamenti tal-imgħax dovuti, jiġifieri l-perjodu bejn il-pagamenti:<br>Kull Xahar (MNTH)<br>Kull Trimestru (QUTR)<br>Semiannwali (SEMI)<br>Annwali (YEAR)<br>Oħrajn (OTHR) | LE | IVA |
| CRPL50 | Pagament Dovut | Dan huwa l-pagament kuntrattwali li jmiss dovut mid-debitur skont il-frekwenza tal-pagamenti tal-iskopertura sottostanti.<br>Inkludi l-munita li fiha huwa denominat l-ammont, billi tuża l-format {CURRENCYCODE_3}. | LE | IVA |
| CRPL51 | Ammont Balloon | Ammont totali ta' ripagament tal-kapital (titolizzat) li jrid jitħallas fid-data ta' maturità tal-iskopertura sottostanti.<br>Inkludi l-munita li fiha huwa denominat l-ammont, billi tuża l-format {CURRENCYCODE_3}. | IVA | IVA |
| CRPL52 | Tip ta' Rata tal-Imgħax | Tip ta' rata tal-imgħax:<br>Skopertura sottostanti b'rata varjabbli (tul il-ħajja kollha) (FLIF)<br>Skopertura sottostanti b'rata varjabbli marbuta ma' indiċi wieħed li se jerġa' lura għal indiċi ieħor fil-futur (FINX)<br>Skopertura sottostanti b'rata fissa (tul il-ħajja kollha) (FXRL)<br>Fissa b'risettjar perjodiku futur (FXPR)<br>Skopertura sottostanti b'rata fissa b'bidla futura obbligatorja għal varjabbli (FLCF)<br>Skopertura sottostanti b'rata varjabbli b'limitu minimu (FLFL)<br>Skopertura sottostanti b'rata varjabbli b'limitu massimu (CAPP)<br>Skopertura sottostanti b'rata varjabbli b'limitu minimu kif ukoll b'limitu massimu (FLCA)<br>Skont (DISC)<br>Opzjonalità ta' Bdil (SWIC)<br>Debitur Swapped (OBLS)<br>Modulari (MODE)<br>Oħrajn (OTHR) | LE | IVA |

| Kamp tal-kodiċi | Isem tal-kamp | Kontenut li għandu jiġi rrapportat | ND1-ND4 permessi? | ND5 permessi? |
|---|---|---|---|---|
| CRPL53 | Rata tal-Imgħax Kurrenti | Rata gross fis-sena użata għall-kalkolu tal-imgħax skedat tal-perjodu kurrenti fuq l-iskopertura sottostanti titolizzata. Rati kkalkolati fuq bażi ta' perjodi b'perjodu jridu jkunu annwalizzati. | LE | IVA |
| CRPL54 | Indiċi tar-Rata tal-Imgħax Kurrenti | L-indiċi tal-imgħax referenzjali bażi li huwa applikabbli bħalissa (ir-rata referenzjali li fuq il-bażi tagħha tiġi stabbilita r-rata tal-imgħax):<br>MuniAAA (MAAA)<br>FutureSWAP (FUSW)<br>LIBID (LIBI)<br>LIBOR (LIBO)<br>SWAP (SWAP)<br>Treasury (TREA)<br>Euribor (EURI)<br>Pfandbriefe (PFAN)<br>EONIA (EONA)<br>EONIASwaps (EONS)<br>EURODOLLAR (EUUS)<br>EuroSwiss (EUCH)<br>TIBOR (TIBO)<br>ISDAFIX (ISDA)<br>GCFRepo (GCFR)<br>STIBOR (STBO)<br>BBSW (BBSW)<br>JIBAR (JIBA)<br>BUBOR (BUBO)<br>CDOR (CDOR)<br>CIBOR (CIBO)<br>MOSPRIM (MOSP)<br>NIBOR (NIBO)<br>PRIBOR (PRBO)<br>TELBOR (TLBO)<br>WIBOR (WIBO)<br>Rata Normattiva tal-Bank of England (BOER)<br>Rata Normattiva tal-Bank Ċentrali Ewropew (ECBR)<br>Rata Proprja tas-Sellief (LDOR)<br>Oħrajn (OTHR) | LE | IVA |
| CRPL55 | Terminu tal-Indiċi tar-Rata tal-Imgħax Kurrenti | Terminu tal-indiċi tar-rata tal-imgħax kurrenti:<br>Mil-Lum għall-Għada (OVNG)<br>Dakinhar (INDA)<br>Jum 1 (DAIL)<br>Ġimgħa 1 (WEEK) | LE | IVA |

| Kamp tal-kodiċi | Isem tal-kamp | Kontenut li għandu jiġi rrapportat | ND1-ND4 permessi? | ND5 permessi? |
|---|---|---|---|---|
| | | Ġimagħtejn (TOWK)<br>Xahar 1 (MNTH)<br>Xahrejn (TOMN)<br>3 xhur (QUTR)<br>4 xhur (FOMN)<br>6 xhur (SEMI)<br>12-il xahar (YEAR)<br>Fuq Talba (ONDE)<br>Oħrajn (OTHR) | | |
| CRPL56 | Marġni tar-Rata tal-Imgħax Kurrenti | Il-marġni tar-rata tal-imgħax kurrenti tal-iskopertura sottostanti b'rata varjabbli fuq (jew taħt, f'liema każ daħħal bħala negattiv) ir-rata tal-indiċi. | LE | IVA |
| CRPL57 | Intervall għar-Risettjar tar-Rata tal-Imgħax | Numru ta' xhur bejn kull data tar-risettjar tar-rata tal-imgħax fuq l-iskopertura sottostanti. | LE | IVA |
| CRPL58 | Limitu Massimu tar-Rata tal-Imgħax | Ir-rata massima li d-debitur irid iħallas fuq skopertura sottostanti b'rata varjabbli kif meħtieġ skont it-termini tal-ftehim dwar l-iskopertura sottostanti. | LE | IVA |
| CRPL59 | Limitu Minimu tar-Rata tal-Imgħax | Ir-rata minima li d-debitur irid iħallas fuq skopertura sottostanti b'rata varjabbli kif meħtieġ skont it-termini tal-ftehim dwar l-iskopertura sottostanti. | LE | IVA |
| CRPL60 | Marġni ta' Reviżjoni 1 | Il-marġni għall-iskopertura sottostanti fl-ewwel data ta' reviżjoni. Dan jirreferi biss għal tibdiliet kuntrattwali fil-marġni (eż. minn +50bps għal +100bps) jew fl-indiċi sottostanti (eż. minn 3M EUIBOR għal 1M EURIBOR) użat għall-kalkolu tal-imgħax. Dan il-kamp ma jirreferix għad-data li fiha jiġi rrisettjat perjodikament l-indiċi (eż. risettjar ta' 1M EURIBOR kull xahar).<br>Il-marġni rivedut sħiħ irid jiddaħħal f'dan il-kamp, mhux it-*tibdil* fil-marġni. | IVA | IVA |
| CRPL61 | Data ta' Reviżjoni tal-Imgħax 1 | Data tat-tibdiliet li jmiss fir-rata tal-imgħax (eż. tibdiliet fil-marġni tal-iskont, jintemm il-perjodu fiss, terġa' tiġi stabbilita l-iskopertura sottostanti, eċċ. din mhijiex id-data tar-risettjar tal-LIBOR/EUROBIR/indiċi li jmiss). | IVA | IVA |
| ESTL34 | Frekwenza Skedata tal-Pagament tal-Imgħax | Frekwenza tal-pagamenti tal-imgħax dovuti, jiġifieri l-perjodu bejn il-pagamenti:<br>Kull Xahar (MNTH)<br>Kull Trimestru (QUTR)<br>Semiannwali (SEMI)<br>Annwali (YEAR)<br>Oħrajn (OTHR) | IVA | IVA |
| ESTL35 | Pagament Dovut | Dan huwa l-pagament kuntrattwali li jmiss dovut mid-debitur skont il-frekwenza tal-pagamenti tal-iskopertura sottostanti.<br>Inkludi l-munita li fiha huwa denominat l-ammont, billi tuża l-format {CURRENCYCODE_3}. | IVA | IVA |
| ESTL36 | Proporzjon Dejn-Introjtu | Id-dejn definit bħala l-ammont tal-iskopertura sottostanti pendenti sad-data limitu għad-*data*, dan jinkludi kwalunkwe ammont li huwa garantit mill-ipoteka u li se jiġi kklassifikat bħala kapital fit-titolizzazzjoni. Pereżempju jekk ikunu ġew miżjuda tariffi mal-bilanċ tal-iskopertura sottostanti u dawn ikunu parti mill-kapital fit-titolizzazzjoni, dawn għandhom jiġu miżjuda. Eskluż kwalunkwe arretrat ta' mgħax jew ammont ta' penali.<br>L-introjtu kif definit fil-kodiċi tal-kamp **ESTL17**, flimkien ma' kwalunkwe introjtu rilevanti ieħor (eż. introjtu sekondarju). | IVA | IVA |
| ESTL37 | Ammont Balloon | Ammont totali ta' ripagament tal-kapital (titolizzat) li jrid jitħallas fid-data ta' maturità tal-iskopertura sottostanti.<br>Inkludi l-munita li fiha huwa denominat l-ammont, billi tuża l-format {CURRENCYCODE_3}. | IVA | IVA |
| ESTL38 | Intervall għar-Risettjar tar-Rata tal-Imgħax | Numru ta' xhur bejn kull data tar-risettjar tar-rata tal-imgħax fuq l-iskopertura sottostanti. | IVA | IVA |
| ESTL39 | Rata tal-Imgħax Kurrenti | Rata tal-imgħax kurrenti. | IVA | IVA |
| ESTL40 | Indiċi tar-Rata tal-Imgħax Kurrenti | L-indiċi tal-imgħax referenzjali bażi li huwa applikabbli bħalissa (ir-rata referenzjali li fuq il-bażi tagħha tiġi stabbilita r-rata tal-imgħax):<br>MuniAAA (MAAA)<br>FutureSWAP (FUSW)<br>LIBID (LIBI)<br>LIBOR (LIBO)<br>SWAP (SWAP)<br>Treasury (TREA)<br>Euribor (EURI)<br>Pfandbriefe (PFAN)<br>EONIA (EONA)<br>EONIASwaps (EONS)<br>EURODOLLAR (EUUS)<br>EuroSwiss (EUCH) | IVA | IVA |

| Kamp tal-kodiċi | Isem tal-kamp | Kontenut li għandu jiġi rrapportat | ND1-ND4 permessi? | ND5 permessi? |
|---|---|---|---|---|
| | | TIBOR (TIBO)<br>ISDAFIX (ISDA)<br>GCFRepo (GCFR)<br>STIBOR (STBO)<br>BBSW (BBSW)<br>JIBAR (JIBA)<br>BUBOR (BUBO)<br>CDOR (CDOR)<br>CIBOR (CIBO)<br>MOSPRIM (MOSP)<br>NIBOR (NIBO)<br>PRIBOR (PRBO)<br>TELBOR (TLBO)<br>WIBOR (WIBO)<br>Rata Normattiva tal-Bank of England (BOER)<br>Rata Normattiva tal-Bank Ċentrali Ewropew (ECBR)<br>Rata Proprja tas-Sellief (LDOR)<br>Oħrajn (OTHR) | | |
| ESTL41 | Terminu tal-Indiċi tar-Rata tal-Imgħax Kurrenti | Terminu tal-indiċi tar-rata tal-imgħax kurrenti:<br>Mil-Lum għall-Għada (OVNG)<br>Dakinhar (INDA)<br>Jum 1 (DAIL)<br>Ġimgħa 1 (WEEK)<br>Ġimagħtejn (TOWK)<br>Xahar 1 (MNTH)<br>Xahrejn (TOMN)<br>3 xhur (QUTR)<br>4 xhur (FOMN)<br>6 xhur (SEMI)<br>12-il xahar (YEAR)<br>Fuq Talba (ONDE)<br>Oħrajn (OTHR) | IVA | IVA |
| ESTL42 | Marġni tar-Rata tal-Imgħax Kurrenti | Il-marġni tar-rata tal-imgħax kurrenti tal-iskopertura sottostanti b'rata varjabbli fuq (jew taħt, f'liema każ daħħal bħala negattiv) ir-rata tal-indiċi. | IVA | IVA |
| ESTL43 | Limitu Massimu tar-Rata tal-Imgħax | Ir-rata massima li d-debitur irid iħallas fuq skopertura sottostanti b'rata varjabbli kif meħtieġ skont it-termini tal-ftehim dwar l-iskopertura sottostanti. | IVA | IVA |

| Kamp tal-kodiċi | Isem tal-kamp | Kontenut li għandu jiġi rrapportat | ND1-ND4 permessi? | ND5 permessi? |
|---|---|---|---|---|
| ESTL44 | Limitu Minimu tar-Rata tal-Imgħax | Ir-rata minima li d-debitur irid iħallas fuq skopertura sottostanti b'rata varjabbli kif meħtieġ skont it-termini tal-ftehim dwar l-iskopertura sottostanti. | IVA | IVA |
| ESTL45 | Numru ta' Pagamenti Qabel it-Titolizzazzjoni | Daħħal in-numru ta' pagamenti li saru qabel ma l-iskopertura ġiet ittrasferita għat-titolizzazzjoni. | IVA | IVA |
| ESTL46 | Perċentwal ta' Prepagamenti Permessi fis-Sena | Ammont perċentwali ta' prepagamenti permessi għall-prodott fis-sena. Dan għal skoperturi sottostanti li jippermettu ċertu livell limitu ta' prepagamenti (jiġifieri 10 %) qabel ma jiġġarrbu l-miżati. | IVA | IVA |
| ESTL47 | Data tat-Tmiem tal-Imblokk tal-Prepagament | Id-data li warajha s-sellief jippermetti l-prepagament tal-iskopertura sottostanti. | IVA | IVA |
| ESTL48 | Tariffa għall-Prepagament | L-ammont miġbur mingħand id-debitur bħala t-tariffa/il-penali dovuta sabiex jagħmel prepagamenti kif meħtieġa skont it-termini tal-ftehim dwar l-iskopertura sottostanti. Dan mhuwiex maħsub sabiex jinkludi kwalunkwe ammont imħallas bħala "kost tal-pawża" sabiex il-pagamenti tal-imgħax jiġu kkumpensati sad-Data tal-Pagament tal-iskopertura sottostanti.<br>Inkludi l-munita li fiha huwa denominat l-ammont, billi tuża l-format {CURRENCYCODE_3}. | IVA | IVA |
| ESTL49 | Data tat-Tmiem tat-Tariffa għall-Prepagament | Id-data li warajha s-sellief jippermetti l-prepagament tal-iskopertura sottostanti mingħajr il-ħtieġa li titħallas tariffa għall-prepagament. | IVA | IVA |
| ESTL50 | Data tal-Prepagament | L-aħħar data li fiha ġie riċevut pagament ta' kapital mhux skedat. | IVA | IVA |
| ESTL51 | Prepagamenti Kumulattivi | Prepagamenti totali miġbura sad-data limitu għad-*data* (prepagamenti definit bħala pagament tal-kapital mhux skedat) mid-data ta' oriġinazzjoni tal-iskopertura sottostanti<br>Inkludi l-munita li fiha huwa denominat l-ammont, billi tuża l-format {CURRENCYCODE_3}. | IVA | IVA |
| ESTL52 | L-Aħħar Data fl-Arretrati | Data li fiha d-debitur kellu arretrati għall-aħħar darba. | IVA | IVA |
| ESTL53 | Bilanċ tal-Arretrati | Bilanċ kurrenti tal-arretrati, li huwa ddefinit bħala:<br>Pagamenti totali dovuti sa dakinhar<br>FLIMKIEN ma' kwalunkwe ammont kapitalizzat<br>FLIMKIEN ma' kwalunkwe tariffa applikata għall-kont<br>NEQSIN il-pagamenti totali riċevuti sa dakinhar.<br>Jekk ebda arretrat, daħħal 0.<br>Inkludi l-munita li fiha huwa denominat l-ammont, billi tuża l-format {CURRENCYCODE_3}. | IVA | IVA |

| Kamp tal-kodiċi | Isem tal-kamp | Kontenut li għandu jiġi rrapportat | ND1-ND4 permessi? | ND5 permessi? |
|---|---|---|---|---|
| ESTL54 | Numru ta' Jiem fl-Arretrati | Numru ta' jiem li din l-iskopertura sottostanti ilha fl-arretrati (l-imgħax jew inkella l-kapital u, jekk differenti, l-ogħla wieħed minn dawn it-tnejn) sad-data limitu għad-*data*. | IVA | IVA |
| ESTL55 | Status tal-Kont | L-istatus kurrenti tal-iskopertura sottostanti ġie titolizzat:<br>Fil-Proċess (PERF)<br>Ristrutturata - Ebda Arretrat (RNAR)<br>Ristrutturata - Arretrati (RNAR)<br>Inadempjenti skont l-Artikolu 178 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 (DFLT)<br>Mhux inadempjenti skont l-Artikolu 178 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 iżda klassifikata bħala inadempjenti minħabba li hija ssodisfata definizzjoni oħra ta' inadempjenza (NDFT)<br>Inadempjenti kemm skont l-Artikolu 178 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 kif ukoll għaliex ġiet issodisfata definizzjoni oħra ta' inadempjenza (DTCR)<br>Inadempjenti biss għaliex ġiet issodisfata definizzjoni oħra ta' inadempjenza (DADB)<br>Arretrati (ARRE)<br>Riakkwistata mill-Bejjiegħ – Ksur tar-Rappreżentazzjonijiet u tal-Garanziji (REBR)<br>Riakkwistata mill-Bejjiegħ – Inadempjenti (REDF)<br>Riakkwistata mill-Bejjiegħ – Ristrutturata (RERE)<br>Riakkwistata mill-Bejjiegħ – Servizzjar Speċjali (RESS)<br>Riakkwistata mill-Bejjiegħ – Raġuni Oħra (REOT)<br>Mifdija (RDMD)<br>Oħrajn (OTHR)<br>Ir-ristrutturar jirreferi għal kwalunkwe tibdil li jsir fit-termini kuntrattwali tal-ftehim dwar l-iskopertura sottostanti minħabba tolleranza, inklużi pawżi mill-pagamenti, kapitalizzazzjoni tal-arretrati, tibdil fil-bażi tar-rata tal-imgħax jew fil-marġini, tariffi, penali, maturità, u/jew miżuri oħra aċċettati b'mod ġenerali ta' ristrutturar minħabba tolleranza. | LE | LE |
| ESTL56 | Raġuni għall-Inadempjenza jew għall-Preklużjoni tad-Dritt Ipotekarju | Jekk l-iskopertura sottostanti hija inadempjenti skont l-Artikolu 178 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, agħżel ir-raġuni xierqa:<br>Inadempjenti għaliex huwa improbabbli li d-debitur ser iħallas, skont l-Artikolu 178 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. (UPXX)<br>Inadempjenti għaliex kwalunkwe dejn ilu li suppost tħallas aktar minn 90/180 jum ilu, skont l-Artikolu 178 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. (PDXX)<br>Inadempjenti kemm għaliex huwa meqjus li huwa improbabbli li d-debitur ser iħallas kif ukoll għaliex kwalunkwe dejn ilu li suppost tħallas aktar minn 90/180 jum ilu, skont l-Artikolu 178 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. (UPPD) | IVA | IVA |

| Kamp tal-kodiċi | Isem tal-kamp | Kontenut li għandu jiġi rrapportat | ND1-ND4 permessi? | ND5 permessi? |
|---|---|---|---|---|
| ESTL57 | Ammont tal-Inadempjenza | Ammont totali gross tal-inadempjenza qabel l-applikazzjoni tar-rikavati mill-bejgħ u tal-irkupri. Jekk mhux inadempjenti, daħħal 0.<br>Inkludi l-munita li fiha huwa denominat l-ammont, billi tuża l-format {CURRENCYCODE_3}. | IVA | IVA |
| ESTL58 | Data tal-Inadempjenza | Id-data tal-inadempjenza. | IVA | IVA |
| ESTL59 | Telf Allokat | It-telf allokat sal-lum, wara li jitnaqqsu t-tariffi, l-imgħax dovut, eċċ. wara l-applikazzjoni tar-rikavati mill-bejgħ (eskluża l-imposta fuq il-prepagament jekk subordinata għall-irkupri tal-kapital). Uri kwalunkwe qligħ mill-bejgħ bħala numru negattiv. Għandu jirrifletti l-aktar sitwazzjoni riċenti sad-data limitu għad-*data*, jiġifieri hekk kif jinġabru l-irkupri u javvanza l-proċess ta' workout.<br>Inkludi l-munita li fiha huwa denominat l-ammont, billi tuża l-format {CURRENCYCODE_3}. | IVA | IVA |
| ESTL60 | Irkupri Kumulattivi | Irkupri totali (indipendentement mis-sors tagħhom) fuq id-dejn (inadempjenti/iddikjarat bħala probabbilment mhux rekuperabbli/eċċ.), wara li jitnaqqsu l-kostijiet. Inkludi s-sorsi kollha tal-irkupri hawnhekk, mhux biss ir-rikavati mid-disponiment ta' kwalunkwe kollateral.<br>Inkludi l-munita li fiha huwa denominat l-ammont, billi tuża l-format {CURRENCYCODE_3}. | IVA | IVA |
| ESTL61 | Isem l-Oriġinatur | Agħti l-isem legali sħiħ tal-oriġinatur tal-iskopertura sottostanti. L-isem imdaħħal irid ikun jaqbel mal-isem assoċjat mal-LEI fil-bażi ta' *data* tal-Global Legal Entity Foundation (GLEIF). | LE | LE |
| ESTL62 | Identifikatur tal-Entità Ġuridika Oriġinatriċi | Ipprovdi l-Identifikatur tal-Entità Ġuridika (kif speċifikat fil-bażi ta' *data* tal-Global Legal Entity Foundation (GLEIF)) tal-oriġinatur tal-iskopertura sottostanti. | LE | LE |
| ESTL63 | Pajjiż ta' Stabbiliment tal-Oriġinatur | Il-pajjiż fejn huwa stabbilit l-oriġinatur tal-iskopertura sottostanti. | LE | LE |
| ESTL64 | Isem is-Sellief Oriġinali | Agħti l-isem legali sħiħ tas-sellief oriġinali. L-isem imdaħħal irid ikun jaqbel mal-isem assoċjat mal-LEI fil-bażi ta' *data* tal-Global Legal Entity Foundation (GLEIF). | IVA | IVA |
| ESTL65 | Identifikatur tal-Entità Ġuridika tas-Sellief Oriġinali | Ipprovdi l-Identifikatur tal-Entità Ġuridika (kif speċifikat fil-bażi ta' *data* tal-Global Legal Entity Foundation (GLEIF)) tas-sellief oriġinali.<br>Meta ma jkun hemm l-ebda Identifikatur tal-Entità Ġuridika disponibbli, daħħal ND5. | IVA | IVA |
| ESTL66 | Pajjiż ta' Stabbiliment tas-Sellief Oriġinali | Il-pajjiż fejn huwa stabbilit is-sellief oriġinali. | IVA | IVA |

Taqsima ta' informazzjoni fil-livell tal-kollateral

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| ESTC1 | Identifikatur Uniku | Irrapporta l-istess identifikatur uniku hawnhekk bħal dak li daħħalt fil-kamp ESTL1. | LE | LE |

| Kamp tal-kodiċi | Isem tal-kamp | Kontenut li għandu jiġi rrapportat | ND1-ND4 permessi? | ND5 permessi? |
|---|---|---|---|---|
| ESTC2 | Identifikatur tal-Iskopertura Sottostanti | Identifikatur uniku tal-iskopertura sottostanti Dan irid ikun jaqbel mal-identifikatur fil-kamp ESTL3. L-entità relatriċi ma tistax temenda dan l-identifikatur uniku. | LE | LE |
| ESTC3 | Identifikatur Oriġinali tal-Kollateral | L-identifikatur uniku oriġinali assenjat għall-kollateral jew għall-garanzija. L-identifikatur irid ikun differenti minn kwalunkwe numru ta' identifikazzjoni estern, sabiex tiġi żgurata l-anonimità tad-debitur. L-entità relatriċi ma tistax temenda dan l-identifikatur uniku. | LE | LE |
| ESTC4 | Identifikatur Ġdid tal-Kollateral | Jekk l-identifikatur oriġinali fil-kamp ESTC3 ma jistax jinżamm f'dan il-kamp, daħħal l-identifikatur il-ġdid hawnhekk. L-identifikatur irid ikun differenti minn kwalunkwe numru ta' identifikazzjoni estern, sabiex tiġi żgurata l-anonimità tad-debitur. Jekk ma seħħ l-ebda tibdil fl-identifikatur, daħħal l-istess identifikatur bħal fl-ESTC3. L-entità relatriċi ma tistax temenda dan l-identifikatur uniku. | LE | LE |
| ESTC5 | Reġjun Ġeografiku - Kollateral | Ir-reġjun ġeografiku (klassifikazzjoni NUTS3) fejn jinsab il-kollateral. Fejn il-Eurostat ma jkun ipproduċa ebda klassifikazzjoni NUTS3 (eż. ġurisdizzjoni mhux tal-UE), daħħal il-kodiċi tal-pajjiż b'żewġ figuri fil-format {COUNTRYCODE_2} segwit minn "ZZZ". | IVA | IVA |
| ESTC6 | Tip ta' Titolu | It-tip ta' titolu:<br>Kollateral (COLL)<br>Garanzija sostnuta b'kollateral ulterjuri (GCOL)<br>Garanzija mhux sostnuta b'kollateral ulterjuri (GNCO)<br>Oħrajn (OTHR) | LE | LE |
| ESTC7 | Tip ta' Imposta | It-tip ta' titolu fuq il-kollateral. Meta jkun hemm garanzija, dan il-kamp jirreferi għal kwalunkwe titolu għal kwalunkwe kollateral li jkun qed isostni dik il-garanzija. "Ebda imposta iżda prokura irrevokabbli jew simili" tirreferi għal meta l-oriġinatur jew is-sellief oriġinali, kif applikabbli, ikun irrevokabbilment u inkundizzjonalment awtorizzat sabiex joħloq b'mod unilaterali imposta fuq il-kollateral fi kwalunkwe waqt fil-futur, mingħajr il-bżonn ta' kwalunkwe approvazzjoni ulterjuri mid-debitur jew mill-garanti:<br>Imposta fissa (FXCH)<br>Imposta li tvarja (FLCH)<br>Ebda imposta (NOCG)<br>Ebda imposta iżda prokura irrevokabbli jew simili (ATRN)<br>Oħrajn (OTHR) | IVA | IVA |
| ESTC8 | Rahan | L-ogħla pożizzjoni ta' rahan miżmuma mill-oriġinatur b'rabta mal-kollateral. | IVA | IVA |

| Kamp tal-kodiċi | Isem tal-kamp | Kontenut li għandu jiġi rrapportat | ND1-ND4 permessi? | ND5 permessi? |
|---|---|---|---|---|
| ESTC9 | Tip ta' Kollateral | It-tip primarju (f'termini ta' valur) ta' assi li jiggarantixxi d-dejn. Meta jkun hemm garanzija sostnuta minn kollateral fiżiku jew finanzjarju, fittex fil-garanzija għal kwalunkwe kollateral li jista' jkun qed isostni dik il-garanzija.<br>Vettura (CARX)<br>Veikolu Industrijali (INDV)<br>Trakk Kummerċjali (CMTR)<br>Veikolu Ferrovjarju (RALV)<br>Veikolu Kummerċjali Nawtiku (NACM)<br>Veikolu Rikreazzjonali Nawtiku (NALV)<br>Ajruplan (AERO)<br>Għodda b'Magna (MCHT)<br>Tagħmir Industrijali (INDE)<br>Tagħmir tal-Uffiċċju (OFEQ)<br>Tagħmir tal-IT (ITEQ)<br>Tagħmir Mediku (MDEQ)<br>Tagħmir Relatat mal-Enerġija (ENEQ)<br>Bini Kummerċjali (CBLD)<br>Bini Residenzjali (RBLD)<br>Bini Industrijali (IBLD)<br>Veikolu Ieħor (OTHV)<br>Tagħmir Ieħor (OTHE)<br>Proprjetà Immobbli Oħra (OTRE)<br>Oġġetti jew inventarju oħrajn (OTGI)<br>Titoli (SECU)<br>Garanzija (GUAR)<br>Ass Finanzjarju Ieħor (OTFA)<br>Kategoriji Mħallta Minħabba Titolu Fuq l-Assi Kollha tad-Debitur (MIXD)<br>Oħrajn (OTHR) | LE | LE |
| ESTC10 | Ammont ta' Valwazzjoni Attwali | L-aktar valwazzjoni riċenti tal-kollateral. Meta jkun hemm garanzija sostnuta minn kollateral fiżiku jew finanzjarju, fittex fil-garanzija għall-kollateral li qed isostni dik il-garanzija.<br>Inkludi l-munita li fiha huwa denominat l-ammont, billi tuża l-format {CURRENCYCODE_3}. | IVA | IVA |
| ESTC11 | Metodu ta' Valwazzjoni Attwali | Il-metodu ta' kalkolu tal-aktar valur riċenti tal-kollateral, kif stipulat fil-kamp ESTC10.<br>Valutazzjoni Sħiħa (FAPR)<br>Drive-by (DRVB)<br>Mudell tal-Valur Awtomatizzat (AUVM)<br>Indiċizzat (IDXD)<br>Desktop (DKTP)<br>Aġent Maniġerjali jew Aġent tal-Proprjetà Immobbli (MAEA)<br>Prezz tax-Xiri (PPRI)<br>Haircut (HCUT)<br>Valwazzjoni Skont is-Suq (MTTM)<br>Valwazzjoni tad-debitur (OBLV)<br>Oħrajn (OTHR) | IVA | IVA |
| ESTC12 | Data ta' Valwazzjoni Attwali | Id-data tal-aktar valwazzjoni riċenti tal-kollateral, kif stipulat fil-kamp ESTC10. | IVA | IVA |
| ESTC13 | Proporzjon Kurrenti bejn is-Self u l-Valur | Il-proporzjon kurrenti bejn is-self u l-valur (LTV). Għal self mhux bl-ewwel rahan, dan għandu jkun l-LTV kombinat jew totali. Jekk il-bilanċ tas-self kurrenti huwa negattiv, daħħal 0. | IVA | IVA |

| Kamp tal-kodiċi | Isem tal-kamp | Kontenut li għandu jiġi rrapportat | ND1-ND4 permessi? | ND5 permessi? |
|---|---|---|---|---|
| ESTC14 | Ammont tal-Valwazzjoni Oriġinali | Il-valwazzjoni oriġinali tal-kollateral mid-data ta' oriġinazzjoni tal-iskopertura sottostanti.<br>Inkludi l-munita li fiha huwa denominat l-ammont, billi tuża l-format {CURRENCYCODE_3}. | IVA | IVA |
| ESTC15 | Metodu tal-Valwazzjoni Oriġinali | Il-metodu ta' kalkolu tal-valur tal-kollateral ipprovdut fil-kamp ESTC14 fil-mument tal-oriġinazzjoni tal-iskopertura sottostanti:<br>Valutazzjoni Sħiħa (FAPR)<br>Drive-by (DRVB)<br>Mudell tal-Valur Awtomatizzat (AUVM)<br>Indiċizzat (IDXD)<br>Desktop (DKTP)<br>Aġent Maniġerjali jew Aġent tal-Proprjetà Immobbli (MAEA)<br>Prezz tax-Xiri (PPRI)<br>Haircut (HCUT)<br>Valwazzjoni skont is-suq (MTTM)<br>Valwazzjoni tad-debitur (OBLV)<br>Oħrajn (OTHR) | IVA | IVA |
| ESTC16 | Data tal-Valwazzjoni Oriġinali | Id-data tal-valwazzjoni oriġinali tal-kollateral fiżiku jew finanzjarju pprovduta fil-kamp ESTC14. | IVA | IVA |
| ESTC17 | Proporzjon Oriġinali bejn is-Self u l-Valur | Il-proporzjon sottoskritt oriġinali bejn is-self u l-valur (LTV) tal-oriġinatur. Għal self mhux bl-ewwel rahan, dan huwa l-LTV kombinat jew totali. | IVA | IVA |
| ESTC18 | Data tal-Bejgħ | Id-data tal-bejgħ tal-kollateral. | LE | IVA |
| ESTC19 | Prezz tal-Bejgħ | Il-prezz arkivjat mal-bejgħ tal-kollateral fil-każ ta' preklużjoni. Inkludi l-munita li fiha huwa denominat l-ammont, billi tuża l-format {CURRENCYCODE_3}. | LE | IVA |
| ESTC20 | Munita tal-Kollateral | Din hija l-munita li fiha huwa denominat l-ammont tal-valwazzjoni pprovdut f'ESTC10. | LE | IVA |

*ANNESS X*

**INFORMAZZJONI DWAR L-ISKOPERTURI SOTTOSTANTI – SUPPLIMENTAZZJONI GĦAL SKOPERTURI IMPRODUTTIVI**

| Kamp tal-kodiċi | Isem tal-kamp | Kontenut li għandu jiġi rrapportat | ND1-ND4 permessi? | ND5 permessi? |
|---|---|---|---|---|
| Taqsima ta' informazzjoni dwar l-iskoperturi sottostanti | | | | |
| NPEL1 | Identifikatur Uniku | L-identifikatur uniku assenjat mill-entità relatriċi skont l-Artikolu 11(1) tar-Regolament Delegat 2020/1224. Din l-entrata trid taqbel mal-kamp tal-identifikatur uniku fil-mudell tal-iskoperturi sottostanti li jakkumpanja li jkun qed jimtela għal din l-iskopertura sottostanti speċifika. | LE | LE |
| NPEL2 | Identifikatur Oriġinali tal-Iskopertura Sottostanti | Identifikatur uniku tal-iskopertura sottostanti L-identifikatur irid ikun differenti minn kwalunkwe numru ta' identifikazzjoni estern, sabiex tiġi żgurata l-anonimità tad-debitur. L-entità relatriċi ma tistax temenda dan l-identifikatur uniku. Din l-entrata trid taqbel mal-kamp tal-identifikatur oriġinali tal-iskopertura sottostanti fil-mudell tal-iskoperturi sottostanti li jakkumpanja (Annessi II-IX għal dan ir-Regolament) li jkun qed jimtela għal din l-iskopertura sottostanti speċifika. | LE | LE |
| NPEL3 | Identifikatur Ġdid tal-Iskopertura Sottostanti | Jekk l-identifikatur oriġinali fil-kamp NPEL2 ma jkunx jista' jinżamm f'dan il-kamp, daħħal l-identifikatur il-ġdid hawnhekk (u dan l-identifikatur il-ġdid irid jaqbel mal-kamp il-ġdid tal-identifikatur tal-iskopertura sottostanti fil-mudell tal-iskoperturi sottostanti li jakkumpanja (Annessi II-IX għal dan ir-Regolament) li jkun qed jimtela għal din l-iskopertura sottostanti speċifika). Jekk ma seħħ l-ebda tibdil fl-identifikatur, daħħal l-istess identifikatur bħal fl-NPEL2. L-entità relatriċi ma tistax temenda dan l-identifikatur uniku. | LE | LE |
| NPEL4 | Identifikatur Oriġinali tad-Debitur | Identifikatur oriġinali uniku tad-debitur. L-identifikatur irid ikun differenti minn kwalunkwe numru ta' identifikazzjoni estern, sabiex tiġi żgurata l-anonimità tad-debitur. L-entità relatriċi ma tistax temenda dan l-identifikatur uniku. Din l-entrata trid taqbel mal-kamp tal-identifikatur oriġinali tad-debitur fil-mudell tal-iskoperturi sottostanti li jakkumpanja (Annessi II-IX għal dan ir-Regolament) li jkun qed jimtela għal din l-iskopertura sottostanti speċifika. | LE | LE |
| NPEL5 | Identifikatur Ġdid tad-Debitur | Jekk l-identifikatur oriġinali fil-kamp NPEL4 ma jkunx jista' jinżamm f'dan il-kamp, daħħal l-identifikatur il-ġdid hawnhekk (u dan l-identifikatur il-ġdid irid jaqbel mal-kamp il-ġdid tal-identifikatur tad-debitur fil-mudell tal-iskoperturi sottostanti li jakkumpanja (Annessi II-IX għal dan ir-Regolament) li jkun qed jimtela għal din l-iskopertura sottostanti speċifika). Jekk ma seħħ l-ebda tibdil fl-identifikatur, daħħal l-istess identifikatur bħal fl-NPEL4. L-entità relatriċi ma tistax temenda dan l-identifikatur uniku. | LE | LE |
| NPEL6 | Data Limitu għad-*Data* | Id-data limitu għad-*data* għal din is-sottomissjoni ta' *data*. | LE | LE |
| NPEL7 | F'Riċevitura | Indikatur dwar jekk id-debitur jinsabx f'Riċevitura | IVA | IVA |
| NPEL8 | Data tal-Aħħar Kuntatt | Id-data tal-aħħar kuntatt dirett mad-debitur | IVA | IVA |

| Kamp tal-kodiċi | Isem tal-kamp | Kontenut li għandu jiġi rrapportat | ND1-ND4 permessi? | ND5 permessi? |
|---|---|---|---|---|
| NPEL9 | Deċedut | Indikatur dwar jekk id-debitur mietx | IVA | IVA |
| NPEL10 | Status ġuridiku | It-tip ta' status ġuridiku tad-debitur.<br>Korporazzjoni elenkata hija entità Korporattiva li l-ishma tagħha jkunu kkwotati u nnegozjati f'Borża (LCRP)<br>Korporazzjoni mhux elenkata hija entità Korporattiva li l-ishma tagħha ma jkunux ikkwotati u nnegozjati f'Borża, madankollu korporazzjoni mhux elenkata jista' jkollha numru limitat ta' azzjonisti għall-ġenerazzjoni ta' kapital għal kwalunkwe impriża kummerċjali (UCRP<br>Fond elenkat huwa fond li l-ishma tiegħu jkunu kkwotati u nnegozjati f'Borża (LFND)<br>Fond mhux elenkat huwa fond li l-ishma tiegħu ma jkunux ikkwotati u nnegozjati f'Borża (UFND)<br>Sħubija hija meta l-Isponsor ikun jikkostitwixxi grupp ta' individwi li jifformaw sħubija legali, li fiha jinqasmu l-profitti u l-obbligazzjonijiet (PSHP)<br>Individwu Privat (INDV) | IVA | IVA |
| NPEL11 | Tip ta' Proċedura Legali | It-tip tal-proċess ta' insolvenza li bħalissa jinsab fih id-debitur:<br>Proċedura ta' Ristrutturar Korporattiv, li tinkludi wkoll fondi (CPRR)<br>Proċedura ta' Insolvenza Korporattiva, li tinkludi wkoll fondi (CPRI)<br>Proċedura ta' Kompromess dwar id-Dejn ta' Debitur Individwu Privat (PRCM)<br>Proċedura ta' Insolvenza ta' Debitur Individwu Privat (PRIP)<br>Proċedura ta' Ristrutturar tas-Sħubija (PRTR)<br>Proċedura ta' Insolvenza tas-Sħubija (PRIS)<br>Oħrajn (OTHR) | IVA | IVA |
| NPEL12 | Isem tal-Proċedura Legali | L-isem tal-proċedura legali li tipprovdi indikazzjoni ta' kemm saret avvanzata l-proċedura rilevanti, skont il-pajjiż fejn jinsab id-debitur. | IVA | IVA |
| NPEL13 | Proċeduri Legali Mwettqa | Deskrizzjoni tal-proċeduri legali mwettqa għad-debitur. | IVA | IVA |
| NPEL14 | Data tad-Dħul fil-Proċedura Legali Attwali | Data li fiha d-debitur daħal fil-proċedura ġuridika attwali tiegħu | IVA | IVA |
| NPEL15 | Data tal-Ħatra tal-Prattikant tal-Insolvenza | Data li fiha nħatar il-prattikant tal-insolvenza. | IVA | IVA |
| NPEL16 | Numru ta' Sentenzi Kurrenti | Numru ta' Ordnijiet ta' Infurzar tal-Qorti pendenti kontra d-debitur. | IVA | IVA |
| NPEL17 | Numru ta' Sentenzi Maqtugħa | Numru ta' Ordnijiet ta' Infurzar tal-Qorti maqtugħa kontra d-debitur | IVA | IVA |

| Kamp tal-kodiċi | Isem tal-kamp | Kontenut li għandu jiġi rrapportat | ND1-ND4 permessi? | ND5 permessi? |
|---|---|---|---|---|
| NPEL18 | Data tal-Ħruġ ta' Avviż Estern | Data li fiha ntbagħat avviż formali minn avukati li jaġixxu f'isem l-Istituzzjoni | IVA | IVA |
| NPEL19 | Data li fiha Nħarġet l-Ittra ta' Riżerva tad-Drittijiet | Data li fiha nħarġet l-Ittra ta' Riżerva tad-Drittijiet mill-Istituzzjoni | IVA | IVA |
| NPEL20 | Ġurisdizzjoni tal-Qorti | Il-post tal-qorti fejn qed tinstemal-kawża | IVA | IVA |
| NPEL21 | Data tal-Kisba tal-Ordni għall-Pussess | Data li fiha ngħatat l-Ordni għall-Pussess mill-qorti | IVA | IVA |
| NPEL22 | Kummenti dwar Proċess Ieħor Relatat ma' Litigazzjoni | Kummenti/dettalji ulterjuri dwar jekk hemmx proċessi ta' litigazzjoni oħrajn fis-seħħ | IVA | IVA |
| NPEL23 | Liġi Regolatorja | Il-ġurisdizzjoni li tirregola l-ftehim dwar l-iskopertura sottostanti. Din mhux bilfors tikkorrispondi għall-pajjiż fejn oriġinat l-iskopertura sottostanti. | IVA | IVA |
| NPEL24 | Deskrizzjoni tar-Ripagament Personalizzat | Deskrizzjoni tal-profil ta' ripagament personalizzat meta jintgħażel "Ieħor" fil-kamp "Tip ta' Amortizzament" | IVA | IVA |
| NPEL25 | Data tal-Bidu tal-Perjodu tal-Imgħax Biss | Data li fiha jibda l-perjodu ta' ripagament tal-imgħax attwali biss. | IVA | IVA |
| NPEL26 | Tmiem tal-Bidu tal-Perjodu tal-Imgħax Biss | Data li fiha jintemm il-perjodu ta' ripagament tal-imgħax biss. | IVA | IVA |
| NPEL27 | Data tal-Bidu tal-Perjodu tal-Imgħax Fiss Kurrenti | Data li fiha beda l-perjodu tal-imgħax fiss kurrenti. | IVA | IVA |
| NPEL28 | Data tat-Tmiem tal-Perjodu tal-Imgħax Fiss Kurrenti | Data li fiha jintemm il-perjodu tal-imgħax fiss kurrenti. | IVA | IVA |
| NPEL29 | Rata tal-Imgħax tar-Riversjoni Kurrenti | Il-livell kurrenti tar-rata tal-imgħax tar-riversjoni skont il-Ftehim dwar l-iskopertura sottostanti. | IVA | IVA |
| NPEL30 | Data tal-Aħħar Pagament | Id-data li fiha sar l-aħħar pagament | IVA | IVA |
| NPEL31 | Porzjon Sindikat | Perċentwal mill-porzjon miżmum mill-Istituzzjoni meta tingħażel "Iva" fil-kamp bl-isem "Sindikata" fl-Anness applikabbli għall-iskopertura improduttiva. | IVA | IVA |

| Kamp tal-kodiċi | Isem tal-kamp | Kontenut li għandu jiġi rrapportat | ND1-ND4 permessi? | ND5 permessi? |
|---|---|---|---|---|
| NPEL32 | Entrata tal-MARP | Id-data li fiha l-iskopertura sottostanti daħlet fl-istatus kurrenti tal-MARP | IVA | IVA |
| NPEL33 | Status tal-MARP | L-istatus tal-Proċess kurrenti ta' Riżoluzzjoni tal-Arretrati Ipotekarji:<br>Mhux f'MARP (NMRP)<br>Barra mill-MARP (EMRP)<br>Dispożizzjoni 23, 31 jum fl-arretrati (MP23)<br>Dispożizzjoni 24, Diffikultà finanzjarja (MP24)<br>Dispożizzjoni 28, Twissija ta' nuqqas ta' kooperazzjoni (MP28)<br>Dispożizzjoni 29, Nuqqas ta' kooperazzjoni (MP29)<br>Dispożizzjoni 42, Offerta ta' ristrutturar (MP42)<br>Dispożizzjoni 45, Ristrutturar rifjutat mill-bejjiegħ (MP45)<br>Dispożizzjoni 47, Ristrutturar rifjutat mill-mutwatarju (MP47)<br>Awtorimedju (MPSC)<br>Arranġament ta' Ripagament Alternattiv (MPAR)<br>Oħrajn (OTHR) | IVA | IVA |
| NPEL34 | Livell tal-Ġbir Estern | Indikatur dwar jekk tħejjiex il-ġbir estern fil-livell tad-debituri jew fil-Livell tal-iskopertura sottostanti | IVA | IVA |
| NPEL35 | Pjan ta' Ripagament | Indikatur dwar jekk intlaħaqx ftehim dwar pjan ta' ripagament mal-aġenzija tal-ġbir estern | IVA | IVA |
| NPEL36 | Livell ta' Tolleranza | Indikatur dwar jekk tħejjietx it-tolleranza fil-livell tad-debituri jew fil-livell tal-iskopertura sottostanti | IVA | IVA |
| NPEL37 | Data tal-Ewwel Tolleranza | Data li fiha seħħet l-ewwel tolleranza | IVA | IVA |
| NPEL38 | Numru ta' Tolleranzi Storiċi | Numru ta' tolleranza/i li seħħet/seħħew fl-imgħoddi | IVA | IVA |
| NPEL39 | Maħfra tal-Kapital | L-ammont tal-kapital li nħafer bħala t-tolleranza kurrenti, inkluża l-maħfra tal-kapital miftiehma minn aġenziji tal-ġbir estern<br>Inkludi l-munita li fiha huwa denominat l-ammont, billi tuża l-format {CURRENCYCODE_3}. | IVA | IVA |
| NPEL40 | Data tal-Maħfra tal-Kapital | Data li fiha seħħet l-ewwel maħfra tal-kapital | IVA | IVA |
| NPEL41 | Data tat-Tmiem tat-Tolleranza | Data li fiha jintemm l-arranġament kurrenti tat-tolleranza | IVA | IVA |

| Kamp tal-kodiċi | Isem tal-kamp | Kontenut li għandu jiġi rrapportat | ND1-ND4 permessi? | ND5 permessi? |
|---|---|---|---|---|
| NPEL42 | Ammont tar-Ripagament Skont it-Tolleranza | L-ammont ta' ripagament perjodiku li l-Istituzzjoni u d-debitur jiftiehmu skont it-termini kurrenti tat-tolleranza<br>Inkludi l-munita li fiha huwa denominat l-ammont, billi tuża l-format {CURRENCYCODE_3}. | IVA | IVA |

Taqsima ta' informazzjoni fil-livell tal-kollateral

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| NPEC1 | Identifikatur Uniku | Irrapporta l-istess identifikatur uniku hawnhekk bħal dak li daħħalt fil-kamp NPEL1. | LE | LE |
| NPEC2 | Identifikatur tal-Iskopertura Sottostanti | Identifikatur uniku tal-iskopertura sottostanti Dan irid ikun jaqbel mal-identifikatur fil-kamp NPEL3. L-entità relatriċi ma tistax temenda dan l-identifikatur uniku. | LE | LE |
| NPEC3 | Identifikatur Oriġinali tal-Kollateral | L-identifikatur uniku oriġinali assenjat għall-kollateral jew għall-garanzija. Meta t-tip ta' skopertura sottostanti jeħtieġ li jimtlew l-Annessi II, III, IV jew IX, dan il-kamp irid jaqbel mal-kamp tal-identifikatur tal-kollateral oriġinali fil-mudell rispettiv li jkun qed jimtela għal din l-entrata tal-kollateral speċifika (jiġifieri dan il-kamp irid ikun jaqbel mal-identifikatur imdaħħal fil-kampijiet RREC3, CREC3, CRPC3 u ESTC3, skont kif ikun applikabbli).<br>L-entità relatriċi ma tistax temenda dan l-identifikatur uniku. | LE | LE |
| NPEC4 | Identifikatur Ġdid tal-Kollateral | Jekk l-identifikatur oriġinali fil-kamp NPEC3 ma jistax jinżamm f'dan il-kamp, daħħal l-identifikatur il-ġdid hawnhekk. Meta t-tip ta' skopertura sottostanti jeħtieġ li jimtlew l-Annessi II, III, IV jew IX, dan l-identifikatur il-ġdid irid jaqbel mal-kamp tal-identifikatur tal-kollateral il-ġdid fil-mudell rispettiv li jkun qed jimtela għal din l-entrata tal-kollateral speċifika (jiġifieri dan il-kamp irid ikun jaqbel mal-identifikatur imdaħħal fil-kampijiet RREC4, CREC4, CRPC4 u ESTC4, skont kif ikun applikabbli).<br>Jekk ma seħħ l-ebda tibdil fl-identifikatur, daħħal l-istess identifikatur bħal fl-NPEC3. L-entità relatriċi ma tistax temenda dan l-identifikatur uniku. | LE | LE |
| NPEC5 | VAT Pagabbli | L-ammont ta' VAT pagabbli fuq id-disponiment tal-Unità | IVA | IVA |
| NPEC6 | Perċentwal Kompletat | Il-perċentwal tal-iżvilupp kompletat mindu bdiet il-kostruzzjoni. | IVA | IVA |
| NPEC7 | Status tal-Infurzar | L-istatus tal-proċess ta' infurzar li l-Kollateral bħalissa jinsab fih sad-data limitu, eż. jekk huwiex f'riċevitura | IVA | IVA |
| NPEC8 | Status tal-Infurzar tal-Partijiet Terzi | Hemm xi kreditur garantit ieħor li ħa passi sabiex jinfurza t-titolu fuq l-assi? | IVA | IVA |

| Kamp tal-kodiċi | Isem tal-kamp | Kontenut li għandu jiġi rrapportat | ND1-ND4 permessi? | ND5 permessi? |
|---|---|---|---|---|
| NPEC9 | Ammont Assenjat tal-Ipoteka | L-ammont totali tal-ipoteka assenjat għall-kollateral tal-proprjetà.<br>Inkludi l-munita li fiha huwa denominat l-ammont, billi tuża l-format {CURRENCYCODE_3}. | IVA | IVA |
| NPEC10 | Skopertura Sottostanti bi Klassifikazzjoni Ogħla | L-ammont ta' skoperturi sottostanti bi klassifikazzjoni/b'rahan ogħla ggarantiti kontra l-kollateral li mhuwiex miżmum mill-Istituzzjoni u li ma jagħmilx parti mill-Portafoll.<br>Inkludi l-munita li fiha huwa denominat l-ammont, billi tuża l-format {CURRENCYCODE_3}. | IVA | IVA |
| NPEC11 | Deskrizzjoni tal-Infurzar | Kummenti jew deskrizzjoni tal-istadju tal-infurzar | IVA | IVA |
| NPEC12 | Ammont tal-Valutazzjoni tal-Qorti | L-ammont tal-valutazzjoni tal-qorti tal-Proprjetà/tal-Kollateral<br>Inkludi l-munita li fiha huwa denominat l-ammont, billi tuża l-format {CURRENCYCODE_3}. | IVA | IVA |
| NPEC13 | Data tal-Valutazzjoni tal-Qorti | Data li fiha seħħet il-valutazzjoni tal-qorti | IVA | IVA |
| NPEC14 | Il-Prezz fis-Suq | Il-prezz tal-Proprjetà/tal-Kollateral li bih huma fis-suq<br>Inkludi l-munita li fiha huwa denominat l-ammont, billi tuża l-format {CURRENCYCODE_3}. | IVA | IVA |
| NPEC15 | Prezz tal-Offerta | L-ogħla prezz offrut mix-xerrejja potenzjali<br>Inkludi l-munita li fiha huwa denominat l-ammont, billi tuża l-format {CURRENCYCODE_3}. | IVA | IVA |
| NPEC16 | Data tat-Tħejjija tal-Proprjetà għall-Bejgħ | Id-data li fiha l-proprjetà/il-kollateral tħejjew għall-bejgħ | IVA | IVA |
| NPEC17 | Data tat-Tqegħid tal-Proprjetà fis-Suq | Id-data tat-tqegħid tal-kollateral fis-suq, jiġifieri d-data li fiha l-kollateral jiġi rreklamat u kkummerċjalizzat għall-bejgħ. | IVA | IVA |
| NPEC18 | Data tal-Offerta fis-Suq | Id-data tal-offerta fis-suq | IVA | IVA |
| NPEC19 | Id-Data tal-Ftehim tal-Bejgħ | Id-data tal-ftehim tal-bejgħ | IVA | IVA |
| NPEC20 | Data tal-Kuntratt | Id-data tal-kuntratt | IVA | IVA |
| NPEC21 | Data tal-Ewwel Irkant | Data li fiha sar l-ewwel irkant sabiex jinbiegħu l-Proprjetà/il-Kollateral | IVA | IVA |

| Kamp tal-kodiċi | Isem tal-kamp | Kontenut li għandu jiġi rrapportat | ND1-ND4 permessi? | ND5 permessi? |
|---|---|---|---|---|
| NPEC22 | Prezz ta' Riżerva tas-Subbasta għall-Ewwel Irkant | Il-prezz ta' riżerva stabbilit mill-qorti għall-ewwel irkant, jiġifieri l-prezz minimu meħtieġ mill-qorti<br>Inkludi l-munita li fiha huwa denominat l-ammont, billi tuża l-format {CURRENCYCODE_3}. | IVA | IVA |
| NPEC23 | Data tal-Irkant li Jmiss | Data li fiha sar l-irkant li jmiss sabiex jinbiegħu l-Proprjetà/il-Kollateral | IVA | IVA |
| NPEC24 | Prezz ta' Riżerva tas-Subbasta għall-Irkant li Jmiss | Il-prezz ta' riżerva stabbilit mill-qorti għall-irkant li jmiss, jiġifieri l-prezz minimu meħtieġ mill-qorti<br>Inkludi l-munita li fiha huwa denominat l-ammont, billi tuża l-format {CURRENCYCODE_3}. | IVA | IVA |
| NPEC25 | Data tal-Aħħar Irkant | Data li fiha sar l-aħħar irkant sabiex jinbiegħu l-Proprjetà/il-Kollateral | IVA | IVA |
| NPEC26 | Prezz ta' Riżerva tas-Subbasta għall-Aħħar Irkant | Il-prezz ta' riżerva stabbilit mill-qorti għall-aħħar irkant, jiġifieri l-prezz minimu meħtieġ mill-qorti<br>Inkludi l-munita li fiha huwa denominat l-ammont, billi tuża l-format {CURRENCYCODE_3}. | IVA | IVA |
| NPEC27 | Numru ta' Rkantijiet li Fallew | In-numru ta' rkanijiet li fallew fl-imgħoddi għall-Proprjetà/għall-Kollateral | IVA | IVA |

Taqsima ta' informazzjoni dwar il-ġbir storiku

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| NPEH1 | Identifikatur Uniku | Irrapporta l-istess identifikatur uniku hawnhekk bħal dak li daħħalt fil-kamp NPEL1. | LE | LE |
| NPEH2 | Identifikatur tal-Iskopertura Sottostanti | Identifikatur uniku tal-iskopertura sottostanti Dan irid ikun jaqbel mal-identifikatur fil-kamp NPEL3. L-entità relatriċi ma tistax temenda dan l-identifikatur uniku. | LE | LE |
| NPEH [3-38] | Bilanċ Legali Mhux Imħallas fix-xahar n | L-istorja tal-bilanċ legali totali mhux imħallas fis-sitta u tletin xahar ta' qabel id-data limitu għad-*data*, b'kull ammont tax-xahar irrapportat f'kamp separat. Ibda mill-aktar xahar riċenti fil-kamp NPEH3 u spiċċa bl-eqdem xahar f'NPEH38.<br>Inkludi l-munita li fiha huwa denominat l-ammont, billi tuża l-format {CURRENCYCODE_3}. | IVA | IVA |
| NPEH [39-74] | Storja tal-Bilanċi Skaduti fix-xahar n | L-istorja tal-bilanċ skadut totali fis-sitta u tletin xahar ta' qabel id-data limitu għad-*data*, b'kull ammont tax-xahar irrapportat f'kamp separat. Ibda mill-aktar xahar riċenti fil-kamp NPEH39 u spiċċa bl-eqdem xahar f'NPEH74.<br>Inkludi l-munita li fiha huwa denominat l-ammont, billi tuża l-format {CURRENCYCODE_3}. | IVA | IVA |

| Kamp tal-kodiċi | Isem tal-kamp | Kontenut li għandu jiġi rrapportat | ND1-ND4 permessi? | ND5 permessi? |
|---|---|---|---|---|
| NPEH [75-110] | Storja tar-Ripagamenti - Mhux mill-bejgħ tal-kollateral fix-xahar n | Ir-ripagament li għamel id-debitur fis-sitta u tletin xahar ta' qabel id-data limitu għad-*data*, eskluż il-bejgħ tal-kollateral, inkluż il-ġbir minn aġenziji tal-ġbir estern, bl-ammont ta' kull xahar irrapportat f'kamp separat Ibda mill-aktar xahar riċenti fil-kamp NPEH75 u spiċċa bl-eqdem xahar f'NPEH110.<br>Inkludi l-munita li fiha huwa denominat l-ammont, billi tuża l-format {CURRENCYCODE_3}. | IVA | IVA |
| NPEH [111-146] | Storja tar-Ripagamenti - Mill-bejgħ tal-kollateral fix-xahar n | Ir-ripagament magħmul mid-disponiment tal-kollateral fis-sitta u tletin xahar ta' qabel id-data limitu għad-*data*, b'kull ammont tax-xahar irrapportat f'kamp separat. Ibda mill-aktar xahar riċenti fil-kamp NPEH111 u spiċċa bl-eqdem xahar f'NPEH146.<br>Inkludi l-munita li fiha huwa denominat l-ammont, billi tuża l-format {CURRENCYCODE_3}. | IVA | IVA |

*ANNESS XI*

**INFORMAZZJONI DWAR L-ISKOPERTURI SOTTOSTANTI - KARTA KUMMERĊJALI GARANTITA B'ASSI**

| Kamp tal-kodiċi | Isem tal-kamp | Kontenut li għandu jiġi rrapportat | ND1-ND4 permessi? | ND5 permessi? |
|---|---|---|---|---|
| Taqsima ta' informazzjoni dwar l-iskoperturi sottostanti | | | | |
| IVAL1 | Identifikatur Uniku - Programm ABCP | L-identifikatur uniku assenjat mill-entità relatriċi għal dan il-programm ABCP skont l-Artikolu 11(1) tar-Regolament Delegat 2020/1224. | LE | LE |
| IVAL2 | Identifikatur Uniku - Tranżazzjoni ABCP | L-identifikatur uniku assenjat mill-entità relatriċi għal din it-tranżazzjoni ABCP skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament Delegat 2020/1224. | LE | LE |
| IVAL3 | Identifikatur Oriġinali tal-Iskopertura Sottostanti | Identifikatur uniku tat-tip tal-iskopertura sottostanti. L-entità relatriċi ma tistax temenda dan l-identifikatur uniku. | LE | LE |
| IVAL4 | Identifikatur Ġdid tal-Iskopertura Sottostanti | Jekk l-identifikatur oriġinali fil-kamp IVAL3 ma jistax jinżamm f'dan il-kamp, daħħal l-identifikatur il-ġdid hawnhekk. Jekk ma seħħ l-ebda tibdil fl-identifikatur, daħħal l-istess identifikatur bħal fl-IVAL3. L-entità relatriċi ma tistax temenda dan l-identifikatur uniku. | LE | LE |
| IVAL5 | Tip tal-Iskopertura Sottostanti | Agħżel it-tip ta' skopertura sottostanti li jeżisti f'din it-tranżazzjoni:<br>Riċevibbli tan-Negozju (TREC)<br>Self jew Lokazzjonijiet għal Vetturi (ALOL)<br>Self għall-konsumatur (CONL)<br>Lokazzjonijiet ta' Tagħmir (EQPL)<br>Finanzjament għal prodotti tal-bejgħ bl-imnut (FLRF)<br>Primjums tal-Assigurazzjoni (INSU)<br>Riċevibbli tal-Karti tal-Kreditu (CCRR)<br>Ipoteki Residenzjali (RMRT)<br>Ipoteki Kummerċjali (CMRT)<br>Self għal Intrapriżi Żgħar u ta' daqs Medju (SMEL)<br>Self għal Korporazzjonijiet li Mhumiex Intrapriżi Żgħar u ta' daqs Medju (NSML)<br>Fluss Futur (FUTR)<br>Fond ta' Ingranaġġ (LVRG)<br>Obbligu ta' Bond Kollateralizzat (CBOB)<br>Obbligu ta' Self Kollateralizzat (CLOB)<br>Oħrajn (OTHR) | LE | LE |
| IVAL6 | Data Limitu għad-*Data* | Id-data limitu għad-*data* għal din is-sottomissjoni ta' *data*. | LE | LE |

| Kamp tal-kodiċi | Isem tal-kamp | Kontenut li għandu jiġi rrapportat | ND1-ND4 permessi? | ND5 permessi? |
|---|---|---|---|---|
| IVAL7 | Reġjun Ġeografiku - L-Akbar Konċentrazzjoni ta' Skoperturi 1 | Ir-reġjun ġeografiku fejn jinsab l-akbar ammont ta' skoperturi sottostanti (skont il-valur kurrenti tal-iskoperturi sad-data limitu għad-*data*) ta' dan it-tip, f'termini tal-post tal-kollateral (għal skoperturi sottostanti ggarantiti) jew tad-debitur (għal skoperturi sottostanti mhux iggarantiti). Fejn il-Eurostat ma jkun ipproduċa ebda klassifikazzjoni NUTS3 (eż. ġurisdizzjoni mhux tal-UE), daħħal il-kodiċi tal-pajjiż b'żewġ figuri fil-format {COUNTRYCODE_2} segwit minn "ZZZ". | IVA | IVA |
| IVAL8 | Reġjun Ġeografiku - L-Akbar Konċentrazzjoni ta' Skoperturi 2 | Ir-reġjun ġeografiku fejn jinsab it-tieni l-akbar ammont ta' skoperturi sottostanti (skont il-valur kurrenti tal-iskoperturi sad-data limitu għad-*data*) ta' dan it-tip, f'termini tal-post tal-kollateral (għal skoperturi sottostanti ggarantiti) jew tad-debitur (għal skoperturi sottostanti mhux iggarantiti). Fejn il-Eurostat ma jkun ipproduċa ebda klassifikazzjoni NUTS3 (eż. ġurisdizzjoni mhux tal-UE), daħħal il-kodiċi tal-pajjiż b'żewġ figuri fil-format {COUNTRYCODE_2} segwit minn "ZZZ". | IVA | IVA |
| IVAL9 | Reġjun Ġeografiku - L-Akbar Konċentrazzjoni ta' Skoperturi 3 | Ir-reġjun ġeografiku fejn jinsab it-tielet l-akbar ammont ta' skoperturi sottostanti (skont il-valur kurrenti tal-iskoperturi sad-data limitu għad-*data*) ta' dan it-tip, f'termini tal-post tal-kollateral (għal skoperturi sottostanti ggarantiti) jew tad-debitur (għal skoperturi sottostanti mhux iggarantiti). Fejn il-Eurostat ma jkun ipproduċa ebda klassifikazzjoni NUTS3 (eż. ġurisdizzjoni mhux tal-UE), daħħal il-kodiċi tal-pajjiż b'żewġ figuri fil-format {COUNTRYCODE_2} segwit minn "ZZZ". | IVA | IVA |
| IVAL10 | Klassifikazzjoni tar-Reġjun Ġeografiku | Daħħal is-sena tal-klassifikazzjoni NUTS3 użata għall-kampijiet tar-Reġjun Ġeografiku, eż. 2013 għal NUTS3 2013. Il-kampijiet kollha tar-reġjun ġeografiku jridu jużaw l-istess klassifikazzjoni b'mod konsistenti għal kull skopertura sottostanti u fl-iskoperturi sottostanti kollha fis-sottomissjoni tad-*data*. Pereżempju, ir-rapportar bl-użu tal-NUTS3 2006 għal ċerti kampijiet ġeografiċi relatati ma' skopertura sottostanti partikolari u r-rapportar bl-użu tal-NUTS3 2013 għal kampijiet oħra relatati mal-istess skopertura mhumiex permessi. Bl-istess mod, ir-rapportar tal-kampijiet tar-reġjun ġeografiku bl-użu tal-NUTS3 2006 għal ċerti skoperturi sottostanti u r-rapportar ta' kampijiet tar-reġjun ġeografiku bl-użu tal-NUTS3 2013 għal skoperturi sottostanti oħra fl-istess sottomissjoni tad-*data* mhumiex permessi. | IVA | IVA |
| IVAL11 | Bilanċ Kurrenti tal-Kapital | Il-bilanċ tal-kapital pendenti totali sad-data limitu għad-*data* għal dan it-tip ta' skopertura. Dan jinkludi kwalunkwe ammont li huwa kklassifikat bħala kapital fit-titolizzazzjoni. Pereżempju jekk ikunu ġew miżjuda tariffi mal-bilanċ tal-iskopertura sottostanti u dawn ikunu parti mill-kapital fit-titolizzazzjoni, dawn għandhom jiġu miżjuda. Eskluż kwalunkwe arretrat ta' mgħax jew ammont ta' penali.<br>Inkludi l-munita li fiha huwa denominat l-ammont, billi tuża l-format {CURRENCYCODE_3}. | IVA | IVA |

| Kamp tal-kodiċi | Isem tal-kamp | Kontenut li għandu jiġi rrapportat | ND1-ND4 permessi? | ND5 permessi? |
|---|---|---|---|---|
| IVAL12 | Numru ta' Skoperturi Sottostanti | In-numru ta' skoperturi sottostanti ta' dan it-tip ta' skopertura li jkun qed jiġi ggarantit. | IVA | LE |
| IVAL13 | Skoperturi f'EUR | Il-bilanċ tal-kapital pendenti totali ta' skoperturi ta' dan it-tip li huma denominati f'EUR sad-data limitu għad-*data*.<br>Inkludi l-munita li fiha huwa denominat l-ammont, billi tuża l-format {CURRENCYCODE_3}. | IVA | IVA |
| IVAL14 | Skoperturi f'GBP | Il-bilanċ tal-kapital pendenti totali ta' skoperturi ta' dan it-tip li huma denominati f'GBP sad-data limitu għad-*data*.<br>Inkludi l-munita li fiha huwa denominat l-ammont, billi tuża l-format {CURRENCYCODE_3}. | IVA | IVA |
| IVAL15 | Skoperturi f'USD | Il-bilanċ tal-kapital pendenti totali ta' skoperturi ta' dan it-tip li huma denominati f'USD sad-data limitu għad-*data*.<br>Inkludi l-munita li fiha huwa denominat l-ammont, billi tuża l-format {CURRENCYCODE_3}. | IVA | IVA |
| IVAL16 | Skoperturi Oħrajn | Il-bilanċ tal-kapital pendenti totali ta' skoperturi ta' dan it-tip li huma denominati f'muniti li mhumiex EUR, GBP u USD sad-data limitu għad-*data*.<br>Inkludi l-munita li fiha huwa denominat l-ammont, billi tuża l-format {CURRENCYCODE_3}. | IVA | IVA |
| IVAL17 | Maturità Residwa Massima | L-itwal maturità residwa f'xhur, sad-data limitu għad-*data*, ta' kwalunkwe skopertura ta' dan it-tip ta' skopertura. | IVA | IVA |
| IVAL18 | Maturità Residwa Medja | Il-maturità residwa medja f'xhur, sad-data limitu għad-*data* u ponderata skont il-bilanċ kurrenti sad-data limitu għad-*data*, tal-iskoperturi kollha ta' dan it-tip ta' skopertura. | IVA | IVA |
| IVAL19 | Proporzjon Kurrenti bejn is-Self u l-Valur | Il-medja ponderata, billi jintużaw il-bilanċi kurrenti tal-iskoperturi kollha ta' dan it-tip sad-data limitu għad-*data*, il-proporzjon kurrenti bejn is-self u l-valur (LTV). Għal self mhux bl-ewwel rahan, dan huwa l-LTV kombinat jew totali. | IVA | IVA |
| IVAL20 | Proporzjon Dejn-Introjtu | Il-medja ponderata, billi jintużaw il-bilanċi kurrenti tal-iskoperturi kollha ta' dan it-tip sad-data limitu għad-*data*, il-proporzjon bejn id-dejn u l-introjtu tad-debitur. Dejn iffinanzjat bħala l-bilanċ tal-kapital pendenti totali tal-iskopertura sottostanti pendenti sad-data limitu għad-*data*. Dan jinkludi kwalunkwe ammont ikklassifikat bħala kapital fit-titolizzazzjoni. Pereżempju jekk ikunu ġew miżjuda tariffi mal-bilanċ tal-iskopertura sottostanti u dawn ikunu parti mill-kapital fit-titolizzazzjoni, dawn għandhom jiġu miżjuda. Eskluż kwalunkwe arretrat ta' mgħax jew ammont ta' penali.<br>L-introjtu huwa definit bħala introjtu kombinat, is-somma tal-introjtu primarju u (fejn applikabbli) sekondarju. | IVA | IVA |
| IVAL21 | Tip ta' Amortizzament | Il-bilanċ tal-kapital pendenti totali tal-iskoperturi ta' dan it-tip fejn l-amortizzament huwa jew bullet, bużżieqa, jew xi arranġament ieħor minbarra Franċiż, Ġermaniż, jew skeda ta' amortizzament fiss. Għall-finijiet ta' dan il-kamp:<br>— Amortizzament Franċiż huwa definit bħala amortizzament li fih l-ammont totali — il-kapital flimkien mal-imgħax — imħallas lura f'kull ħlas parzjali jkun l-istess; | IVA | IVA |

| Kamp tal-kodiċi | Isem tal-kamp | Kontenut li għandu jiġi rrapportat | ND1-ND4 permessi? | ND5 permessi? |
|---|---|---|---|---|
| | | — Amortizzament Ġermaniż huwa definit bħala amortizzament li fih l-ewwel ħlas parzjali jkun jinkludi l-imgħax biss u l-ħlasijiet parzjali li jifdal ikunu kostanti, inkluż l-amortizzament tal-kapital u l-imgħax;<br>— Skeda ta' Amortizzament Fiss hija definita bħala amortizzament li fih l-ammont tal-kapital imħallas lura f'kull ħlas parzjali jkun l-istess;<br>— Amortizzament Bullet huwa definit bħala amortizzament li fih l-ammont sħiħ tal-kapital jitħallas lura fl-aħħar ħlas parzjali;<br>— Amortizzament Balloon huwa definit bħala amortizzament li jikkonsisti f'ripagamenti parzjali tal-kapital segwiti minn ammont finali akbar ta' kapital; u<br>— Amortizzament ieħor huwa definit bħala kwalunkwe tip ta' amortizzament ieħor mhux kopert minn kwalunkwe waħda mill-kategoriji elenkati hawn fuq.<br>Inkludi l-munita li fiha huwa denominat l-ammont, billi tuża l-format {CURRENCYCODE_3}. | | |
| IVAL22 | Frekwenza tal-Pagamenti Skedati tal-Kapital Akbar Minn Xahar | Il-bilanċ tal-kapital pendenti totali tal-iskoperturi ta' dan it-tip fejn il-frekwenza tal-pagamenti tal-kapital dovuti, jiġifieri l-perjodu bejn il-pagamenti, tkun akbar minn xahar (eż. trimestrali, semiannwali, annwali, bullet, ebda kupun, oħrajn).<br>Inkludi l-munita li fiha huwa denominat l-ammont, billi tuża l-format {CURRENCYCODE_3}. | IVA | IVA |
| IVAL23 | Frekwenza tal-Pagamenti Skedati tal-Imgħax Akbar Minn Xahar | Il-bilanċ tal-kapital pendenti totali tal-iskoperturi ta' dan it-tip fejn il-frekwenza tal-pagamenti tal-imgħax dovuti, jiġifieri l-perjodu bejn il-pagamenti, tkun akbar minn xahar (eż. trimestrali, semiannwali, annwali, bullet, ebda kupun, oħrajn).<br>Inkludi l-munita li fiha huwa denominat l-ammont, billi tuża l-format {CURRENCYCODE_3}. | IVA | IVA |
| IVAL24 | Riċevibbli b'Rata Varjabbli | Il-bilanċ pendenti totali tal-kapital tal-iskoperturi ta' dan it-tip, sad-data limitu għad-*data*, fejn ir-rata tal-imgħax ġeneralment tinftiehem li hija "varjabbli". "Varjabbli" tirreferi għal rata indiċjata ma' kwalunkwe wieħed minn dawn li ġejjin: LIBOR (kwalunkwe munita u maturità), EURIBOR (kwalunkwe munita u maturità), rata bażi ta' kwalunkwe bank ċentrali (BoE, BĊE, eċċ.), ir-rata varjabbli standard tal-oriġinatur, jew kwlaunkwe arranġament simili.<br>Inkludi l-munita li fiha huwa denominat l-ammont, billi tuża l-format {CURRENCYCODE_3}. | IVA | IVA |
